Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Settembru 2023**
**(OR. en)**

**12965/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0321(CNS)**

**FISC 191**
**ECOFIN 870**
**IA 224**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Settembru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 532 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL dwar in-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 532 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 532 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.9.2023
COM(2023) 532 final

2023/0321 (CNS)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## dwar in-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT)

{SWD(2023) 308 final} - {SWD(2023) 309 final}

MT MT

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Il-proposta BEFIT tħabbret fil-Komunikazzjoni dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-Seklu 21 f’Mejju 2021[1]. Il-proposta hija inkluża wkoll fil-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni 2023[2] u hija rilevanti wkoll minn perspettiva tar-riżorsi proprji, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-2021 dwar il-ġenerazzjoni li jmiss ta’ riżorsi proprji għall-baġit tal-Unjoni[3].

L-idea li jiġi żviluppat qafas komuni għat-taxxa korporattiva b’appoġġ għas-suq intern minn dejjem kienet parti mill-istorja tal-Unjoni u dehret għall-ewwel darba fid-dokumenti ta’ politika tal-Komunità Ekonomika Ewropea lura fis-snin sittin. Madankollu, hekk kif qegħdin niċċelebraw it-30 sena tas-suq intern, għad ma hemm l-ebda regola komuni kif jiġi kkalkolat l-introjtu taxxabbli tan-negozji li joperaw fl-Unjoni. Għalhekk, in-negozji jridu jikkonformaw ma’ (massimu ta’) 27 sistema tat-taxxa nazzjonali differenti, u dan jagħmilha diffiċli u għalja għall-kumpaniji sabiex jagħmlu negozju madwar l-Unjoni. Il-kumplessità u d-diskrepanzi fl-interazzjoni tas-sistemi tat-taxxa differenti joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwivalenti ta’ kompetizzjoni u jżidu l-inċertezza tat-taxxa u l-kostijiet tal-konformità mar-regoli tat-taxxa għan-negozji li joperaw f’aktar minn Stat Membru wieħed. Dan għandu effett avvers fuq il-funzjonament tas-suq intern billi jiskoraġġixxi l-investimenti transfruntiera u jpoġġi lin-negozji tal-Unjoni fi żvantaġġ kompetittiv meta mqabblin ma’ negozji li joperaw fi swieq ta’ daqs komparabbli xi mkien ieħor fid-dinja.

Barra minn hekk, il-prinċipju ta’ distakkament fil-prezzar ta’ trasferiment li jintuża għall-valwazzjoni tat-tranżazzjonijiet bejn intrapriżi assoċjati mhux biss jirriżulta f’kostijiet ogħla u f’tilwimiet fit-tul iżda jiddependi wkoll fuq id-disponibbiltà ta’ tranżazzjonijiet komparabbli, li jagħmluh anqas akkurat speċjalment għal tranżazzjonijiet relatati ma’ assi intanġibbli (privattivi, trademarks, avvjament, eċċ.), billi dawn huma uniċi fin-natura tagħhom. Dan jagħmel il-bażi għat-taxxa tal-Istati Membri anqas stabbli, u n-negozji jirriskjaw valwazzjoni arbitrarja ta’ parti importanti mill-attivitajiet tagħhom.

Sabiex jiġu indirizzati l-problemi identifikati, l-għarfien siewi miksub minn ħafna snin ta’ negozjati u mill-analiżijiet relatati tal-fajls tat-tassazzjoni issa jista’ jintuża fit-tfassil tal-BEFIT. B’mod partikolari, il-proposti tal-2011[4] u tal-2016[5] għal bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva taw bidu għal skambju dettaljat ta’ fehmiet u l-Istati Membri kkonverġew b’mod konsiderevoli fl-approċċi tekniċi tagħhom matul dawk in-negozjati. Din il-proposta tissostitwixxi l-proposti tal-Kummissjoni dwar Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva u dwar Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva, li jiġu rtirati. Il-BEFIT se tirrifletti l-għarfien miksub u l-bidliet fl-ekonomija moderna kkaratterizzati minn żieda fil-globalizzazzjoni u fid-diġitalizzazzjoni.

---

1 COM(2021) 251 final
2 COM(2022) 548 final
3 COM(2021) 566 final
4 COM(2011) 121/4 final.
5 COM(2016) 685 final; COM(2016) 683 final.

Il-kuntest għall-politika tat-tassazzjoni tal-Unjoni nbidel b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin. Il-kunċetti ewlenin ta' inizjattivi tat-taxxa korporattiva u ta' diskussjonijiet ta' segwitu ġew adottati f'kuntesti oħrajn u usa' minn qabel. Fl-2020, il-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni qablu li bażi komuni għat-taxxa korporattiva tista' tkun il-bażi għal riżorsa proprja ġdida li l-Kummissjoni se tipproponi[6]. Fl-2021, bħala parti mid-dikjarazzjoni tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri[7], aktar minn 135 pajjiż qablu li jikkalkulaw ir-rata tat-taxxa effettiva ta' grupp multinazzjonali kbir billi jibdew mir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-grupp (it-Tieni Pilastru) u li jużaw il-formula tat-tqassim sabiex jallokaw mill-ġdid parzjalment il-profitti taxxabbli (l-Ewwel Pilastru). Il-ftehim dwar it-Tieni Pilastru ġie approvat mill-Istati Membri li adottaw b'mod unanimu d-Direttiva dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u għal gruppi domestiċi fl-Unjoni (id-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru) f'Diċembru 2021[8]. Għalhekk, il-politiki tal-Unjoni jistgħu jibnu mhux biss fuq l-esperjenzi proprji, iżda wkoll fuq dawn l-iżviluppi fil-qasam tat-tassazzjoni korporattiva li jseħħu fil-livell internazzjonali.

Il-progress teknoloġiku u l-kapaċità amministrattiva mtejba tal-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istati Membri għamlu wkoll il-prospett għall-implimentazzjoni u għall-ġestjoni ta' qafas tat-taxxa madwar l-Unjoni bħala proposta aktar effiċjenti u fattibbli. Barra minn hekk, wara l-kriżi tal-COVID-19 u fil-kuntest tal-inċertezza ekonomika kkawżata mill-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, regoli affidabbli u dħul pubbliku stabbli huma aktar importanti minn qatt qabel. Madankollu, il-bażijiet għat-taxxa tal-Istati Membri jinbidlu bħala riżultat tal-megatendenzi, bħall-globalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, it-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali, popolazzjoni li qed tixjieħ, u suq tax-xogħol li qed jinbidel. B'mod partikolari, il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni wittew it-triq għat-trasferiment tal-profitt permezz ta' prattiki ta' ppjanar tat-taxxa li qabel kienu indirizzati mill-Unjoni u mill-Istati Membri billi adottaw miżuri kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. Dawn il-miżuri kienu ta' suċċess fl-indirizzar ta' kwistjonijiet speċifiċi, iżda żiedu wkoll il-kumplessità tas-sistemi tat-taxxa li n-negozji jridu jinnavigaw. Għalhekk, sar aktar urġenti li l-politika tat-tassazzjoni tal-Unjoni tiżgura li l-bażijiet għat-taxxa tal-Istati Membri jkunu robusti, sostenibbli, u protetti kontra l-abbuż filwaqt li tnaqqas il-kumplessità fis-suq intern.

Din il-proposta tfittex triq 'il quddiem li tgħaqqad l-aspetti kollha billi tintroduċi qafas komuni għat-tassazzjoni tal-introjtu korporattiv fl-Unjoni. Il-qafas komuni jissimplifika l-ambjent tat-taxxa fis-suq intern billi jissostitwixxi s-27 mod differenti kurrenti għad-determinazzjoni tal-bażi taxxabbli għal gruppi ta' kumpaniji li għandhom dħul annwali kombinat li jaqbeż is-EUR 750 miljun. Konsegwentement, il-qafas komuni joħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, itejjeb iċ-ċertezza legali, inaqqas il-kostijiet tal-

---

6 Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda.

7 Id-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija – it-8 ta' Ottubru 2021, il-Proġett tal-OECD/G20 dwar Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u Trasferiment tal-Profitti.

8 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 1)

konformità, iħeġġeġ lin-negozji joperaw b'mod transfruntier u jistimula l-investimenti u t-tkabbir fl-Unjoni.

Flimkien ma' din il-proposta, il-Kummissjoni adottat proposta separata dwar il-prezzar ta' trasferiment li hija koperta mill-istess rapport ta' valutazzjoni tal-impatt.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din id-Direttiva hija konformi ma' u tikkomplementa numru ta' proposti reċenti magħmulin mill-Kummissjoni, li tħabbru wkoll fil-Komunikazzjoni dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-seklu 21. B'mod partikolari, il-proposta "DEBRA" li għandha l-għan li tippromwovi t-tkabbir u l-innovazzjoni billi tindirizza l-predispożizzjoni favur id-dejn fit-tassazzjoni korporattiva permezz ta' sistema ta' kwoti[9], u l-proposta "UNSHELL" li għandha l-għan li tindirizza l-użu ħażin ta' kumpaniji fantażma għal finijiet tat-taxxa, permezz ta' miżuri ġodda għall-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa[10].

Din l-inizjattiva hija wkoll konsistenti bis-sħiħ mal-politiki eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tat-tassazzjoni diretta. Id-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji,[11] id-Direttiva dwar l-Imgħax u r-Royalties[12] u d-Direttiva dwar il-fużjonijiet[13] kellhom l-objettiv li jindirizzaw it-taxxa doppja tal-kumpaniji. Il-BEFIT tkompli tibni fuq din il-politika u għandha l-għan li tipprovdi soluzzjoni aktar komprensiva. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (DAC)[14] tiżgura l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' tipi differenti ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri. B'mod partikolari, mill-2017, ir-reviżjoni tad-DAC4[15] tirrikjedi li l-entitajiet omm apikali tal-gruppi MNE jippreżentaw rapporti pajjiż b'pajjiż li jkun fihom informazzjoni dwar id-dħul, il-profitti, it-taxxi, l- impjegati u l-assi tanġibbli, u l-entitajiet kostitwenti tagħhom. Din l-informazzjoni hija kondiviża bejn l-Istati Membri. Is-sistema ta' amministrazzjoni tal-BEFIT tibbenefika minn din il-kooperazzjoni eżistenti u tagħmilha aktar effiċjenti.

---

9 Il-Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment ta' regoli dwar remissjoni li tnaqqas il-predispożizzjoni favur id-dejn, u dwar il-limitazzjoni tad-deduċibbiltà tal-imgħax għal finijiet ta' taxxa korporattiva, COM/2022/216 final.

10 Il-Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa u li temenda d-Direttiva 2011/16/UE, COM/2021/565 final.

11 Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE tat-30 ta' Novembru 2011 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (riformulazzjoni) (ĠU L 345, 29.12.2011, p. 8)

12 Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (ĠU L 157, 26.6.2003, p. 49)

13 Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/133/KEE tad-19 ta' Ottubru 2009 dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal mergers, diviżjonijiet, diviżjonijiet parzjali, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpanniji ta' Stati Membri differenti u għat-trasferiment tal-uffiċċju reġistrat, ta' SE jew SCE, bejn Stati Membri.

14 Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1)

15 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/881 tal-25 ta' Mejju 2016 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 146, 3.6.2016, p. 8).

Din il-proposta hija kompatibbli wkoll mad-Direttiva kontra l-Evitar tat-Taxxa (ATAD)[16] li ġiet adottata fl-2016 sabiex jiġu indirizzati l-prattiki ta' evitar tat-taxxa. Il-BEFIT ma tmurx kontra dawn ir-regoli. In-negozji li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-BEFIT jistgħu jibbenefikaw saħansitra minn aktar ċertezza tat-taxxa f'dan ir-rigward. Is-sitwazzjoni tat-taxxa tagħhom tkun aktar trasparenti u aktar ċara, meta mqabbla mal-ħtieġa li l-operazzjonijiet tagħhom jiġu strutturati f'konformità ma' oqfsa legali nazzjonali multipli filwaqt li jiġi żgurat ukoll li dawn jirrispettaw l-iskop ewlieni ta' kull qafas u jevitaw id-diskrepanzi. L-unika dispożizzjoni li fiha l-proposta tal-BEFIT jeħtieġ li tiżgura l-konsistenza hija r-regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax (l-Artikolu 4 tal-ATAD). Għal dan l-għan, il-proposta tinkludi dispożizzjoni speċifika sabiex takkomoda din il-miżura fid-dimensjoni ta' grupp transfruntier u mhux bħala regola li tapplika kumpanija b'kumpanija (l-Artikolu 13).

Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-implimentazzjoni tas-Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri tal-Qafas Inkluživ tal-OECD/G20. Bħala estensjoni għall-Proġett tal-OECD/G20 dwar Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u Trasferiment tal-Profitti (BEPS) fl-2015, u b'mod partikolari għar-Rapport ta' Azzjoni 1 tal-BEPS dwar l-indirizzar tal-isfidi tat-taxxa tal-ekonomija diġitali, ġie stabbilit Qafas Inkluživ tal-OECD/G20 sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni. L-approċċ iffoka fuq żewġ flussi ta' xogħol differenti, iżda relatati u fl-2021, il-ġuriżdizzjonijiet madwar id-dinja laħqu ftehim storiku dwar soluzzjoni b'żewġ pilastri. L-Ewwel Pilastru jinkludi riallokazzjoni parzjali tad-drittijiet tat-taxxa għall-ġuriżdizzjonijiet tas-suq (Ammont A) u simplifikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament għal ċerti attivitajiet (Ammont B). It-Tieni Pilastru jikkonsisti fir-regoli Globali Kontra l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa (GloBE), li huma żewġ regoli domestiċi li jorbtu flimkien li jiżguraw tassazzjoni effettiva minima ta' 15 %, u r-Regola Soġġett għat-Taxxa (STTR), li hija regola bbażata fuq it-trattat li tippermetti rata minima ta' 9 % fuq ċerti pagamenti. Fil-15 ta' Diċembru 2022, l-Unjoni adottat id-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru, bil-ħsieb li timplimenta r-regoli tal-GloBE b'mod uniformi fl-Unjoni. Il-ħidma ulterjuri tal-Qafas Inkluživ tal-OECD/G20 sabiex jiġu indirizzati l-elementi li jifdal tas-Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri ġiet miftiehma minn 138 pajjiż u ġuriżdizzjoni fil-11 ta' Lulju 2023[17]. Il-proposta tibni fuq il-kisbiet taż-żewġ Pilastri, sabiex tipprovdi lin-negozji fl-Unjoni b'sempliċità u b'ċertezza b'mod komprensiv.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen ħabbret fid-diskors tagħha tal-2022 dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea li l-Kummissjoni se tipproponi "Pakkett ta' Għajnuna" għall-SMEs. Il-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs għandu jipprovdi appoġġ tant meħtieġ għall-iżgurar tal-fluss tal-flus, għas-simplifikazzjoni, u għall-investiment u għat-tkabbir. Dan għandu jagħmilha aktar faċli għall-SMEs sabiex jagħmlu negozju fis-suq intern. F'dan ir-rigward, proposta relatata għal Direttiva għall-SMEs bi preżenza taxxabbli limitata barra mill-pajjiż (biss permezz ta' stabbilimenti permanenti fi Stat(i) Membru/i ieħor/oħrajn) hija mistennija tikkomplementa l-firxa tal-inizjattivi tal-Kummissjoni għas-simplifikazzjoni fit-tassazzjoni korporattiva. Dan jiżgura li l-gruppi tal-SMEs jitħeġġu wkoll sabiex jespandu lil

[16] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1)

[17] OECD/G20 Base Erosion and Profit Shifting Project Outcome Statement on the Two-Pillar Solution to Address the Tax Challenges Arising from the Digitalisation of the Economy tal-11 ta' Lulju 2023

hinn mill-fruntieri u li l-kostijiet għoljin tal-konformità mar-regoli tat-taxxa ma jfixklux lill-SMEs milli jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet fis-suq intern.

Il-BEFIT u l-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs huma komplementari. Iż-żewġ inizjattivi għandhom l-għan li jtejbu s-simplifikazzjoni għan-negozji. Fil-qasam tat-tassazzjoni, il-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs għandu l-għan li joffri simplifikazzjoni għall-SMEs bi preżenza limitata barra mill-pajjiż filwaqt li l-BEFIT tiffoka fuq gruppi korporattivi kbar li diġà għandhom attività transfruntiera estensiva. Madankollu, il-BEFIT toffri regoli mhux obbligatorji għall-SMEs li huma parti minn grupp li jippreżenta rapporti finanzjarji konsolidati. Il-kamp ta' applikazzjoni mhux obbligatorju jippermettilhom jagħżlu l-għażla l-aktar sempliċi u kosteffiċjenti fuq il-bażi tal-ħtiġijiet individwali tagħhom.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Ir-regoli tal-proposta għandhom l-għan li japprossimaw il-liġijiet, ir-regolamenti jew il-prattiki amministrattivi tal-Istati Membri billi jaffettwaw direttament l-istabbiliment jew il-funzjonament tas-suq intern. Għalhekk, għandha tiġi adottata skont proċedura leġiżlattiva speċjali f'konformità ma' dan l-Artikolu u fil-forma ta' Direttiva. Il-kompetenza tal-Unjoni f'dan il-qasam hija kondiviża mal-Istati Membri.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

In-negozji fl-Unjoni qegħdin joperaw dejjem aktar b'mod transfruntier fis-suq intern, iżda l-qafas tat-taxxa kurrenti fl-Unjoni jikkonsisti f'27 sistema differenti tat-taxxa korporattiva. Din il-varjetà ta' regoli tirriżulta fi frammentazzjoni u tippreżenta impediment serju għall-attività tan-negozji fis-suq intern. Fil-fatt, in-negozji transfruntieri jiffaċċjaw kostijiet għoljin tal-konformità mar-regoli tat-taxxa fis-suq intern, billi jridu jikkonformaw ma' diversi oqfsa legali. Barra minn hekk, id-disparitajiet bejn l-Istati Membri joħolqu diskrepanzi li jistgħu jwasslu għal nontassazzjoni doppja u benefiċċji mhux intenzjonati tat-taxxa.

Dawn il-problemi huma komuni għall-Istati Membri kollha u ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv permezz ta' azzjonijiet nazzjonali. Billi qabel kollox huma r-riżultat tat-tħaddim ta' sistemi tat-taxxa differenti, azzjoni nazzjonali mhux koordinata tkun tipproduċi effetti insuffiċjenti. B'mod simili, filwaqt li kooperazzjoni aħjar tista' tkun ta' benefiċċju wkoll, dan l-approċċ kien prinċipalment bilaterali u huwa limitat, speċjalment għal gruppi li joperaw f'aktar minn żewġ Stati Membri.

F'dan il-kuntest, hija biss inizjattiva mifruxa mal-Unjoni kollha li tipprevedi sett komuni ta' regoli li tista' tkun effettiva. Il-kumplessità u l-konsegwenzi tagħha jitnaqqsu b'mod sinifikanti jekk ikun hemm fis-seħħ sett wieħed ta' regoli tat-taxxa korporattiva madwar l-Unjoni għal gruppi ta' kumpaniji. Id-diskrepanzi jistgħu jiġu eliminati biss, minflok ikkoreġuti, meta l-problema tiġi indirizzata b'regoli komuni.

Jekk l-azzjoni tittieħed fil-livell tal-Unjoni, ikollha valur miżjud ċar. Pereżempju, l-aggregazzjoni tal-bażijiet għat-taxxa tal-membri ta' grupp f'aggregazzjoni waħda, flimkien ma' metodu sempliċi għall-allokazzjoni tal-profitti fi ħdan il-grupp, ikunu jipprovdu metodu għad-determinazzjoni tal-obbligazzjonijiet tat-taxxa ta' gruppi ta' kumpaniji b'mod aktar oġġettiv u anqas għali. Madankollu, l-Istati Membri ma jistgħux jużaw dan il-metodu b'mod effettiv individwalment, minħabba li jibqa' r-riskju ta' tassazzjoni doppja u ta' tilwim jekk il-metodu għall-allokazzjoni tal-profitt ma jkunx uniformi għall-grupp kollu u l-bażi għat-taxxa allokabbli tal-grupp ma tiġix ikkalkolata f'konformità ma' sett wieħed ta' regoli.

Regoli sostantivi komuni jistgħu jiġu amministrati wkoll minn qafas komuni, li jkollu vantaġġi definittivi għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa fl-Unjoni. Minflok il-preżentazzjoni f'kull Stat Membru, punt uniku ta' servizz jista' jippermetti lil gruppi ta' kumpaniji jikkonformaw mar-rekwiżiti permezz ta' entità waħda. Għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa, li bħalissa jivvalutaw l-obbligazzjonijiet ta' taxxa tal-istess negozji transfruntieri separatament iżda kull waħda bir-riżorsi proprji tagħha biss, ikun possibbli li dawk ir-riżorsi jintużaw b'mod kollettiv b'mod aktar effettiv u mmirat. Barra minn hekk, il-kwistjonijiet transfruntieri jistgħu jeħtieġu ftehim bejn Stati Membri differenti u spiss jirriżultaw f'tilwim jew fi proċeduri twal. B'hekk, qafas amministrattiv komuni jkun jippermetti wkoll lin-negozji fl-Unjoni jiksbu grad ta' ċertezza bikrija dwar ċerti oġġetti.

Għalhekk, din l-inizjattiva hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-TFUE, meta jitqies li l-objettivi ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u approċċ komuni għall-Istati Membri kollha jkollu l-ogħla probabbiltà li jilħaq l-objettivi maħsubin.

- **Proporzjonalità**

Il-miżuri previsti ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħhom u, għalhekk, huma konformi mal-prinċipji tal-proporzjonalità. Il-proposta ma tippreskrivix armonizzazzjoni sħiħa tas-sistemi tat-taxxa korporattiva iżda tistabbilixxi biss regoli komuni sabiex jiġi ddeterminat l-introjtu taxxabbli ta' gruppi (kbar) ta' kumpaniji fl-Unjoni. Dan huwa meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-objettivi tal-inizjattiva u r-regoli huma limitati bir-reqqa għal dak li jkun strettament neċessarju.

Il-politiki dwar ir-rati tat-taxxa u l-infurzar jibqgħu kompletament f'idejn l-Istati Membri. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri proposti jikkonċerna biss il-bażi għat-taxxa. B'mod aktar speċifiku, il-proposta tintroduċi biss regoli meta dan ikun neċessarju sabiex in-negozji fl-Unjoni jkunu jistgħu jikkalkolaw il-bażi għat-taxxa tagħhom madwar l-Unjoni abbażi ta' sett uniku ta' regoli. Dan ifisser li l-bażi għat-taxxa l-ġdida tal-BEFIT tkun ibbażata primarjament fuq ir-regoli tal-kontabilità finanzjarja eżistenti, li diġà huma aċċettati skont id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri jew il-prinċipji tal-kontabilità ġeneralment aċċettati (GAAP) nazzjonali tal-Istati Membri, jew l-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju (IFRS). Il-proposta ma tarmonizzax b'mod ġenerali r-regoli tal-bażi għat-taxxa, iżda biss meta dan ikun neċessarju u tippermetti aġġustamenti addizzjonali wara l-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, b'kunsiderazzjoni għall-ħtiġijiet tal-politika nazzjonali.

Sabiex jiġi żgurat li l-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak li jkun meħtieġ, ir-regoli jkunu wkoll mhux obbligatorji għall-biċċa l-kbira tan-negozji, li jistgħu jkomplu japplikaw ir-regoli eżistenti tal-Istati Membri. Il-kamp ta' applikazzjoni obbligatorju huwa limitat għas-subsett tal-Unjoni tal-gruppi l-kbar li huma wkoll fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru, sakemm grupp kbir ma jkollux il-kwartieri ġenerali barra l-Unjoni iżda jkollu attività limitata fis-suq intern (livell limitu ta' materjalità). Dan l-approċċ immirat jittieħed sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-koerenza fl-Unjoni u minħabba li r-regoli komuni skont din id-Direttiva jkunu ta' benefiċċju, b'mod partikolari, għal dawn in-negozji. Għalhekk, huma l-aktar probabbli li jkollhom preżenza transfruntiera b'saħħitha u r-regoli l-ġodda huma allinjati mill-qrib kemm jista' jkun mal-approċċ b'Żewġ Pilastri.

L-applikazzjoni tar-regoli tal-BEFIT b'mod uniformi għal dawn il-gruppi tkun tiżgura koerenza mad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru. Tippermetti li jiġu ingranati l-interazzjonijiet u li l-kostijiet tal-implimentazzjoni jinżammu għall-anqas possibbli. Kemm il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT kif ukoll ir-rata minima effettiva tat-taxxa tat-Tieni Pilastru jiġu ttrattati fl-istess livell, jiġifieri fil-livell tal-grupp tal-Unjoni. Il-proċessi jistgħu jiġu allinjati wkoll;

pereżempju, it-tnejn jiddependu fuq ir-rapporti kontabilistiċi finanzjarji bħala punt tat-tluq u l-kumpaniji jeħtiġilhom japplikaw l-aġġustamenti tat-taxxa madwar l-Unjoni għat-tnejn li huma. Għalhekk, dan huwa pass proporzjonat 'il quddiem sabiex jiġu ssimplifikati r-regoli tat-taxxa tagħna u tissaħħaħ iċ-ċertezza tat-taxxa fl-Unjoni.

L-introduzzjoni ta' qafas tat-taxxa ġdid għan-negozji fl-Unjoni tkun timplika xi spejjeż inizjali ta' adattament u piżijiet amministrattivi. Madankollu, dawn il-kostijiet huma stmati li jingħelbu mill-iffrankar tal-kostijiet tal-konformità kif ukoll mill-proċeduri amministrattivi simplifikati u, fit-tul, mill-allokazzjoni mtejba tar-riżorsi min-negozji u mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

Konsegwentement, din l-inizjattiva hija wkoll konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-TFUE, billi l-kontenut u l-forma tagħha ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju u proporzjonat mal-objettivi maħsubin.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta hija għal Direttiva, li hija l-uniku strument legali permissibbli skont il-bażi legali (l-Artikolu 115 tat-TFUE).

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-istrateġija ta' konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati għal din l-inizjattiva kienet tikkonsisti kemm f'konsultazzjonijiet pubbliċi kif ukoll f'konsultazzjonijiet immirati. Għall-konsultazzjoni pubblika, fit-13 ta' Ottubru 2022 ġew ippubblikati sejħa għall-evidenza[18] u stħarriġ online, segwiti minn perjodu ta' konsultazzjoni ta' 12-il ġimgħa li sar sas-26 ta' Jannar 2023. Din kellha l-għan li fiha jinġabru l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar il-prinċipji ewlenin li jiddefinixxu l-karatteristiċi ta' bażi komuni tat-taxxa korporattiva fl-Unjoni. B'mod ġenerali, il-konsultazzjoni rċiviet 123 kontribut, li jikkonsistu f'46 kontribut ta' feedback u f'77 tweġiba għall-istħarriġ ta' konsultazzjoni pubblika, li minnhom 29 kienu jinkludu sottomissjonijiet bil-miktub li jew kienu mehmużin ma' feedback jew intbagħtu permezz tal-posta elettronika. Erbgħa u ħamsin mill-123 kontribut ġew sottomessi minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi li jirrappreżentaw interessi kummerċjali ġenerali, konsulenti tat-taxxa, avukati, jew setturi tan-negozju speċifiċi, bħall-assigurazzjoni. Ir-rispondenti kienu jinkludu wkoll ċittadini u negozji kemm akbar kif ukoll iżgħar, kif ukoll istituzzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka, organizzazzjonijiet nongovernattivi, u trade unions. Ma daħal l-ebda kontribut mingħand l-awtoritajiet nazzjonali.

Fil-valutazzjoni tal-impatt ġew ikkunsidrati l-kontributi riċevuti kollha. Rapport fil-qosor jista' jinstab fl-anness tar-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt, u l-Kummissjoni ppubblikat l-input tal-partijiet ikkonċernati u rapport fil-qosor fattwali fuq il-paġna ta' konsultazzjoni. Dan tal-aħħar jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata lejn il-profili tar-rispondenti u l-kontribut riċevut.

[18] Is-sejħa għal evidenza għal valutazzjoni tal-impatt - Ares(2022)7086603.

Saru wkoll konsultazzjonijiet immirati u laqgħat bilaterali mal-partijiet ikkonċernati rilevanti (kontribwenti korporattivi li x'aktarx jaqgħu taħt il-BEFIT, akkademiċi, Stati Membri). Fl-anness tar-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt tista' tinstab ġabra tar-rapporti tal-intervisti minn konsultazzjonijiet immirati. L-Istati Membri ġew infurmati wkoll permezz ta' laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni IV (tassazzjoni diretta) u tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli (HLWP) tal-Kunsill.

Minn dawn l-iskambji u l-kontribut kollha riċevut minn diversi partijiet ikkonċernati, jista' jiġi konkluż li, filwaqt li l-fehmiet ivarjaw, hemm kunsens mifrux dwar il-problemi li jirriżultaw mid-differenzi bejn is-sistemi tat-taxxa nazzjonali u dwar il-ħtieġa għal azzjoni fl-Unjoni sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni frammentata u ineffiċjenti.

Il-fehmiet dwar il-karatteristiċi ewlenin għal sistema ġdida kienu aktar maqsumin. Madankollu, il-proposta tinkludi l-għażliet li kienu l-aktar ippreferuti mir-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika, bħal kamp ta' applikazzjoni ibridu, il-kalkolu tal-bażi għat-taxxa billi jsiru kemm jista' jkun ftit aġġustamenti fil-kontijiet finanzjarji, l-għoti ta' possibbiltà ta'

ħelsien minn taxxa għal telf f'livell transfruntier, u simplifikazzjoni għall-obbligi ta' preżentazzjoni. Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ma' intrapriżi assoċjati barra mill-grupp tal-BEFIT, se jkomplu japplikaw ir-regoli dwar il-prezzar ta' trasferiment, iżda l-proposta tressaq parametri referenzjarji għal qafas simplifikat ta' valutazzjoni tar-riskju. Dawn tal-aħħar kienu ppreferuti mill-biċċa l-kbira tar-rispondenti.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni qagħdet fuq l-għarfien espert taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tagħha, li uża l-mudell CORTAX sabiex jistudja l-impatti possibbli tal-inizjattiva. Il-mudell CORTAX huwa mudell ta' ekwilibriju ġenerali intiż sabiex jevalwa l-effetti tar-riformi tat-taxxa korporattiva f'27 Stat Membru, billi juża *data* dettaljata minn diversi sorsi.

Il-Kummissjoni ma qagħditx fuq l-għarfien espert estern fit-tħejjija ta' din il-proposta.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt sabiex titħejja din l-inizjattiva, kif ukoll il-proposta għal Direttiva dwar il-Prezzar ta' Trasferiment. L-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt ġie ppreżentat lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) tal-Kummissjoni fis-26 ta' April u saret laqgħa fl-24 ta' Mejju 2023. L-RSB ta opinjoni pożittiva[19] b'riżervi fis-26 ta' Mejju 2023, li fiha ssuġġerixxa lok għal aktar titjib. L-oqsma għat-titjib ewlenin kienu: li titfassal rabta aktar ċara mal-proposti preċedenti u mal-iżviluppi internazzjonali tat-taxxa li għaddejjin, deskrizzjoni aktar dettaljata tal-estimi tal-kostijiet tal-konformità, spjegazzjoni aħjar tal-kostijiet u tal-benefiċċji u deskrizzjoni aktar ċara tal-arranġamenti ta' monitoraġġ.

Tħejja rapport rivedut ta' valutazzjoni tal-impatt li indirizza dawn ir-riżervi. Pereżempju, it-tagħlimiet meħuda minn inizjattivi preċedenti tat-taxxa korporattiva ġew ċċarati u żdiedu r-rabtiet mal-Approċċ b'Żewġ Pilastri tal-OECD. L-estimi tal-kostijiet tal-konformità ġew amplifikati wkoll sa fejn possibbli fuq il-bażi tad-*data* disponibbli.

19 Ares(2023)3669156, is-26 ta' Mejju 2023.

Instab li kien neċessarju li l-inizjattivi vvalutati fir-rapport li rċevew l-opinjoni pożittiva b'riżerva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju jiġu ppreżentati bħala proposti separati. Għal din ir-raġuni, dan ir-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt jivvaluta biss l-impatt tal-proposti għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-BEFIT u għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-Prezzar ta' Trasferiment.

Ir-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta jirrappreżenta fedelment l-analiżi dwar il-BEFIT u l-Prezzar ta' Trasferiment li tinsab fl-abbozz skrutinizzat tal-valutazzjoni tal-impatt u jintegra r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju f'dak ir-rigward.

Ir-rapport jivvaluta l-impatt fuq il-bażi ta' diversi għażliet ta' politika. Għall-kamp ta' applikazzjoni tal-BEFIT, l-għażliet ikopru l-obbligatorji, il-fakultattivi, u l-ibridi, jiġifieri, obbligatorji għal xi gruppi filwaqt li jibqgħu fakultattivi għal oħrajn. Għall-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa, l-għażliet ikopru aġġustamenti limitati għar-rapporti finanzjarji u sett komprensiv ta' regoli tat-taxxa. Għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa, l-opzjonijiet ikopru formula mingħajr assi intanġibbli, formula li tinkludi assi intanġibbli u metodu ta' allokazzjoni ta' tranżizzjoni. Għal tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati barra mill-grupp tal-BEFIT, l-għażliet ikopru ż-żamma tal-*istatus quo* u l-introduzzjoni ta' "sistema tad-dawl tat-traffiku" bħala għodda għall-valutazzjoni tar-riskju. Għall-amministrazzjoni, l-għażliet ikopru punt uniku ta' servizz avvanzat, punt uniku ta' servizz limitat u punt uniku ta' servizz ibridu.

Sabiex jivvaluta dawn l-għażliet, ir-rapport jeżamina tliet "Verżjonijiet" tal-BEFIT, jiġifieri tliet kombinazzjonijiet tad-diversi għażliet. Billi l-valutazzjoni tal-għażliet tal-prezzar ta' trasferiment se tkun inkluża fi proposta separata, ma hijiex se tingħabar fil-qosor għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

**Verżjoni 1 – BEFIT "Komprensiva":**

| Kamp ta' applikazzjoni | Komputazzjoni tal-Bażi għat-Taxxa | Allokazzjoni tal-Vażi għat-Taxxa | Valutazzjoni tar-Riskju tal-Prezzar ta' Trasferiment | Amministrazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Obbligatorji għall-gruppi kollha | Sett komprensiv ta' regoli | Formula li tinkludi assi intanġibbli | Sistema tad-dawl tat-traffiku | Punt uniku ta' servizz avvanzat |

Din il-verżjoni tkun tipproponi regoli li huma obbligatorji għall-kontribwenti kollha, u tkun tinvolvi l-ogħla grad ta' armonizzazzjoni kif ukoll applikazzjoni immedjata. Din it-taħlita ta' għażliet tiżgura l-usa' kamp ta' applikazzjoni possibbli u, b'riżultat ta' dan, l-aktar simplifikazzjoni estensiva għan-negozji fl-Unjoni u għall-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, meta jitqies li tkun tissostitwixxi r-regoli nazzjonali kurrenti dwar it-tassazzjoni tal-gruppi fl-Unjoni.

**Verżjoni 2 – BEFIT "Issimplifikata":**

| Kamp ta' applikazzjoni | Komputazzjoni tal-Bażi għat-Taxxa | Allokazzjoni tal-Bażi għat-Taxxa | Valutazzjoni tar-Riskju tal-Ipprezzar ta' Trasferiment | Amministrazzjoni |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Fakultattiv għall-gruppi kollha | Aġġustamenti tat-taxxa limitati | Regola dwar l-allokazzjoni tranżizzjonali | Żamma tar-regoli kurrenti | Punt uniku ta' servizz limitat |

Din il-verżjoni tkun tipproponi regoli li fil-biċċa l-kbira huma fakultattivi, bl-anqas grad ta' armonizzazzjoni u ppjanati biex jiġu applikati gradwalment. Din il-kombinazzjoni ta' għażliet iġġib magħha xi bidliet fl-*istatus quo*, iżda dawn ikunu aktar ristretti fil-kamp ta' applikazzjoni, anqas komprensivi, u b'dispożizzjoni għal applikazzjoni gradwali.

**Verżjoni 3 – BEFIT "Komposta":**

| Kamp ta' applikazzjoni | Komputazzjoni tal-Bażi għat-Taxxa | Allokazzjoni tal-Bażi għat-Taxxa | Valutazzjoni tar-Riskju tal-Ipprezzar ta' Trasferiment | Amministrazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Ibridu | Aġġustamenti tat-taxxa limitati | Regola dwar l-allokazzjoni tranżizzjonali | Sistema tad-dawl tat-traffiku | Punt uniku ta' servizz ibridu |

Din hija t-tielet "verżjoni tan-nofs" li hija kompilazzjoni ta' elementi ta' armonizzazzjoni obbligatorja u ta' applikazzjoni gradwali. Il-BEFIT "Komposta" tipprevedi approċċ ibridu fir-rigward tal-applikazzjoni u tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Tiżgura regoli komuni u obbligatorji mmirati lejn gruppi kbar li huma l-aktar probabbli li jkollhom strutturi u attivitajiet transfruntieri u, għalhekk, jistgħu jkunu mistennijin jibbenefikaw l-aktar mis-simplifikazzjoni li toffri l-BEFIT.

**Il-valutazzjoni tal-impatt tikkonkludi li l-Verżjoni 3 hija l-pakkett ta' politika preferut.** Mhux biss turi li hija effettiva fil-kisba tal-objettivi speċifiċi tal-inizjattiva iżda, barra minn hekk, turi effiċjenza, peress li l-kamp ta' applikazzjoni obbligatorju limitat tagħha huwa delineat sabiex jinkludi biss dawk il-gruppi li jistgħu jibbenefikaw l-aktar mir-regoli komuni u li jistgħu jaffordjaw it-tranżizzjoni, u huwa fakultattiv għal dawk il-gruppi taħt il-livell limitu.

Il-valutazzjoni tal-impatt tinkludi analiżi kost-benefiċċji tal-inizjattiva, li hija mistennija tkun pożittiva. Fost il-**benefiċċji** għan-negozji fl-Unjoni fil-qafas ta' din l-għażla, is-simplifikazzjonijiet li tintroduċi l-inizjattiva jkollhom il-potenzjal li jnaqqsu l-kostijiet kurrenti tal-konformità mar-regoli tat-taxxa għal kull ditta u huma mistennijin jistimulaw l-investiment u t-tkabbir u jikkontribwixxu sabiex jiġi żgurat dħul mit-taxxa aktar sostenibbli għall-Istati Membri.

Il-**kostijiet tal-proposta** ma jistgħux jiġu ddeterminati bi kwalunkwe preċiżjoni minħabba li l-proposta tal-BEFIT ma għandhiex preċedent u ma hemm l-ebda *data* dedikata li tista' tintuża b'mod affidabbli għal estimi konkreti. Madankollu, ir-rapport jindika li huma mistennijin il-kostijiet li ġejjin għall-implimentazzjoni tar-regoli komuni skont din il-proposta: kostijiet operazzjonali kontinwi ta' natura amministrattiva, kostijiet ta' aġġustament fuq terminu qasir (possibbilment ta' darba), relatati mal-aġġornar tas-sistemi tal-IT, u t-taħriġ tal-persunal tal-kumpaniji u tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa sabiex jaġġustaw għas-sistema l-ġdida. Dawn l-estimi jistgħu jinstabu fl-Anness 3 tar-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta għandha l-għan li tnaqqas il-piżijiet regolatorji kemm għall-kontribwenti kif ukoll għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa. Il-kostijiet ta' konformità mar-regoli taxxa huma piż għan-negozji u t-tnaqqis tagħhom ikun vantaġġ kbir fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva. It-tnaqqis stmat fil-kostijiet tal-konformità jidher fir-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt.

Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' simplifikazzjoni tar-regoli tat-taxxa, ta' stimular tat-tkabbir u tal-investiment, filwaqt li jiġi żgurat ukoll dħul mit-taxxa ġust u sostenibbli, b'mod proporzjonat, l-għażla ppreferuta tal-inizjattiva hija kamp ta' applikazzjoni ibridu għan-negozji transfruntieri fl-Unjoni. In-negozji fl-Unjoni, minbarra s-subsett tal-Unjoni tal-akbar gruppi, li wkoll jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru, huma eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni obbligatorju tal-inizjattiva. Għall-akbar gruppi, ir-regoli tal-BEFIT ikunu obbligatorji, sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-koerenza. Gruppi oħrajn taħt il-livell limitu, inklużi gruppi ta' SMEs, ikollhom l-għażla li japplikaw ir-regoli tal-BEFIT, skont l-istruttura tan-negozju tagħhom. Dan il-kamp ta' applikazzjoni volontarju għandu jiżgura li l-proposta tnaqqas b'mod effettiv il-piżijiet regolatorji. In-negozji x'aktarx li jagħżlu li jipparteċipaw meta jkunu jistgħu jibbenefikaw mis-simplifikazzjoni li joffru r-regoli. Jekk dan ma jkunx il-każ, jistgħu jkomplu japplikaw ir-regoli eżistenti. B'dan il-mod, il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta jiżgura li l-kostijiet tal-konformità għall-SMEs jinżammu baxxi. Fl-aħħar nett, billi l-proposta hija primarjament immirata sabiex tindirizza l-ħtiġijiet tan-negozji transfruntiera li jkollhom preżenza taxxabbli f'aktar minn Stat Membru wieħed, ħafna mikrointrapriżi, effettivament, ikunu barra mill-kamp ta' applikazzjoni.

L-amministrazzjonijiet tat-taxxa għandhom jibbenefikaw ukoll mit-tnaqqis mistenni fi kwistjonijiet ta' prezzar ta' trasferiment, billi l-ħtieġa ta' valutazzjonijiet bir-reqqa tal-konsistenza mal-prinċipju ta' distakkament titnaqqas għal tranżazzjonijiet intragrupp fil-qafas tar-regoli tal-BEFIT. Wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, il-ħtieġa għall-prezzar ta' tali tranżazzjonijiet intragrupp b'konsistenza mal-prinċipju ta' distakkament tista' saħansitra ssir żejda għal finijiet tat-taxxa. Għandu jonqos ukoll in-numru ta' tilwimiet billi l-istabbiliment tat-timijiet tal-BEFIT jippermetti li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jaqblu dwar grad ta' ċertezza bikrija u jsolvu l-problemi li jinqalgħu b'mod aktar effiċjenti permezz ta' konsultazzjoni u koordinazzjoni.

- **Drittijiet fundamentali**

Ma huwiex mistenni li jkun hemm effett konsiderevoli fuq id-drittijiet fundamentali u l-miżuri proposti huma kompatibbli mad-drittijiet, mal-libertajiet u mal-prinċipji fil-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea.[20] Billi tistabbilixxi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, tneħħi ostakli transfruntieri, u tipprovdi aktar ċertezza tat-taxxa, il-proposta tikkontribwixxi wkoll għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni jew restrizzjoni mhux ġustifikata fuq il-libertajiet relatati mat-twettiq ta' negozju.

[20] Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.

Id-drittijiet ta' protezzjoni tad-*data* koperti mill-Karta u mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR)[21] huma ssalvagwardjati. *Data* personali, eż., informazzjoni dwar l-interessi proprjetarji fi grupp tal-BEFIT, tista' tiġi pproċessata mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa iżda biss għall-fini tal-applikazzjoni tal-Kapitolu IV kif ukoll għall-fini tal-eżami u tal-ilħuq ta' kunsens dwar il-kontenut tar-ritorn u tal-ipproċessar tal-informazzjoni tal-BEFIT u tal-valutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa individwali skont il-Kapitolu V. *Data* personali tista' tiġi trażmessa biss bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa li jkunu involuti fl-amministrazzjoni ta' grupp partikolari tal-BEFIT. L-ammont ta' *data* personali li tiġi trażmessa jkun limitat għal dak li jkun neċessarju sabiex tiġi żgurata l-konformità u jiġi identifikat frodi, evażjoni jew evitar tat-taxxa f'konformità mar-rekwiżiti tal-GDPR. *Data* personali tinżamm biss dment li tkun neċessarja għal dan il-għan iżda fi kwalunkwe każ, għal mhux aktar minn 10 snin.

- **Impatti oħra**

Ma hemm l-ebda impatt sinifikanti ieħor. Il-proposta tikkonċerna gruppi ta' kumpaniji fis-setturi kollha li huma soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu fi Stat Membru. Il-proposta, minnha nnifisha, ma taffettwax il-mod preżenti kif isir in-negozju u ma huwiex mistenni li se jkollha impatt dirett fuq l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew jew tal-leġiżlazzjoni ambjentali Ewropea. Indirettament, jista' jitqies li r-riżorsi lliberati mill-kostijiet tal-konformità mar-regoli tat-taxxa jistgħu jintużaw mill-kumpaniji sabiex jinvestu f'metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli għall-ambjent jekk il-kumpaniji jkunu jixtiequ jagħmlu dan.

Il-proposta ssostni l-prinċipji ta' "diġitali b'mod awtomatiku" u tikkontribwixxi għall-kisba tal-mod Ewropew għal soċjetà u għal ekonomija diġitali.

L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli rilevanti parzjalment indirizzati mill-proposta huma n-numri 8 (Xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku) u 9 (Industrija, innovazzjoni u infrastruttura) kif ippreżentati fl-Anness 3 tal-valutazzjoni tal-impatt.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-inizjattiva jkollha implikazzjonijiet baġitarji għall-Kummissjoni b'rabta mal-għodda kollaborattiva tal-BEFIT. L-amministrazzjonijiet tat-taxxa jkollhom bżonn jikkoordinaw mill-qrib u jużaw għodod ta' komunikazzjoni għat-timijiet tal-BEFIT fil-qafas ta' din l-inizjattiva. Sabiex tiffaċilita l-operat u l-komunikazzjoni tat-timijiet tal-BEFIT, il-Kummissjoni tadotta l-arranġamenti prattiċi neċessarji, li jinkludu miżuri sabiex tiġi standardizzata l-komunikazzjoni tal-informazzjoni bejn il-membri tat-timijiet tal-BEFIT permezz tal-użu ta' għodda kollaborattiva tal-BEFIT. Il-Kummissjoni tkun responsabbli għall-iżvilupp ta' din l-għodda (kost ta' darba), kif ukoll għall-hosting, għall-ġestjoni tal-kontenut, għall-kriptaġġ, u għall-manutenzjoni annwali tagħha. Il-kostijiet għal tali għodda kollaborattiva tal-BEFIT huma stmati għal madwar EUR 300 000 ta' darba (għall-ewwel sena) u għal madwar EUR 600 000 fuq bażi annwali għat-tħaddim tal-għodda kollaborattiva tal-BEFIT. Dawn il-kostijiet jiġu

[21] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1)

ffinanzjati mill-pakkett previst għall-programm Fiscalis. Id-dettalji jinsabu fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva ma' din il-proposta.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Għall-fini tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva, inizjalment ikun neċessarju li l-Istati Membri jingħataw il-ħin u l-assistenza neċessarji kollha, sabiex jiġu implimentati kif xieraq ir-regoli tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tevalwa l-applikazzjoni tad-Direttiva 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha u tirrapporta lill-Kunsill dwar l-operat tagħha. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li se jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva u għandhom jipprovdu wkoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti li jkollhom li l-Kummissjoni tista' tkun teħtieġ għall-finijiet tal-evalwazzjoni.

Minbarra evalwazzjoni, l-effettività u l-effiċjenza tal-inizjattiva jiġu mmonitorjati regolarment u kontinwament bl-użu tal-indikaturi predefiniti li ġejjin: il-kostijiet tal-implimentazzjoni u dawk operatorji inizjali tal-BEFIT; in-numru ta' gruppi ta' kumpaniji fil-kamp ta' applikazzjoni obbligatorju tal-proposta, kif ukoll in-numru ta' kumpaniji li jagħżlu li jipparteċipaw volontarjament; l-evoluzzjoni tal-kostijiet tal-konformità; u n-numru ta' tilwimiet dwar it-taxxa doppja. Dan huwa stabbilit f'aktar dettall fir-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja din il-proposta.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tistabbilixxi sett komuni ta' regoli sabiex tiġi ddeterminata l-bażi għat-taxxa ta' kumpaniji li jkunu parti minn grupp li jħejju rapporti finanzjarji konsolidati u li jkunu soġġetti għal tassazzjoni korporattiva fuq l-introjtu fi Stat Membru.

L-aspetti ewlenin tal-proposti huma dawn li ġejjin:

**Kamp ta' applikazzjoni ibridu għal applikazzjoni obbligatorja u fakultattiva**

Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kapitolu I, il-proposta tiddefinixxi kamp ta' applikazzjoni ibridu għall-applikazzjoni tar-regoli fil-qafas ta' din id-Direttiva. Il-**kamp ta' applikazzjoni obbligatorju** jinkludi l-istess gruppi bħat-Tieni Pilastru (jiġifieri, gruppi bi dħul kombinat annwali ta' mill-inqas EUR 750 miljun) iżda huwa limitat għas-subsett tal-Unjoni ta' entitajiet li jissodisfaw il-limitu ta' sjieda ta' 75 % (l-Artikoli 5-6). Għal gruppi li għandhom il-kwartieri ġenerali f'pajjiżi terzi, is-subsett tagħhom tal-Unjoni jkollu jiġġenera wkoll tal-anqas EUR 50 miljun fi dħul kombinat annwali f'tal-anqas tnejn mill-4 snin fiskali immedjatament qabel is-sena fiskali li fiha l-grupp beda japplika din id-Direttiva u dan ikollu jammonta għal tal-anqas 5 % tad-dħul totali tal-grupp (l-Artikolu 2, il-paragrafu 4). Dan il-livell limitu ta' materjalità jkompli jiżgura li r-rekwiżiti tal-proposta jkunu proporzjonati għall-benefiċċji tagħha.

L-għażla li l-kamp ta' applikazzjoni obbligatorju jiġi allinjat mat-Tieni Pilastru saret minħabba li huwa magħruf li dawn il-kontribwenti diġà jimplimentaw diversi karatteristiċi rilevanti bħala parti mid-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru, pereżempju fir-rigward tal-komputazzjoni tar-riżultat taxxabbli. Għalhekk, toħloq bilanċ bejn il-kisba tal-bidliet neċessarji b'mod konsistenti, minn naħa waħda, u ż-żamma tas-sistema sempliċi, min-naħa l-oħra.

Gruppi iżgħar oħrajn jistgħu jagħżlu li jipparteċipaw jekk jixtiequ hekk, dment li jħejju rapporti finanzjarji konsolidati. Dan il-**kamp ta' applikazzjoni volontarju** jista' jkun ta' interess partikolari għal gruppi iżgħar li joperaw b'mod transfruntier, billi jkollhom anqas riżorsi x'jiddedikaw għall-konformità ma' diversi sistemi nazzjonali tat-taxxa korporattiva.

Meta grupp japplika jew jagħżel li japplika r-regoli ta' din id-Direttiva, il-qafas japplika għall-**"grupp tal-BEFIT" kollu**, jiġifieri s-subsett tal-kumpaniji kollha b'residenza tat-taxxa tal-Unjoni u bi istabbilimenti permanenti li jinsabu fl-Unjoni tal-grupp li jilħqu l-livell limitu ta' sjieda ta' 75 %, imsejħin il-"membri tal-grupp tal-BEFIT". Il-kamp ta' applikazzjoni jinsab fi ħdan dawn l-entitajiet.

Il-proposta ma teskludi l-ebda settur mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. **Il-karatteristiċi speċifiċi għas-setturi** huma riflessi fil-partijiet rilevanti tal-proposta. Dan huwa partikolarment il-każ għat-trasport internazzjonali u għall-attivitajiet estrattivi. Pereżempju, l-introjtu mit-tbaħħir spiss ikun soġġett għal reġimi tat-taxxa speċjali li jkunu mfasslin għar-realtajiet f'dan is-settur. Il-proposta tirrikonoxxi dan u teskludi l-introjtu mit-tbaħħir kopert mit-taxxa fuq it-tunnellaġġ mill-bażi għat-taxxa BEFIT.

### Kalkolu tar-riżultat tat-taxxa preliminari ta' kull membru tal-grupp BEFIT bl-użu ta' metodu simplifikat

Il-Kapitolu II jinkludi r-regoli għad-determinazzjoni tar-riżultat tat-taxxa preliminari ta' kull membru tal-grupp BEFIT. Dan isir billi jiġu applikati l-aġġustamenti tat-Taqsimiet 2 u 3 u r-regoli tat-Taqsima 4 dwar kwistjonijiet ta' twaqqit u ta' kwantifikazzjoni għall-introjtu jew għat-telf nett kif iddikjarat fil-kontijiet finanzjarji.

Bħal fit-Tieni Pilastru, il-punt tat-tluq huwa r-riżultat kontabilistiku mill-kontijiet finanzjarji, li jrid jiġi ddeterminat skont standard kontabilistiku uniku wieħed għall-grupp BEFIT. Għal dan l-għan, il-kontijiet finanzjarji ta' kull membru tal-grupp tal-BEFIT iridu jiġu rrikonċiljati mal-istandard kontabilistiku tal-entità omm apikali, jew jekk il-grupp ikollu l-kwartieri tiegħu barra mill-Unjoni, ma' dak tal-entità dikjaranti. L-istandard kontabilistiku jrid ikun aċċettat skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea, li essenzjalment ifisser li jrid ikun jew il-prinċipji kontabilistiċi nazzjonali ġeneralment aċċettati (GAAP) ta' wieħed mill-Istati Membri jew l-istandards internazzjonali tar-rapportar finanzjarju (IFRS), kif stabbilit fl-Artikolu 7.

Fl-interess tas-simplifikazzjoni, l-aġġustamenti jinżammu għall-minimu neċessarju, minflok ma jiġi stabbilit qafas dettaljat tat-taxxa korporattiva. Għalhekk, il-BEFIT tinkludi anqas aġġustamenti tat-taxxa mit-Tieni Pilastru li għandu skop differenti, jiġifieri li jikkalkola l-introjtu kwalifikanti xieraq għal-livell ta' taxxa dovuta.

L-aġġustamenti tal-BEFIT huma elenkati fit-Taqsima 2. **L-entrati li ġejjin huma inklużi**, jiġifieri jiżdiedu lura f'każ li jkunu tnaqqsu jew ma jkunux diġà ġew irreġistrati fir-rapporti tal-kontabilità finanzjarja: assi finanzjarji miżmumin għan-negozju (l-Artikolu 11), kostijiet tat-teħid b'self li jitħallsu lil partijiet barra mill-grupp tal-BEFIT li jaqbżu r-regola tal-limitazzjoni tal-imgħax tal-ATAD (l-Artikolu 13), aġġustamenti tal-valur ġust u gwadanji kapitali riċevuti minn impriżi tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja fil-kuntest ta' kuntratti marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet (l-Artikolu 14), multi, penali u pagamenti illegali bħal tixħim (l-Artikolu 16), u taxxi korporattivi li diġà tħallsu jew taxxi kumplimentari b'applikazzjoni tat-Tieni Pilastru (l-Artikolu 17).

**L-entrati li ġejjin huma esklużi**, jiġifieri jitnaqqsu mill-introjtu jew mit-telf nett finanzjarju jekk kienu fil-kontijiet finanzjarji: dividendi u qligħ jew telf kapitali fuq ishma jew fuq interessi ta' sjieda, fil-każ ta' sjieda sinifikanti u sakemm ma jkunux miżmumin għan-negozju jew minn impriża tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja (l-Artikoli 8-11 u 14), il-profitt jew it-telf

minn stabbilimenti permanenti (l-Artikolu 12), l-introjtu mit-tbaħħir soġġett għal taxxa nazzjonali fuq it-tunnellaġġ (l-Artikolu 15), ħelsien ta' rifinanzjament għall-gwadanji fuq l-assi li jiġu ssostitwiti (l-Artikolu 18), il-kostijiet tal-akkwist, tal-kostruzzjoni u tat-titjib tal-assi deprezzabbli, minħabba li dawn il-kostijiet diġà se jkunu parti mill-bażi tad-deprezzament, kif ukoll is-sussidji marbutin direttament minħabba li s-sussidji la għandhom ikunu d-deprezzament u lanqas fil-bażi għat-taxxa (l-Artikolu 19), gwadanji jew telf mhux realizzat minn fluttwazzjonijiet fil-kambju fuq assi fissi (l-Artikolu 20). Ir-regola fl-Artikolu 21 teskludi wkoll kwalunkwe ammont relatat mal-aġġustamenti ta' wara l-allokazzjoni elenkati fl-Artikolu 48 (spjegati aktar 'il quddiem). Konsegwentement, dawn l-entrati ma humiex parti mir-riżultat tat-taxxa preliminari, li jipprevjeni riskju li jiġu kkontabbilizzati darbtejn.

Barra minn hekk, it-Taqsima 3 tikkonsisti f'sett komuni ta' regoli dwar **id-deprezzament tat-taxxa**. Dan huwa aġġustament importanti għall-finijiet tat-taxxa, iżda l-proposta tibqa' eqreb tal-kontabbiltà finanzjarja mir-regoli nazzjonali dwar id-deprezzament tat-taxxa. Assi tanġibbli fissi vvalutati taħt il-EUR 5 000 jiġu paċuti mal-introjtu taxxabbli immedjatament. Assi oħrajn dejjem jiġu ddeprezzati fuq bażi lineari, jiġifieri ddistribwiti b'mod ugwali matul id-durata tal-assi. Fil-prinċipju, id-durata tikkorrispondi għall-ħajja utli fil-kontijiet finanzjarji. Għall-proprjetà immobbli, inkluż il-bini industrijali, id-durata hija, madankollu, stabbilita għal 28 sena bħala regola ġenerali. Għal assi intanġibbli fissi, din tikkorrispondi għall-perjodu ta' protezzjoni legali, eż. drittijiet ta' proprjetà intellettwali, jew jekk dan ma jkunx il-każ, għal 5 snin. L-avvjament jiġi ddeprezzat ukoll jekk jiġi akkwistat, u kif xieraq, ikun preżenti fil-kontijiet finanzjarji.

Skont it-Taqsima 4, il-proposta tindirizza **kwistjonijiet ta' twaqqit u ta' kwantifikazzjoni** li huma meħtieġa għall-finijiet tat-taxxa sabiex jiġu evitati l-abbużi. Id-differenzi bejn il-kost tal-istokkijiet u x-xogħol fl-idejn għandhom jitkejlu b'mod konsistenti pereżempju bl-użu tal-metodu joħroġ li daħal l-aħħar jew tal-metodu tal-kost medju ponderat (l-Artikolu 29). Id-dispożizzjonijiet jiġu esklużi jekk ma jkunux legalment meħtieġa jew ma jkunux jistgħu jiġu stmati b'mod affidabbli (l-Artikolu 30). Id-djun mitlufa jistgħu jitnaqqsu biss jekk il-passi raġonevoli kollha sabiex jinkiseb il-pagament mid-debitur ikunu ġew eżawriti jew jekk l-ammont li jkun se jintilef ikun jista' jiġi stmat b'mod affidabbli, u dan qatt ma jseħħ jekk id-debitur ikun intrapriża assoċjata (l-Artikolu 31). Id-dħul u l-kostijiet minn kuntratti fit-tul jgħoddu biss għas-sena li fiha jkunu dovuti jew jiġġarrbu (l-Artikolu 32). L-istrumenti għall-iħħeġġjar tat-trattament iridu jsegwu t-trattament tat-taxxa tal-entrata ħħeġġjata (l-Artikolu 33).

Fl-aħħar nett, skont it-Taqsima 5, il-proposta tinkludi wkoll regoli li huma neċessarji għall-entitajiet **li jidħlu jew joħorġu mill-grupp tal-BEFIT**. Pereżempju, it-telf li ġġarrab qabel ma l-membru l-ġdid daħal fil-grupp tal-BEFIT, ma għandux jiġi inkluż għad-detriment tal-bażi għat-taxxa ta' Stati Membri oħrajn fejn il-grupp tal-BEFIT ikollu membri. Dan it-telf għandu jiġi paċut kontra s-sehem allokat, u għalhekk wara l-aggregazzjoni u l-allokazzjoni (l-Artikolu 38 *flimkien* ma' 48, il-paragrafu 1, il-punt (a)). Ir-regoli jittrattaw ukoll ir-**riorganizzazzjonijiet tan-negozji**, sabiex jiġi ċċarat pereżempju li d-Direttiva dwar il-fużjonijiet tieħu preċedenza (l-Artikolu 40). Hemm ukoll regola kontra l-abbuż sabiex jiġi żgurat li l-gwadanji kapitali fuq l-assi jiġu inklużi fir-riżultat preliminari tat-taxxa meta l-assi jiġu ttrasferiti fi ħdan il-grupp, mingħajr implikazzjonijiet tat-taxxa, għal membru tal-grupp li mbagħad jinbiegħ barra mill-grupp. Dan normalment jibbenefika minn eżenzjoni mit-taxxa għad-disponimenti tal-ishma iżda ma għandux jitħalla, sakemm ma jkunx jista' jiġi ġġustifikat minn perspettiva kummerċjali (l-Artikolu 41).

**L-aggregazzjoni tat-taxxa preliminari tirriżulta f'bażi għat-taxxa unika u l-allokazzjoni ta' din il-bażi għat-taxxa aggregata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT eliġibbli**

Il-Kapitolu III fih ir-regoli għall-aggregazzjoni u għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa. L-ewwel nett, ir-riżultati preliminari tat-taxxa tal-membri kollha tal-grupp tal-BEFIT jiġu aggregati f'"ġabra" waħda fil-livell tal-grupp tal-Unjoni, li se tkun "**il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT**". Dan huwa deskritt fl-Artikoli 42-44 u għandu diversi vantaġġi importanti:

- **Ħelsien minn taxxa għal telf transfruntier**: jippermetti lill-gruppi jpaċu t-telf b'mod transfruntier. Illum, dan rarament biss huwa possibbli, li jista' jirriżulta f'tassazzjoni eċċessiva tal-profitti tal-grupp u jiddiżinċentiva lin-negozji milli joperaw bejn il-fruntieri fis-suq intern, u;
- **Faċilitazzjoni tal-konformità tal-prezzar ta' trasferiment**: matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-eżitu tat-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT se jkun fattur determinanti għal kif il-bażi għat-taxxa (aggregata) tal-BEFIT tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT. Minħabba din l-importanza tal-prezzar tat-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT għal finijiet tat-taxxa, jinżamm ir-rekwiżit għall-konsistenza tagħhom mal-prinċipju ta' distakkament iżda, fl-istess ħin, il-membri tal-grupp tal-BEFIT jibbenefikaw minn aktar ċertezza tat-taxxa (żona ta' kumdità) jekk, bħala riżultat tat-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT tagħhom, l-ispejjeż jew l-introjtu tagħhom jibqa' fi ħdan limitu ta' żieda ta' anqas minn 10 % meta mqabbel mal-medja tat-3 snin fiskali preċedenti. Din is-sistema tippermetti grad ta' ċertezza u twitti t-triq għal eliminazzjoni possibbli tal-ħtieġa għall-prezzar tat-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT b'konsistenza mal-prinċipju ta' distakkament jekk tiġi miftiehma formula bbażata fuq il-fatturi bħala mod permanenti għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT.
- Mhux se jkun hemm ukoll l-ebda **taxxa f'ras il-għajn** fuq tranżazzjonijiet bħall-pagamenti tal-imgħax u tar-royalties fi ħdan il-grupp tal-BEFIT, sakemm is-sid benefiċjarju tal-pagament ikun membru tal-grupp tal-BEFIT. Fi ħdan il-grupp tal-BEFIT, fil-prinċipju ma hemm l-ebda ħtieġa li dawn it-tranżazzjonijiet jiġu intaxxati individwalment billi dawn jiġu inklużi fil-bażi għat-taxxa aggregata tal-BEFIT iżda huwa kruċjali wkoll li jiġi żgurat li tali pagamenti ma jintużawx sabiex il-profitti jiġu ttrasferiti barra mill-grupp b'taxxa baxxa. Din hija r-raġuni għaliex l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jżommu d-dritt li jirrieżaminaw jekk ir-riċevitur tagħhom ikunx sid benefiċjarju.

Madankollu, hemm **żewġ eċċezzjonijiet** għall-aggregazzjoni. L-introjtu u t-telf mill-attivitajiet estrattivi huma separati mill-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, minħabba li dejjem jiġu allokati għall-ġuriżdizzjoni tal-oriġini tagħhom. Ir-raġunament, f'konformità mal-approċċ b'Żewġ Pilastri tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, huwa li t-tassazzjoni ta' dawn l-attivitajiet għandha tkun ibbażata fuq l-oriġini, jiġifieri l-post tal-estrazzjoni (l-Artikolu 46). Id-dħul u l-ispejjeż mit-tbaħħir li ma humiex koperti minn taxxa fuq it-tunnellaġġ jew mit-trasport bl-ajru lanqas ma huma allokati. F'konformità mal-approċċ fl-Artikolu 8 tal-mudell ta' konvenzjoni tat-taxxa tal-OECD, tali attivitajiet jiġu intaxxati biss fl-Istat fejn tinsab il-kumpanija li topera l-bastimenti jew l-inġenji tal-ajru (l-Artikolu 47).

Imbagħad, il-bażi għat-taxxa aggregata tiġi allokata lill-membri ta' kull grupp tal-BEFIT fuq il-bażi ta' regola ta' allokazzjoni tat-tranżizzjoni, li tuża l-perċentwal ta' kull membru tal-grupp tal-BEFIT ta' bażi għat-taxxa aggregata kkalkolat bħala l-medja tar-riżultati taxxabbli fit-3 snin fiskali preċedenti. Dan jista' jwitti t-triq għal metodu ta' allokazzjoni permanenti li jista' jkun ibbażat fuq formula tat-tqassim. Proposta li tistabbilixxi soluzzjoni tranżitorja

jkollha l-vantaġġ li tuża *data* aktar reċenti ta' Rapportar Pajjiż, Pajjiż (CBCR) u l-informazzjoni miġbura mill-ewwel snin tal-applikazzjoni tal-BEFIT fit-tfassil ta' metodu ta' allokazzjoni permanenti. Tippermetti wkoll valutazzjoni aktar bir-reqqa tal-impatt li l-implimentazzjoni tal-approċċ b'Żewġ Pilastri tal-Qafas Inkluživ tal-OECD/G20 hija mistennija jkollha fuq il-bażijiet għat-taxxa nazzjonali u tal-BEFIT.

Il-proposta takkomoda wkoll **sistemi tat-taxxa bbażati fuq id-distribuzzjoni** u, għal dan l-għan, tipprovdi għall-aġġustament neċessarju, li jippermetti lill-kumpaniji tagħhom jipparteċipaw fi grupp tal-BEFIT. F'dan il-każ, it-tassazzjoni tal-introjtu korporattiv ma ssirx fuq bażi annwali, iżda mad-distribuzzjoni tal-profitti. Għaldaqstant, il-parti allokata tal-bażi għat-taxxa aggregata tiġi riportata kull sena b'mod proporzjonali għall-introjtu li ma ġiex distribwit dik is-sena (l-Artikolu 49).

Fl-aħħar nett, mal-allokazzjoni, kull membru tal-grupp tal-BEFIT ikollu parti. Fuq din il-parti, il-membru tal-grupp ikollu japplika **aġġustamenti addizzjonali** fil-valutazzjoni tat-taxxa tiegħu (l-Artikolu 48, il-paragrafu 1). Dawn jinkludu l-aktar korrezzjonijiet tekniċi li huma neċessarji għall-koerenza tas-sistema. Pereżempju, diversi entrati ma għandhomx jiġu inklużi fir-riżultat tat-taxxa preliminari, sabiex jiġi evitat li dawn jiġu kondiviżi fost l-Istati Membri kollha, iżda dawn l-entrati xorta għandhom jitqiesu (eż. telf ta' qabel il-BEFIT). Ammonti oħrajn, bħal għotjiet, donazzjonijiet u provvedimenti ta' pensjoni jiddependu ħafna fuq ir-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali u, għalhekk, huma l-aktar adattati min-naħa allokata.

Importanti, sabiex tiġi żgurata l-kompetenza sħiħa tal-Istati Membri fuq il-politiki tagħhom dwar ir-rati tat-taxxa, l-Istati Membri jkunu liberi li japplikaw ulterjorment kwalunkwe tnaqqis, inċentiv tat-taxxa, jew żieda fil-bażi għall-partijiet allokati tagħhom, mingħajr restrizzjonijiet (l-Artikolu 48, il-paragrafu 2). L-uniku rekwiżit li l-Istati Membri jkollhom jirrispettaw f'dan ir-rigward huwa r-regoli tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru għal livell minimu effettiv globali ta' tassazzjoni.

**"Sistema tad-dawl tat-traffiku" sabiex tiffaċilita l-konformità tal-prezzar ta' trasferiment ma' intrapriżi assoċjati barra mill-grupp tal-BEFIT**

Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ma' intrapriżi assoċjati barra mill-grupp tal-BEFIT, jiġifieri entitajiet tal-grupp li ma humiex fl-Unjoni jew li ma jissodisfawx il-livell limitu ta' sjieda ta' 75 %, il-Kapitolu IV għandu l-għan li jiffaċilita l-konformità billi jipprovdi għodda għall-valutazzjoni tar-riskju ("sistema tad-dawl tat-traffiku") b'parametri referenzjarji.

Din il-karatteristika tal-BEFIT tiffoka fuq is-simplifikazzjoni tal-konformità mal-prezzar ta' trasferiment u ma tfixkilx ir-regoli sostantivi li jiddeterminaw jekk ċerta tranżazzjoni ġietx ipprezzata skont il-prinċipju ta' distakkament. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni materjali tagħha huwa limitat għal attivitajiet b'riskju baxx, li normalment ma jinvolvux diskrezzjoni estensiva fil-prezzar tagħhom, peress li ma jwasslux għal profitti residwi għoljin. Din hija distinzjoni ċara mid-Direttiva dwar il-prezzar ta' trasferiment, li hija relatata mar-regoli sostantivi u għandha kamp ta' applikazzjoni usa', li potenzjalment ikopri l-firxa sħiħa ta' suġġetti tal-prezzar ta' trasferiment, u li għandha funzjoni separata. Għalhekk, id-Direttiva dwar il-prezzar ta' trasferiment tapprova l-linji gwida tal-OECD dwar il-prezzar ta' trasferiment u tikkostitwixxi pass importanti għall-Istati Membri sabiex jaqblu dwar approċċi komuni għal temi speċifiċi tal-prezzar ta' trasferiment, b'mod partikolari dawk li fihom il-prattika amministrattiva s'issa kienet differenti madwar l-UE.

Is-sistema ta' dawl tat-traffiku tapplika għal **attivitajiet b'riskju baxx** definiti fl-Artikolu 50: (i) attivitajiet ta' distribuzzjoni minn distributuri b'riskju baxx, u (ii) attivitajiet ta' manifattura minn manifatturi b'kuntratt. Sabiex jikkwalifika, id-distributur jew il-manifattur irid juża metodu affidabbli u unilaterali bbażat fuq il-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar ta'

Trasferiment, u fi kwalunkwe każ, ma jistax jikkwalifika jekk ikollu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew xi wħud mir-riskji relatati mal-prodotti. Dan minħabba li l-assi u r-riskji intanġibbli spiss ma jkollhomx tranżazzjonijiet komparabbli.

Għal dawn l-attivitajiet, il-proposta tissuġġerixxi l-użu ta' **"Parametri Referenzjarji Pubbliċi"** li jkunu markaturi tal-profitt stabbiliti fil-livell tal-Unjoni bl-għajnuna ta' grupp ta' esperti (l-Artikolu 53). Mil-lat operazzjonali, jekk il-prestazzjoni tal-profitt ta' distributur b'riskju baxx jew ta' manifattur b'kuntratt tkun baxxa meta mqabbla mal-meded medji f'dan il-parametru referenzjarju, it-tranżazzjonijiet tiegħu jiġu vvalutati bħala "ta' riskju għoli" u viċi versa. B'dan il-mod, it-tranżazzjonijiet jistgħu jaqgħu fi **tliet żoni ta' riskju (baxx/medju/għoli)**. L-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri jkunu mistennijin jiffokaw l-isforzi tagħhom fuq iż-żoni b'riskju għoli (l-Artikolu 51). Għalhekk, din tissejjaħ bħala "sistema ta' dawl tat-traffiku".

Bħala tali, l-għodda tippermetti lill-Istati Membri jużaw ir-riżorsi tagħhom b'mod aktar effiċjenti u toffri lin-negozji livell ogħla ta' prevedibbiltà fir-rigward tal-aċċettabilità tal-prezzijiet tat-trasferiment tagħhom bil-kundizzjoni li jikkonformaw mal-marġnijiet stabbiliti minn qabel.

**Amministrazzjoni tas-sistema: "Punt Uniku ta' Servizz" u "tim tal-BEFIT"**

L-amministrazzjoni tas-sistema hija deskritta fil-Kapitolu V. Ir-regoli sostantivi komuni jeħtieġu wkoll qafas amministrattiv komuni. Dan jippermetti simplifikazzjoni addizzjonali tas-sistemi kurrenti u gradwalment għandu jillibera riżorsi għall-amministrazzjonijiet u għan-negozji.

**Punt uniku ta' servizz** jippermetti lin-negozji jittrattaw ma' awtorità waħda fl-Unjoni għall-obbligi ta' preżentazzjoni, kull meta jkun fattibbli. L-"entità dikjaranti", li fil-prinċipju hija l-entità omm apikali, tippreżenta dikjarazzjoni ta' informazzjoni waħda għall-grupp tal-BEFIT kollu (ir-"Rapport ta' Informazzjoni tal-BEFIT") mal-amministrazzjoni tat-taxxa proprja tagħha biss (l-"awtorità tad-dikjarazzjoni"), li taqsamha mal-Istati Membri l-oħrajn fejn jopera l-grupp (l-Artikolu 57). Kull membru tal-grupp tal-BEFIT jippreżenta wkoll dikjarazzjoni tat-taxxa individwali lill-amministrazzjoni tat-taxxa lokali tiegħu sabiex ikun jista' japplika aġġustamenti stabbiliti domestikament għall-parti allokata tiegħu (l-Artikolu 62). Flimkien mad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT, dan jippermetti lil kull amministrazzjoni tat-taxxa tivvaluta l-obbligazzjonijiet tat-taxxa tal-membri tal-grupp tal-BEFIT tagħha bl-aktar mod effiċjenti possibbli (l-Artikolu 64).

Għal kull grupp tal-BEFIT, ikun hemm ukoll l-hekk imsejjaħ **"Tim tal-BEFIT"** li jlaqqa' flimkien rappreżentanti ta' kull amministrazzjoni tat-taxxa rilevanti mill-Istati Membri fejn jopera l-grupp (l-Artikolu 60). Minflok kull Stat Membru jalloka separatament ir-riżorsi umani sabiex jivvaluta l-obbligazzjonijiet tat-taxxa tal-istess grupp transfruntier, il-membri ta' kull Tim tal-BEFIT jaqsmu l-informazzjoni, jikkoordinaw, jagħtu grad ta' ċertezza bikrija dwar suġġetti speċifiċi u jsolvu kwistjonijiet permezz ta' għodda kollaborattiva online (l-Artikolu 61).

L-**awditi** jibqgħu fil-livell tal-Istati Membri u jkun possibbli li l-Istati Membri jitolbu awditi konġunti u joħolqu obbligu min-naħa l-oħra li jaċċettawhom. Wara l-eżitu ta' awditu, it-tim tal-BEFIT jiffaċilita wkoll ir-rettifikazzjonijiet (l-Artikolu 65).

Il-proposta tiżgura wkoll li **appelli** kontra l-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT jistgħu jitressqu quddiem korp amministrattiv fl-Istat Membru tal-"awtorità tad-dikjarazzjoni". Bl-istess mod, appelli kontra valutazzjonijiet tat-taxxa individwali jistgħu jitressqu quddiem korp amministrattiv tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT

ikun residenti għal finijiet tat-taxxa. Meta appell bħal dan ikun jaffettwa l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, l-emendi neċessarji jistgħu jsiru fil-grupp kollu permezz ta' proċess koordinat stabbilit mit-"Timijiet tal-BEFIT" (l-Artikoli 66-70).

2023/0321 (CNS)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**dwar in-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[22],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[23],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Fl-Unjoni bħalissa ma hemm l-ebda approċċ komuni għall-komputazzjoni tal-bażi taxxabbli għan-negozji. Għalhekk, in-negozji tal-Unjoni huma obbligati jikkonformaw ma' sistema tat-taxxa korporattiva differenti f'kull Stat Membru li joperaw fih.

(2) L-eżistenza ta' 27 sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni jwasslu għal kumplessità fil-konformità mar-regoli tat-taxxa u jwasslu għal kompetizzjoni inġusta għan-negozji. Dan sar aktar evidenti hekk kif il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b'mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta' negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati minn nuqqas ta' prevedibbiltà u minn inkonsistenza flimkien ma' kostijiet għoljin tal-konformità.

(3) Għalkemm huma differenti fit-tfassil tagħhom, il-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huma simili billi jistabbilixxu regoli li għandhom l-għan li jilħqu l-istess objettiv, jiġifieri, li tinkiseb bażi taxxabbli għan-negozji. B'dan il-mod, ikun importanti għan-negozji li joperaw fis-suq intern li l-Istati Membri jintroduċu qafas legali komuni sabiex jiġu armonizzati l-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu bl-għan li jiġu ssimplifikati r-regoli tat-taxxa u tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta.

[22] ĠU C, , p. .
[23] ĠU C, , p. .

(4) Fid-9 ta' Ġunju 2023, 139 ġuriżdizzjoni, li huma membri tal-Qafas Inkluživ tal-OECD/G20, issieħbu fid-Dikjarazzjoni ta' Ottubru 2021 dwar "Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija"[24]. B'dik id-Dikjarazzjoni, l-Istati Membri qablu (i) fuq eżerċizzju ta' rieżami li jikkalkola l-obbligazzjoni minima potenzjali tat-taxxa ta' gruppi multinazzjonali kbar li tibda mill-kontabbiltà finanzjarja, bħala partijiet mit-Tieni Pilastru u (ii) li jirriallokaw parzjalment il-profitti taxxabbli fuq il-bażi ta' formula tat-tqassim bħala parti mill-Ewwel Pilastru. It-tfassil ta' qafas komuni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni u mill-globalizzazzjoni jenħtieġ li jkun ispirat mill-kisbiet ta' dak l-eżerċizzju. Peress li l-implimentazzjoni tat-Tieni Pilastru ġiet adottata b'mod unanimu mill-Istati Membri permezz tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523[25], jenħtieġ li qafas komuni tat-taxxa korporattiva fl-Unjoni jibni fuq kunċetti, bħall-kamp ta' applikazzjoni u l-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa, li kemm in-negozji kif ukoll l-Istati Membri diġà huma familjari magħhom.

(5) Jenħtieġ li l-ambjent għan-negozju fis-suq intern isir aktar attraenti bl-għan li jiġu stimolati t-tkabbir u l-investiment fl-Unjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-promulgazzjoni ta' qafas komuni ta' regoli tat-taxxa korporattiva, sabiex ikun aktar faċli għan-negozji li jikkonformaw ma' tali regoli meta joperaw bejn il-fruntieri u wkoll sabiex iħeġġu lil dawk li jixtiequ jespandu aktar barra mill-pajjiż sabiex jagħmlu dan. Sett uniku ta' regoli tat-taxxa korporattiva għall-attività internazzjonali huwa mistenni jirriżulta f'ċertezza tat-taxxa mtejba u f'anqas tilwimiet dwar it-taxxa, peress li jkun jindirizza d-distorsjonijiet u jnaqqas in-numru ta' każijiet ta' taxxa doppja u eċċessiva. Barra minn hekk, peress li s-sostenibbiltà tad-dħul mit-taxxa hija kruċjali għall-baġits tal-Istati Membri, inkluż sabiex jinvestu fl-infrastruttura, fir-riċerka u fl-iżvilupp u sabiex jipprovdu servizzi pubbliċi, ikun kruċjali li jiġi żgurat għall-futur li l-allokazzjoni tad-dħul titwettaq f'konformità ma' għodda bbażata fuq parametri solidi li ma jistgħux jiġu abbużati.

(6) Tabilħaqq, huwa kritiku li tinħoloq sistema li tikseb grad ta' uniformità madwar l-Unjoni, tal-anqas fost il-kontribwenti li għalihom tkun indirizzata prinċipalment. Għaldaqstant, u fid-dawl tal-isforzi li għamlu kemm l-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll in-negozji sabiex jiġi implimentat il-qafas ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni, ikun importanti li tiġi sfruttata din il-kisba u li jitfasslu regoli li jibqgħu kemm jista' jkun qrib ir-Regoli Mudell tal-OECD/G20 u d-Direttiva (UE) 2022/2523. Fuq din il-bażi, il-qafas komuni ta' regoli jenħtieġ li jkun obbligatorju għal gruppi bi preżenza taxxabbli fl-Unjoni dment li jkollhom dħul kombinat annwali ta' aktar minn EUR 750 000 000 fuq il-bażi tar-rapporti finanzjarji konsolidati tagħhom. Għalhekk, b'dan il-mod, il-kamp ta' applikazzjoni jkun immirat lejn negozji li x'aktarx ikollhom attivitajiet transfruntieri u, b'hekk, jistgħu jibbenefikaw mis-simplifikazzjoni li joffri

---

[24] Id-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija – it-8 ta' Ottubru 2021, il-Proġett tal-OECD/G20 dwar Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u Trasferiment tal-Profitti.

[25] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 1.)

qafas legali komuni. Il-limitu jipprovdi wkoll allinjament mad-Direttiva (UE) 2022/2523 għal approċċ konsistenti fl-Unjoni.

(7) Għalkemm il-livell limitu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tad-dħul kombinat tal-grupp fuq bażi globali, il-mandat tad-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jkun limitat għall-membri tal-grupp li joperaw fis-suq intern billi d-dritt tal-Unjoni japplika biss fl-Unjoni u ma jobbligax lil Stati mhux Membri. Għalhekk, jenħtieġ li jkun affettwat biss is-subsett tal-Unjoni ta' tali grupp. Dan ikun jinkludi kumpaniji li huma residenti għal finijiet tat-taxxa fi Stat Membru u l-istabbilimenti permanenti tagħhom li joperaw fi Stat Membru kif ukoll l-istabbilimenti permanenti fl-Unjoni ta' kumpaniji f'pajjiżi terzi tal-istess grupp. Meta wieħed iqis li l-kunċett ta' stabbiliment permanenti huwa ttrattat fi ħdan it-trattati bilaterali dwar it-taxxa u l-liġi nazzjonali u għalkemm id-definizzjoni għandha xi prinċipji komuni, għad hemm grad ta' diverġenza madwar id-dinja. Konsegwentement, ikun approċċ pragmatiku li wieħed jibbaża fuq it-trattati eżistenti dwar it-tassazzjoni doppja u r-regoli nazzjonali tal-Istati Membri, aktar milli jipprova armonizzazzjoni sħiħa permezz tad-dritt sekondarju tal-Unjoni.

(8) Sabiex jiġu żgurati l-proporzjonalità u l-funzjonament tajjeb tal-qafas komuni, il-membri tal-grupp, inklużi l-kumpaniji residenti fi Stat Membru, l-istabbilimenti permanenti u l-istabbilimenti permanenti tagħhom fl-Unjoni li jkunu membri ta' grupp li għandhom il-kwartieri tagħhom barra l-Unjoni, b'attività limitata fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni permezz ta' livell limitu ta' materjalità.

(9) L-objettiv tas-simplifikazzjoni tar-regoli kurrenti jenfasizza l-inizjattiva prevista. Għalhekk, jenħtieġ li r-regoli dwar il-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa jinbnew billi tiġi applikata serje limitata ta' aġġustamenti tat-taxxa għar-rapporti finanzjarji ta' kull membru tal-grupp. Dawn l-aġġustamenti limitati jirrappreżentaw aġġustamenti komuni li huma neċessarji sabiex ir-rapporti tal-kontabilità finanzjarja jiġu kkonvertiti f'bażi għat-taxxa. Meta titqies il-ħtieġa għall-allinjament mad-Direttiva (UE) 2022/2523, jenħtieġ li l-aġġustamenti jiġu adattati mill-ġdid ma' dak il-qafas, li jenħtieġ li jiffaċilita wkoll l-implimentazzjoni għall-Istati Membri u għan-negozji li diġà jkunu familjari mal-prinċipji ġenerali.

(10) Minħabba li, bl-għan li tinkiseb simplifikazzjoni, il-kontijiet finanzjarji jintużaw bħala punt tat-tluq għall-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa ta' kull membru tal-grupp, huwa neċessarju li r-regoli tat-taxxa jiġu abbozzati b'tali mod li jibqgħu kemm jista' jkun qrib il-kontabilità finanzjarja. Fil-każijiet li fihom dan ikun possibbli, it-trattament kontabilistiku finanzjarju ta' assi jew ta' obbligazzjoni ma jinbidilx għall-finijiet tat-tassazzjoni u, konsegwentement, ma jkun meħtieġ l-ebda aġġustament. Għaldaqstant, huwa neċessarju wkoll li, f'konformità mar-raġunament tat-tassazzjoni, elementi oħrajn tal-bażi għat-taxxa jiġu ttrattati għall-finijiet tat-taxxa b'mod differenti meta mqabblin ma' kif jiġu kkwalifikati taħt il-kontabilità finanzjarja.

(11) Għaldaqstant, huwa essenzjali li jiġu indirizzati setturi speċifiċi ta' attività, b'mod partikolari t-tbaħħir internazzjonali, li jeħtieġu ċerti aġġustamenti speċifiċi għas-settur. Għall-membri tal-grupp f'dan is-settur, il-kontijiet finanzjarji jkollhom jiġu aġġustati, sabiex jiġi eskluż ammont (profitt jew telf) kopert mit-taxxa fuq it-tunnellaġġ. Reġimi tat-taxxa speċjali għat-tbaħħir internazzjonali, spiss imsejħin "Taxxi fuq it-tunnellaġġ" normalment jippermettu t-tassazzjoni fuq il-bażi tat-tunnellaġġ (jiġifieri l-kapaċità tat-trasport) ta' bastimenti operati minn membru tal-grupp minflok il-profitti jew it-telf attwali mġarrbin mill-membru tal-grupp permezz ta' attivitajiet eliġibbli għat-taxxa fuq it-tunnellaġġ. Għalhekk, esklużjoni ta' ammont bħal dan tibni fuq l-approċċi

rikonoxxuti differenti għall-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa u tiżgura konsistenza xierqa mal-objettivi differenti ta' politika tas-suq intern.

(12) Sabiex jintlaħaq l-objettiv ewlieni li jinħoloq qafas simplifikat tat-taxxa korporattiva, jenħtieġ li r-riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp jiġu aggregati f'bażi komuni waħda għat-taxxa, sabiex sussegwentement din il-bażi tiġi allokata lill-membri tal-grupp eliġibbli. L-aġġustamenti tat-taxxa fir-rapporti finanzjarji jipproduċu riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp. Dawn ir-riżultati mbagħad jiġu aggregati, li jippermetti l-ħelsien minn taxxa għal telf transfruntier bejn il-membri tal-grupp BEFIT, u sussegwentement, il-bażi għat-taxxa aggregata tiġi allokata lill-membri tal-grupp fuq il-bażi ta' regola dwar l-allokazzjoni ta' tranżizzjoni; dan iwitti t-triq għal mekkaniżmu permanenti. Dak il-mekkaniżmu permanenti jista' jkun ibbażat fuq formula tat-tqassim u jrendi inutli l-ħtieġa li t-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ikunu konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament. Dan ikollu l-vantaġġ li juża *data* aktar reċenti ta' rapportar pajjiż b'pajjiż ("CBCR") u l-informazzjoni miġbura matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan jippermetti wkoll valutazzjoni aktar bir-reqqa tal-impatt li l-implimentazzjoni tal-approċċ b'żewġ pilastri hija mistennija jkollha fuq il-bażijiet għat-taxxa nazzjonali u fuq il-bażijiet għat-taxxa tal-grupp tal-BEFIT. B'dan il-mod, xorta jsir possibbli li jintlaħaq l-objettiv ewlieni tan-newtralità tat-taxxa fis-suq intern, li jnaqqas każijiet ta' taxxa doppja u żejda u jtejjeb iċ-ċertezza tat-taxxa bl-għan li jitnaqqas in-numru ta' tilwimiet dwar it-taxxa.

(13) L-aggregazzjoni tar-riżultati tat-taxxa fost il-membri tal-grupp ma tkunx miżura xierqa għal ċerti setturi, bħall-attivitajiet estrattivi kif ukoll it-tbaħħir internazzjonali, it-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u t-trasport bl-ajru. Għalhekk, ikun importanti li dawk jiġu esklużi mill-aggregazzjoni peress li l-karatteristiċi tagħhom ma joqogħdux f'dan il-kuntest. Kwalunkwe ammont ta' profitt jew ta' telf ta' kumpaniji li joperaw fil-qasam tat-traffiku internazzjonali li ma jkunx kopert minn taxxa fuq it-tunnellaġġ (u għalhekk ikun eskluż mir-riżultati preliminari tat-taxxa), ikollu jinżamm barra mill-aggregazzjoni filwaqt li jiġi kkomputat bl-applikazzjoni tar-regoli komuni dwar it-taxxa korporattiva.

(14) Sabiex jipprovdu spazju għat-tkabbir u għall-investiment, l-Istati Membri jitħallew japplikaw ukoll aġġustamenti addizzjonali ta' wara l-allokazzjoni individwalment (eż. trattament tat-taxxa tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni) f'oqsma mhux koperti mill-qafas komuni. L-Istati Membri jkunu liberi wkoll li jaġġustaw aktar is-sehem allokat tagħhom mingħajr limitu sabiex jiżguraw li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu l-għażliet ta' politika nazzjonali tagħhom f'dan il-qasam. L-aktar importanti, id-Direttiva (UE) 2022/2523 effettivament tistabbilixxi limitu massimu li effettivament jiżgura li r-rata tat-taxxa effettiva tkun ta' mill-inqas 15 %.

(15) Xi Stati Membri joperaw sistemi tat-taxxa korporattiva li huma mibnijin fuq prinċipji li jvarjaw mill-aktar approċċ komuni, bħas-sistemi tat-taxxa bbażati fuq id-distribuzzjoni. Għalhekk, huwa ta' importanza assoluta li jiġu stabbiliti l-aġġustamenti neċessarji, sabiex tiġi żgurata interazzjoni fattibbli ma' dawk is-sistemi. Is-soluzzjoni tista' tinstab f'ċerti aġġustamenti ta' wara l-allokazzjoni. Dawn ikunu jinvolvu li l-parti li tiġi allokata lil membru tal-grupp fil-qafas ta' sistema bbażata fuq id-distribuzzjoni jkollha tiġi mmodifikata fi proporzjon mad-distribuzzjonijiet magħmulin matul is-sena fiskali. L-essenza ta' sistema tat-taxxa bbażata fuq id-distribuzzjoni tinżamm bis-sħiħ, meta jitqies li d-distribuzzjoni timmarka punt ta' żmien għat-tassazzjoni tal-parti allokata u, b'hekk, jiġi ddeterminat kemm minn din ikun jeħtieġ li jiġi intaxxat. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi previst li jitħaddem

mekkaniżmu ta' riport, sabiex jiġi żgurat li l-parti allokata li ma tkunx intaxxata fis-sena kurrenti tkun taxxabbli fis-snin ta' wara.

(16) Peress li r-relazzjonijiet fi ħdan grupp jirrappreżentaw biss parti mill-attività kummerċjali ta' grupp ta' kumpaniji, it-tranżazzjonijiet bejn membri ta' grupp u intrapriżi assoċjati barra mill-grupp jikkostitwixxu aspett essenzjali ieħor li għandu jiġi analizzat. Sabiex jiġi indirizzat dan l-aspett estern u billi n-numru ta' tilwimiet dwar il-prezzar ta' trasferiment dan l-aħħar żdied b'mod konsiderevoli, speċjalment fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet tal-prezzar għall-attivitajiet ta' rutina, ikun utli ħafna li jiġi previst approċċ simplifikat għall-konformità tal-prezzar ta' trasferiment li jnaqqas il-kostijiet ta' konformità għan-negozji u jtejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa fl-użu tal-kapital uman. Għal dan l-għan, ikun importanti li jiġi adottat qafas komuni ta' valutazzjoni tar-riskju għall-prezzar ta' trasferiment bbażat fuq analiżi tal-parametri referenzjarji aċċettata b'mod komuni. Din il-valutazzjoni tinvestiga l-marġnijiet tal-Qligħ Qabel l-Imgħax u t-Taxxa għall-entitajiet li joperaw b'mod indipendenti fis-suq intern. Imbagħad, jenħtieġ li l-markaturi tal-profitt miksubin b'dan il-mod jiġu ppubblikati sabiex jintużaw bħala għodda ta' awtovalutazzjoni tar-riskju, u jippermettu lill-gruppi li joperaw fis-suq intern ikunu jafu minn qabel ir-redditi distakkati (ibbażati fuq is-suq) li jkunu mistennijin jiksbu fi tranżazzjonijiet ma' intrapriżi assoċjati. Jenħtieġ li kull tranżazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema tiġi vvalutata bħala ta' riskju baxx, medju jew għoli, skont kif din tipparaguna mal-markaturi tal-profitt, li jiġu stabbiliti permezz ta' att ta' implimentazzjoni u ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

(17) Qafas komuni għat-tassazzjoni korporattiva bilfors li jkollu sistema amministrattiva, li idealment jenħtieġ li tipprovdi għal grad ta' ċertezza tat-taxxa u ta' simplifikazzjoni. Sabiex tiġi promossa l-uniformità, is-sistema amministrattiva jkollha tibni fuq l-importanza li jitħaddem punt ċentralizzat ta' referenza sabiex jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet komuni, bħal Dikjarazzjoni ta' Informazzjoni għall-grupp sħiħ, u l-iżgurar ta' grad adegwat ta' koordinazzjoni u ta' kollaborazzjoni fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa. Fl-istess ħin, jenħtieġ li s-sistema amministrattiva tirrispetta bis-sħiħ is-sovranità tat-taxxa nazzjonali billi d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa lokali, l-awditi u s-soluzzjoni tat-tilwim ikollhom jibqgħu primarjament fil-livell tal-Istati Membri.

(18) Sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-qafas komuni jiġu implimentati u infurzati b'mod korrett, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li penali bħal dawn ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(19) Sabiex jiġu ottimizzati l-benefiċċji li jkun hemm qafas legali komuni għall-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa korporattiva fis-suq intern, jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-regoli tkun fakultattiva għall-gruppi, inklużi l-gruppi ta' SMEs, li jaqilgħu dħul annwali kombinat ta' anqas minn EUR 750 000 000 sakemm iħejju rapporti finanzjarji konsolidati u jkollhom preżenza taxxabbli fl-Unjoni. Billi l-applikazzjoni tar-regoli tinżamm miftuħa għal gruppi ta' daqs iżgħar, aktar gruppi bi strutturi u b'attivitajiet transfruntieri jistgħu jibbenefikaw mis-simplifikazzjoni li joffri l-qafas komuni.

(20) Sabiex jiġu ssupplimentati jew emendati, skont il-każ, ċerti elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' (i) l-emendar tal-Annessi I u II, kif xieraq; u (ii) is-

supplimentazzjoni billi jiġu stabbiliti regoli addizzjonali għall-impriżi tal-assigurazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju (IFRS) 17 il-ġdid dwar il-Kuntratti tal-Assigurazzjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[26]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(21) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni u għall-funzjonament tal-hekk imsejħin "timijiet tal-BEFIT" stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jgħaqqdu flimkien rappreżentanti ta' kull amministrazzjoni tat-taxxa rilevanti mill-Istati Membri fejn jopera l-grupp kif ukoll sabiex jistabbilixxu marġnijiet ta' profitt għal ċerti tranżazzjonijiet ta' rutina bejn il-membri tal-grupp tal-BEFIT u l-intrapriżi assoċjati tagħhom barra mill-grupp tal-BEFIT, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27].

(22) Jenħtieġ li kwalunkwe proċessar ta' *data* personali mwettaq fil-qafas ta' din id-Direttiva jkun konformi mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28]. L-Istati Membri jistgħu jipproċessaw *data* personali skont din id-Direttiva biss għall-fini tal-applikazzjoni tal-Kapitolu IV kif ukoll għall-fini tal-eżami u tal-ilħuq ta' kunsens dwar il-kontenut tar-ritorn u tal-proċessar tal-informazzjoni tal-BEFIT u tal-valutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa individwali skont il-Kapitolu V.

(23) Il-perjodu ta' żamma ta' 10 snin huwa ġġustifikat sabiex jippermetti lill-Istati Membri jikkonformaw mal-biċċa l-kbira tat-termini preskrittivi.

(24) Sabiex in-negozji jkunu jistgħu jgawdu direttament mill-benefiċċji tas-suq intern mingħajr ma jġarrbu piż amministrattiv addizzjonali bla bżonn, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tat-taxxa stabbiliti f'din id-Direttiva ssir aċċessibbli permezz tal-Gateway Diġitali Unika ("SDG") f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1724[29]. L-SDG tipprovdi punt uniku ta' servizz għall-utenti

---

[26] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

[27] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[28] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[29] Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

transfruntiera għall-forniment online ta' informazzjoni, ta' proċeduri u ta' servizzi ta' assistenza rilevanti għall-funzjonament tas-suq intern.

(25) Billi l-objettiv ta' din id-Direttiva ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-isfidi eżistenti li huma kkawżati mill-interazzjoni bejn 27 sistema differenti ta' taxxa korporattiva, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(26) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta l-opinjoni informali tiegħu fit-18 ta' Awwissu 2023.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

# KAPITOLU I

# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni għat-tassazzjoni fuq l-introjtu korporattiv fl-Unjoni għal ċerti gruppi.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, din id-Direttiva tistabbilixxi regoli:

(a) dwar id-delineazzjoni ta' grupp għall-finijiet ta' din id-Direttiva ("il-grupp tal-BEFIT");

(b) għall-kalkolu ta' bażi għat-taxxa aggregata għall-kumpaniji u għall-istabbilimenti permanenti tal-grupp tal-BEFIT ("membru tal-grupp tal-BEFIT" u "bażi għat-taxxa tal-BEFIT");

(c) għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT lill-membri eliġibbli tal-grupp tal-BEFIT;

(d) is-simplifikazzjoni tal-valutazzjonijiet tar-riskju tal-prezzar ta' trasferiment għal tranżazzjonijiet ma' intrapriżi assoċjati barra mill-grupp;

(e) għall-amministrazzjoni tal-qafas legali komuni.

3. Kumpanija jew stabbiliment permanenti li huwa soġġett għal din id-Direttiva ma għandux jibqa' soġġett għal-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva fl-Istati Membri kollha fejn ikun stabbilit fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha regolati b'din id-Direttiva, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor f'din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tapplika għal kumpaniji residenti għal finijiet tat-taxxa fi Stat Membru, inklużi l-istabbilimenti permanenti tagħhom li jinsabu fi Stati Membri

oħrajn, u għal stabbilimenti permanenti li jinsabu fi Stati Membri ta' entitajiet residenti għal finijiet tat-taxxa f'pajjiż terz ("entitajiet ta' pajjiż terz"), li jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

(a) jappartjenu għal grupp domestiku jew għal grupp ta' intrapriżi multinazzjonali ("grupp MNE") li jħejji rapporti finanzjarji konsolidati u li kellu dħul annwali kombinat ta' EUR 750 000 000 jew aktar f'tal-anqas tnejn mill-aħħar 4 snin fiskali;

(b) fir-rigward tal-kumpaniji, barra minn hekk:

  (i) jieħdu waħda mill-forom elenkati fl-Anness I;

  (ii) ikunu soġġetti għal waħda mit-taxxi korporattivi elenkati fl-Anness II, jew għal taxxa simili li tiddaħħal wara;

  (iii) ikunu l-entità omm apikali ("UPE") jew l-assi, l-obbligazzjonijiet, l-introjtu, l-ispejjeż u l-flussi tal-flus tagħhom għandhom jiġu kkonsolidati fuq bażi linja b'linja mill-entità omm apikali;

(c) fir-rigward ta' stabbilimenti permanenti, barra minn hekk:

  (i) ikunu soġġetti għal waħda mit-taxxi korporattivi elenkati fl-Anness II jew għal taxxa simili li tiddaħħal wara;

  (ii) ikunu stabbiliment permanenti tal-entità omm apikali jew ta' entità li l-assi, l-obbligazzjonijiet, l-introjtu, l-ispejjeż u l-flussi tal-flus tagħha għandhom jiġu kkonsolidati fuq bażi ta' entrata, entrata mill-entità omm apikali.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal kumpaniji jew għal stabbilimenti permanenti b'entità omm apikali barra mill-Unjoni fejn id-dħul kombinat tal-grupp fl-Unjoni jew ma jaqbiżx il-5 % tad-dħul totali għall-grupp fuq il-bażi tar-rapporti finanzjarji konsolidati tiegħu jew l-ammont ta' EUR 50 miljun f'tal-anqas tnejn mill-aħħar 4 snin fiskali. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' parteċipazzjoni skont il-paragrafu 7.

3. Meta żewġ gruppi jew aktar jingħaqdu sabiex jiffurmaw grupp wieħed, il-limitu ta' EUR 750 000 000 imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitqies li ġie ssodisfat għal kwalunkwe sena fiskali qabel il-fużjoni jekk is-somma tad-dħul kombinat tal-gruppi li jkunu qed jiġu fużi għal dik is-sena fiskali, kif inkluża f'kull waħda mir-rapporti finanzjarji konsolidati tagħhom, tkun ta' EUR 750 000 000 jew aktar. Il-kumpaniji u l-membri tal-istabbilimenti permanenti ta' dak il-grupp iffurmat ġdid għandhom isiru soġġetti għal din id-Direttiva jekk dak il-livell limitu jkun ġie ssodisfat f'tal-anqas tnejn mill-aħħar 4 snin fiskali.

4. Meta kumpanija li ma tkunx membru ta' grupp (il-"mira") tiġi akkwistata minn kumpanija oħra jew minn grupp (l-"entità akkwirenti") u jew il-mira jew l-entità akkwirenti ma kellhiex rapporti finanzjarji konsolidati fi kwalunkwe waħda mill-4 snin fiskali immedjatament qabel is-sena fiskali tal-akkwiżizzjoni, il-livell limitu tad-dħul kombinat annwali ta' EUR 750 000 000 imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitqies li ntlaħaq għal dik is-sena jekk is-somma tad-dħul inkluża fir-rapporti finanzjarji jew fir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-mira u tal-entità akkwirenti għal dik is-sena fiskali tkun ta' EUR 750 000 000 jew aktar. L-entità akkwirenti għandha ssir soġġetta għal din id-Direttiva jekk dak il-livell limitu jkun intlaħaq f'tal-anqas tnejn mill-4 snin fiskali immedjatament qabel is-sena fiskali li fiha din id-Direttiva tibda tapplika għall-entità akkwirenti.

5. Meta jkun hemm ħall tal-fużjoni ta' grupp f'żewġ gruppi jew aktar (il-"gruppi defużjonati"), il-livell limitu ta' EUR 750 000 000 imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitqies milħuq minn kull wieħed mill-gruppi defużjonati meta:

(a) fl-ewwel sena fiskali li tintemm wara l-ħall tal-fużjoni, kull wieħed mill-gruppi defużjonati ikollu dħul annwali kombinat ta' EUR 750 000 000 jew aktar f'dik is-sena fiskali;

(b) fit-tieni sar-raba' snin fiskali li jintemmu wara l-ħall tal-fużjoni, kull wieħed mill-gruppi defużjonati jkollu dħul annwali kombinat ta' EUR 750 000 000 jew aktar f'tal-anqas tnejn minn dawk is-snin fiskali.

6. Meta waħda jew aktar mill-4 snin finanzjarji msemmijin f'dan l-Artikolu tkun itwal jew iqsar minn 12-il xahar, il-livelli limitu tad-dħul imsemmijin għandhom jiġu aġġustati proporzjonalment għal kull waħda minn dawk is-snin finanzjarji.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji li huma residenti għal finijiet tat-taxxa fi Stat Membru u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (b), inklużi l-istabbilimenti permanenti tagħhom li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, kif ukoll l-istabbilimenti permanenti, li jinsabu fl-Istati Membri, ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), jistgħu jagħżlu li jkunu koperti minn din id-Direttiva jekk ikunu jappartjenu għal grupp MNE jew għal grupp domestiku li jħejji rapporti finanzjarji konsolidati iżda ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (a), rigward il-livell limitu ta' EUR 750 000 000.

8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 74 sabiex temenda l-Annessi I u II bl-għan li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-bidliet fil-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-forom ta' kumpaniji u tat-taxxi korporattivi.

*Artikolu 3*

***Definizzjonijiet***

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "grupp" tfisser:

(a) ġabra ta' entitajiet li huma relatati permezz ta' sjieda jew kontroll kif iddefinit mill-istandard kontabilistiku finanzjarju aċċettabbli għat-tħejjija ta' rapporti finanzjarji konsolidati mill-entità omm apikali, inkluża kwalunkwe entità li setgħet ġiet eskluża mir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-entità omm apikali bbażata biss fuq id-daqs żgħir tagħha, fuq ir-raġunijiet ta' materjalità jew fuq il-bażi li tinżamm għall-bejgħ; jew

(b) entità li tinkludi l-introjtu jew it-telf nett ta' stabbiliment permanenti wieħed jew aktar fir-rapporti finanzjarji tagħha ("uffiċċju prinċipali"), dment li ma tkunx parti minn grupp ieħor kif definit fil-punt (a);

(2) "grupp domestiku" tfisser kwalunkwe grupp li l-entitajiet kollha tiegħu jinsabu fl-istess Stat Membru;

(3) "grupp MNE" tfisser kwalunkwe grupp multinazzjonali li jinkludi tal-anqas entità waħda jew stabbiliment permanenti wieħed li ma jkunx jinsab fil-ġuriżdizzjoni tal-entità omm apikali ("UPE");

(4) “sena fiskali” tfisser il-perjodu kontabilistiku li fir-rigward tiegħu l-entità omm apikali tħejji r-rapporti finanzjarji konsolidati tagħha.

(5) “rapporti finanzjarji konsolidati” tfisser ir-rapporti finanzjarji li fihom l-assi, l-obbligazzjonijiet, l-introjtu, l-ispejjeż u l-flussi tal-flus ta’ entità u dawk tas-sussidjarji tagħha, li huma kkontrollati minn tal-ewwel, jiġu ppreżentati bħala dawk ta’ unità ekonomika waħda;

(6) “entità” tfisser kwalunkwe arranġament ġuridiku li jħejji kontijiet finanzjarji separati jew kwalunkwe persuna ġuridika;

(7) “entità omm apikali” tfisser:

(a) entità li tkun is-sid, b’mod dirett jew indirett, ta’ interess kontrollanti fi kwalunkwe entità oħra u li ma tkunx proprjetà, b’mod dirett jew indirett, ta’ entità oħra b’interess kontrollanti fiha; jew

(b) l-uffiċċju prinċipali ta’ grupp kif definit fil-punt (1)(b);

(8) “interess proprjetarju” tfisser kwalunkwe interess ta’ ekwità li jġorr drittijiet għall-profitti, għall-kapital jew għar-riżervi ta’ entità jew ta’ stabbiliment permanenti;

(9) “interess kontrollanti” tfisser interess proprjetarju f’entità li bih id-detentur tal-interess ikun meħtieġ jikkonsolida l-assi, l-obbligazzjonijiet, l-introjtu, l-ispejjeż u l-flussi tal-flus tal-entità fuq bażi ta’ entrata, entrata;

(10) “entità dikjaranti” tfisser waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-entità omm apikali, meta tkun tinsab fi Stat Membru; jew

(b) jekk l-entità omm apikali ma tkunx tinsab fi Stat Membru, l-entità li tinsab fi Stat Membru, li tkun inħatret mill-grupp tal-BEFIT sabiex tissodisfa l-obbligi fir-rigward tar-ritorn ta’ informazzjoni tal-grupp tal-BEFIT stabbiliti fl-Artikolu 57 f’isem il-grupp tal-BEFIT.

(11) “standard kontabilistiku aċċettabbli fl-Unjoni” tfisser l-Istandards Internazzjonali ta’ Rapportar Finanzjarju kif adottati mill-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] u l-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati tal-Istati Membri;

(12) “introjtu jew telf nett tal-kontabilità finanzjarja” tfisser il-profitt jew it-telf nett iddeterminat għal membru tal-grupp tal-BEFIT, skont standard kontabilistiku aċċettabbli komuni uniku fl-Unjoni qabel kwalunkwe aġġustamenti tal-konsolidament għall-eliminazzjoni tat-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT, f’konformità mal-Artikolu 7.

(13) “Impriża tal-assigurazzjoni” tfisser impriża tal-assigurazzjoni kif definita fl-Artikolu 13, il-punt (1), tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31];

---

[30] Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta’ standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1)

[31] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

(14) “Assigurazzjoni tal-ħajja marbuta ma’ indiċi u marbuta ma’ unitajiet” tfisser poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja li fihom il-qligħ u t-telf mill-investimenti, jew l-imgħaxijiet/id-dividendi li jakkumulaw fuq l-investimenti sottostanti tal-impriża tal-assigurazzjoni, maż-żmien jiġu allokati bis-sħiħ lid-detenturi ta’ poloz;

(15) “sid ekonomiku” tfisser il-persuna li sostanzjalment tirċievi l-benefiċċji kollha u ġġorr ir-riskji kollha marbutin ma’ assi fiss, irrispettivament minn jekk dik il-persuna tkunx is-sid legali. Kontribwent li jkollu d-dritt li jippossjedi, juża u jiddisponi minn assi fiss u jġorr ir-riskju tat-telf jew tal-qerda tiegħu għandu fi kwalunkwe każ jitqies bħala s-sid ekonomiku;

(16) “allokazzjoni bażi” tfisser il-metodu għall-kondiviżjoni tal-bażi għat-taxxa BEFIT fost il-membri tal-grupp BEFIT f’kull sena fiskali tal-perjodu ta’ tranżizzjoni f’konformità mal-Artikolu 45.

(17) “awtorità tad-dikjarazzjoni” tfisser l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun residenti l-entità dikjaranti għal finijiet tat-taxxa jew, jekk tikkonċerna stabbiliment permanenti ta’ kontribwent mhux residenti, l-Istat Membru fejn ikun jinsab dak l-istabbiliment permanenti.

# KAPITOLU II

# DETERMINAZZJONI TAR-RIŻULTAT PRELIMINARI TAT-TAXXA

## TAQSIMA 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 4*

***Prinċipji ġenerali***

1. Ir-riżultat preliminari tat-taxxa ta’ kull membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi ddeterminat, għal kull sena fiskali, fuq il-bażi tal-introjtu jew tat-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tiegħu kif aġġustat f’konformità mal-Artikoli 8 sa 41 ta’ din id-Direttiva.

2. L-ispejjeż li huma inklużi fl-introjtu jew fit-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta’ membru tal-grupp tal-BEFIT għandhom ikunu deduċibbli mir-riżultat tat-taxxa preliminari tiegħu biss sal-punt li jiġġarrbu fl-interess kummerċjali dirett tiegħu.

*Artikolu 5*

***Struttura ta’ grupp tal-BEFIT***

1. Grupp tal-BEFIT għandu jiġi ffurmat meta żewġ kumpaniji jew stabbilimenti permanenti jew aktar li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kumpanija tkun jew l-entità omm apikali tal-grupp jew kwalunkwe kumpanija oħra tal-grupp li fiha l-entità omm apikali jkollha, direttament jew

indirettament, tal-anqas 75 % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt;

(b) l-uffiċċju prinċipali tal-istabbiliment permanenti jkun jew l-entità omm apikali tal-grupp jew kwalunkwe membru ieħor (kumpanija jew entità) tal-grupp li fih l-entità omm apikali jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas 75 % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt.

2. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-livell limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), id-drittijiet tas-sjieda u d-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt f'kumpanija li tappartjeni għal grupp għandhom jiġu kkalkolati billi jiġu mmoltiplikati l-interessi miżmumin, direttament u indirettament, f'kull livell.

*Artikolu 6*

***Rekwiżiti tal-perjodu ta' żamma***

1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jilħaq il-livelli limitu msemmijin fl-Artikolu 5(1) mingħajr interruzzjoni, matul is-sena fiskali.

2. Kumpanija jew stabbiliment permanenti għandu jsir membru tal-grupp tal-BEFIT fid-data li fiha jintlaħqu l-livelli limitu msemmijin fl-Artikolu 5(1). Il-livelli limitu għandhom jiġu ssodisfati għal tal-anqas 9 xhur konsekuttivi. Jekk kumpanija jew, kif applikabbli, stabbiliment permanenti jonqos milli jilħaq il-livelli limitu għall-perjodu meħtieġ, dan għandu jiġi ttrattat daqslikieku qatt ma kien membru tal-grupp tal-BEFIT.

3. Kumpanija jew stabbiliment permanenti ma jibqax membru tal-grupp tal-BEFIT fil-jum li jsegwi dak li fih ma jibqax jilħaq il-livelli limitu msemmijin fl-Artikolu 5(1).

*Artikolu 7*

***Kontijiet finanzjarji bħala bażi għall-komputazzjoni tar-riżultat preliminari tat-taxxa***

1. Ir-riżultat preliminari tat-taxxa ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi kkomputat billi jsiru l-aġġustamenti stabbiliti fl-Artikoli 8 sa 41 għall-introjtu jew għat-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tiegħu għas-sena fiskali, kif iddeterminat skont standard kontabilistiku komuni aċċettabbli uniku fl-Unjoni qabel kwalunkwe aġġustamenti tal-konsolidament għall-eliminazzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' grupp intra-BEFIT.

2. L-istandard kontabilistiku aċċettabbli fl-Unjoni li għandu jintuża mill-membri tal-grupp tal-BEFIT għall-finijiet tal-paragrafu 1 għandu jkun l-istandard kontabilistiku aċċettabbli fl-Unjoni li jintuża fit-tħejjija tar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-entità omm apikali meta din tal-aħħar tkun residenti għal finijiet tat-taxxa fi Stat Membru.

Meta l-entità omm apikali ma tkunx residenti għal finijiet tat-taxxa fi Stat Membru, l-istandard kontabilistiku aċċettabbli fl-Unjoni għandu jkun l-istandard fis-seħħ fl-Istat Membru fejn l-entità dikjaranti tkun residenti għal finijiet tat-taxxa.

3. Meta membru tal-grupp tal-BEFIT ikun stabbiliment permanenti, l-introjtu jew it-telf nett kontabilistiku finanzjarju tiegħu għandu jkun jew:

(a) l-introjtu jew it-telf nett rifless fil-kontijiet finanzjarji separati tiegħu stess, kif iddeterminat f'konformità mal-paragrafi 1 u 2; jew

(b) fin-nuqqas ta' kontijiet finanzjarji separati, l-introjtu jew it-telf nett li kien ikun rifless fil-kontijiet finanzjarji separati tiegħu li kieku tħejjew fuq bażi awtonoma u f'konformità mal-istandard aċċettabbli fl-Unjoni ddeterminat f'konformità mal-paragrafi 1 u 2.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, meta Stat Membru japplika liġi nazzjonali li tippermetti li l-gruppi jħejju, jawditjaw u jippubblikaw rapporti finanzjarji fuq bażi ġuriżdizzjonali, ir-riżultat preliminari tat-taxxa u l-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li huma residenti għal finijiet tat-taxxa f'dak l-Istat Membru jistgħu jiġu kkomputati wkoll fuq bażi ġuriżdizzjonali, dment li l-grupp ikun jista' jidentifika separatament, għal kull membru tal-grupp tal-BEFIT, id-*data* neċessarja għall-kalkolu ta' tali riżultat preliminari tat-taxxa u tal-aġġustamenti ta' wara l-allokazzjoni f'konformità ma' din id-Direttiva.

## TAQSIMA 2

### AĠĠUSTAMENTI FL-INTROJTU JEW FIT-TELF NETT TAL-KONTABILITÀ FINANZJARJA

*Artikolu 8*

***Dividendi u distribuzzjonijiet oħrajn***

Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi 95 % tal-ammont ta' dividendi jew ta' distribuzzjonijiet oħrajn riċevuti jew dovuti matul is-sena fiskali, dment li fid-data tad-distribuzzjoni, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp tal-BEFIT għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn 10 % tal-profitti, tal-kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.

*Artikolu 9*

***Gwadanji jew telf mid-disponiment ta' ishma***

Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi 95 % tal-ammont ta' gwadann jew ta' telf li jirriżulta mid-disponiment ta' interess proprjetarju, dment li fid-data tad-disponiment, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp tal-BEFIT għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn 10 % tal-profitti, tal-kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.

*Artikolu 10*

***Bidliet fil-valur ġust***

Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi l-ammont ta' qligħ jew ta' telf li jirriżulta minn bidliet fil-valur ġust ta' interess proprjetarju, dment li fid-data tad-disponiment, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp BEFIT għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn 10 % tal-profitti, tal-kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.

*Artikolu 11*

***Assi finanzjarji miżmumin għan-negozju***

1. Assi jew obbligazzjoni finanzjarja għandha tiġi ttrattata bħala miżmuma għan-negozju minn membru tal-grupp BEFIT meta tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) tiġi akkwistata jew tiġġarrab primarjament biex tinbiegħ jew tinxtara mill-ġdid fit-terminu qasir;

   (b) tkun parti minn portafoll ta' strumenti finanzjarji identifikati, inklużi derivattivi, li jkunu ġestiti flimkien u li għalihom ikun hemm evidenza ta' mudell attwali riċenti ta' teħid tal-profitti fuq terminu qasir.

2. Meta assi jew obbligazzjoni finanzjarja li tinżamm minn membru tal-grupp tal-BEFIT tagħmel tranżizzjoni sabiex issir assi jew obbligazzjoni miżmuma għan-negozju jew viċi versa, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja għandu jiġi aġġustat sabiex jinkludi kwalunkwe differenza bejn il-valur ġust ikkalkolat fil-bidu tas-sena fiskali jew fid-data tax-xiri jekk aktar tard, u l-valur ġust tagħha kkalkolat fi tmiem l-istess sena fiskali.

Il-valur ġust ta' assi jew ta' obbligazzjoni finanzjarja fi tmiem is-sena fiskali li matulha tagħmel it-tranżizzjoni sabiex issir assi jew obbligazzjoni miżmuma għan-negozju jew viċi versa għandu jkun ukoll il-valur ġust tagħha fil-bidu tas-sena fiskali wara t-tranżizzjoni.

3. Il-perjodu ta' żamma msemmi fl-Artikolu 9 għandu jibda jew jiġi interrott meta l-assi jew l-obbligazzjoni finanzjarja ma tibqax miżmuma għan-negozju jew tiġi ttrasferita sabiex issir assi jew obbligazzjoni miżmuma għan-negozju rispettivament.

*Artikolu 12*

***Introjtu jew telf ta' stabbiliment permanenti***

L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jiġi eskluż l-ammont tal-introjtu jew tat-telf li huwa attribwibbli għall-istabbilimenti permanenti tiegħu.

*Artikolu 13*

***Regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax***

1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jaġġusta l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tiegħu sabiex jinkludi l-ammont ta' kostijiet eċċessivi tat-teħid b'self, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern[32], li ma jkunx deduċibbli għal finijiet tat-taxxa f'konformità mar-regoli dwar il-limitazzjoni tal-imgħax stabbiliti fil-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru fejn ikun residenti għal finijiet tat-taxxa.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-kostijiet eċċessivi tat-teħid b'self li jinħolqu minn tranżazzjoni bejn il-membri tal-grupp tal-BEFIT.

*Artikolu 14*

***Impriżi tal-assigurazzjoni***

1. Meta membru tal-grupp tal-BEFIT ikun impriża tal-assigurazzjoni li tkun awtorizzata topera fi Stat Membru f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE, għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 4.

2. L-ammont ta' provvedimenti tekniċi ta' impriżi tal-assigurazzjoni stabbiliti f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE[33] li tnaqqsu fl-introjtu jew fit-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi

[32] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1)

[33] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 374, 31.12.1991, p. 7)

rrieżaminat u aġġustat fi tmiem kull sena fiskali. Meta jiġi kkalkolat ir-riżultat preliminari tat-taxxa fis-snin futuri, għandhom jiġu kkunsidrati l-ammonti li jkunu diġà tnaqqsu.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 74 sabiex tissupplimenta din id-Direttiva li tistabbilixxi regoli aktar dettaljati dwar l-adattament tar-riżultat preliminari tat-taxxa għall-impriżi tal-assigurazzjoni, fil-kuntest tal-impatt tal-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju (IFRS) 17 il-ġdid dwar il-kuntratti tal-assigurazzjoni.

4. L-assiguraturi tal-ħajja fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet għandhom jevalwaw l-assi skont il-valur tas-suq u jistabbilixxu r-riżerva f'konformità mal-evalwazzjoni tal-assi sottostanti.

*Artikolu 15*

***Attivitajiet tat-tbaħħir koperti minn taxxa fuq it-tunnellaġġ***

L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT li jwettaq attivitajiet ta' tbaħħir għandhom jiġu aġġustati sabiex jiġi eskluż l-ammont ta' dħul, ta' spejjeż u ta' entrati deduċibbli oħrajn derivati minn tali attivitajiet koperti minn taxxa fuq it-tunnellaġġ.

*Artikolu 16*

***Multi, penali u pagamenti illegali***

L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jinkludi l-ammont ta' spejjeż dovuti għal pagamenti li jinstabu illegali bħala riżultat ta' awditu jew ta' investigazzjoni mill-awtorità kompetenti kif ukoll multi u penali, inklużi imposti għal ħlas tard, li jkunu dovuti lil awtorità pubblika għall-ksur ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni.

*Artikolu 17*

***Taxxa korporattiva***

L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jinkludi l-ammont ta' kwalunkwe taxxa korporattiva, taxxi simili fuq il-profitti u t-taxxi differiti dovuti għas-sena fiskali kif ukoll kwalunkwe ammont irreġistrat bħala taxxi kurrenti fil-kontijiet finanzjarji fir-rigward tal-pagament ta' taxxa supplimentari dovuta f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2523 jew fl-applikazzjoni ta' Taxxa Kumplimentari Domestika Kwalifikata kif imsemmi fl-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva.

*Artikolu 18*

***Ħelsien ta' rifinanzjament għall-assi ta' sostituzzjoni***

1. Meta r-rikavati mid-disponiment, inkluż il-kumpens għad-dannu, ta' assi fiss deprezzabbli jew ta' art, ikunu se jiġu investiti mill-ġdid f'assi simili użat għall-istess

għan ta' negozju jew għal għan ta' negozju simili qabel tmiem it-tieni sena fiskali wara s-sena fiskali li fiha seħħ id-disponiment, l-ammont li bih dawk ir-rikavati jaqbżu l-valur għall-finijiet tat-taxxa tal-assi jista' jitnaqqas fis-sena tad-disponiment. Assi li jiġi dispost b'mod volontarju jrid ikun ilu f'pussess proprjetarju għal perjodu minimu ta' 3 snin qabel id-disponiment.

2. L-assi ta' sostituzzjoni msemmi fil-paragrafu 1 jista' jinxtara fis-sena fiskali ta' qabel id-disponiment. Meta l-assi ta' sostituzzjoni ma jinxtrax qabel it-tmiem tat-tieni sena fiskali wara s-sena li fiha jkun sar id-disponiment tal-assi, u ħlief f'każijiet ta' force majeure, l-ammont imnaqqas fis-sena tad-disponiment, miżjud b'10 %, għandu jiżdied mar-riżultat preliminari tat-taxxa fit-tieni sena fiskali wara li jkun seħħ id-disponiment.

*Artikolu 19*

***Id-dħul u l-ispiża fir-rigward tal-assi fissi soġġetti għal deprezzament***

1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jiġu esklużi l-ammonti li ġejjin:

   (a) il-kostijiet tal-akkwiżizzjoni jew tal-kostruzzjoni kif ukoll il-kostijiet marbutin mat-titjib tal-assi fissi li huma deprezzabbli f'konformità mar-regoli stabbiliti fit-Taqsima 3; u

   (b) is-sussidji direttament marbutin mal-akkwiżizzjoni, mal-kostruzzjoni jew mat-titjib ta' tali assi.

2. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jinkludi biss l-ammont ta' tnaqqis fir-rigward tad-deprezzament tal-assi fissi kif iddeterminat fl-Artikoli 22 sa 28.

*Artikolu 20*

***Gwadann jew telf fil-kambju tal-munita***

L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jiġu esklużi dawn li ġejjin:

(a) l-ammont ta' kwalunkwe gwadann jew telf mhux realizzat minn skambju barrani fir-rigward ta' assi u ta' obbligazzjonijiet fissi;

(b) l-ammont ta' kwalunkwe provvediment irreġistrat għal telf mhux realizzat minn skambju barrani.

*Artikolu 21*

***Aġġustamenti fir-rigward ta' ċerti entrati (entrati li tħallew f'idejn l-Istati Membri wara l-allokazzjoni)***

L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi mir-riżultat preliminari tat-taxxa kwalunkwe ammont relatat mal-entrati elenkati fl-Artikolu 48(1), il-punti (a) sa (j).

## TAQSIMA 3

## DEPREZZAMENT

*Artikolu 22*

***Metodu u durata tad-deprezzament***

1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex fis-sena fiskali tal-akkwiżizzjoni jiġi eskluż kwalunkwe assi fiss tanġibbli li għandu valur kontabilistiku qabel id-deprezzament li jkun anqas minn EUR 5000.

2. Meta ma jkunx japplika l-paragrafu 1, l-assi fissi għandhom jiġu ddeprezzati individwalment matul il-ħajja utli tagħhom fuq bażi lineari. Il-ħajja utli ta' assi fiss għandha tiġi ddeterminata kif ġej:

   (a) il-bini kollu kif ukoll kwalunkwe tip ieħor ta' proprjetà immobbli u ta' struttura li tintuża għan-negozju: 28 sena;

   (b) l-assi fissi tanġibbli l-oħrajn kollha: il-ħajja utli tagħhom kif ivvalutata f'konformità mal-istandard kontabilistiku aċċettabbli fl-Unjoni msemmi fl-Artikolu 7;

   (c) assi fissi intanġibbli, inkluż l-avvjament akkwiżit: il-perjodu li matulu l-assi jgawdi minn protezzjoni legali jew li għalih ikun ingħata d-dritt u, jekk dak il-perjodu ma jkunx jista' jiġi ddeterminat, 5 snin.

3. L-assi fissi użati għandhom jiġu ddeprezzati f'konformità mal-paragrafu 2, sakemm il-membru tal-grupp tal-BEFIT ma jkunx juri li l-ħajja utli stmata li jifdal tal-assi tkun iqsar, f'liema każ għandu jiġi ddeprezzat fuq dak il-perjodu iqsar.

   B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-assi intanġibbli fissi użati għandhom jiġu ddeprezzati fuq 5 snin, sakemm ma jkunx jista' jiġi ddeterminat il-perjodu li jifdal li għalih l-assi jgawdi protezzjoni legali jew li għalih ikun ingħata d-dritt, f'liema każ għandu jiġi ddeprezzat matul dak il-perjodu l-ieħor.

4. Id-deprezzament għandu jitnaqqas kull xahar mix-xahar tal-bidu tal-użu tal-assi fiss. L-ebda deprezzament ma għandu jitnaqqas fix-xahar tat-trasferiment tal-assi.

5. Il-valur għall-finijiet tat-taxxa ta' assi fiss li jsir id-disponiment tiegħu, jew li ssirlu ħsara b'tali mod li ma jkunx jista' jintuża aktar għan-negozju, u l-valur għall-finijiet tat-taxxa ta' kwalunkwe kost għat-titjib imġarrab fir-rigward taż dak l-assi għandhom jitnaqqsu mir-riżultat preliminari tat-taxxa fix-xahar tad-disponiment jew tal-ħsara.

*Artikolu 23*

***Intitolament għad-deprezzament***

1. Soġġett għall-paragrafu 3, id-deprezzament għandu jitnaqqas mis-sid ekonomiku.

2. Fil-każ ta' kuntratti li fihom is-sjieda ekonomika u legali ma jikkoinċidu, is-sid ekonomiku għandu jkun intitolat li jnaqqas l-element ta' imgħax tal-pagamenti mir-riżultat preliminari tat-taxxa tiegħu, sakemm dak l-element ma jkunx inkluż fir-riżultat preliminari tat-taxxa jew fil-bażi għat-taxxa tas-sid legali, skont il-każ, skont jekk is-sid legali jkunx membru ieħor tal-grupp tal-BEFIT jew le.

3. Jekk is-sid ekonomiku ta' assi ma jkunx jista' jiġi identifikat, is-sid legali għandu jkollu d-dritt li jnaqqas id-deprezzament. Fil-każ ta' kuntratti ta' lokazzjoni kemm l-element tal-imgħax kif ukoll dak tal-kapital tal-pagamenti tal-lokazzjoni għandhom jiġu inklużi fir-riżultat preliminari tat-taxxa tas-sid legali u, jekk il-lokatarju jkun membru tal-grupp tal-BEFIT, dawn il-pagamenti għandhom jiġu esklużi mir-riżultat preliminari tat-taxxa tiegħu.

4. Assi fiss ma jistax jiġi ddeprezzat minn aktar minn kontribwent wieħed f'sena fiskali, sakemm jew is-sjieda legali jew ekonomika ma tkunx kondiviża bejn aktar kontribwenti, jew is-sid ekonomiku jew legali tal-assi jkun inbidel.

5. Membru tal-grupp tal-BEFIT ma jistax jirrinunzja d-deprezzament.

*Artikolu 24*

***Bażi għad-deprezzament***

1. Il-bażi għad-deprezzament għandha tinkludi l-kostijiet direttament marbutin mal-akwiżizzjoni, mal-kostruzzjoni jew mat-titjib ta' assi fiss. Dawk il-kostijiet ma għandhomx jinkludu t-taxxa fuq il-valur miżjud deduċibbli, l-imgħaxijiet, jew ir-riżultat ta' kwalunkwe eżerċizzju ta' rivalutazzjoni jew ta' indeboliment.

2. Il-bażi għad-deprezzament ta' assi riċevut bħala għotja għandha tkun il-valur tas-suq tiegħu kif inkluż fil-kontijiet finanzjarji tal-membru tal-grupp tal-BEFIT.

3. Il-bażi għad-deprezzament ta' assi fiss soġġett għad-deprezzament għandha tonqos billi jitnaqqas l-ammont ta' kwalunkwe sussidju pubbliku marbut direttament mal-akwiżizzjoni, mal-kostruzzjoni jew mat-titjib tal-assi, kif imsemmi fl-Artikolu 19(1), il-punt (b).

4. Id-deprezzament tal-assi fissi li ma humiex disponibbli għall-użu, jew li ma ntużawx għal aktar minn 12-il xahar għal raġunijiet li ma humiex barra mill-kontroll tal-membru tal-grupp tal-BEFIT, ma għandux jitqies.

   Id-deprezzament għandu jieqaf mix-xahar li jsegwi dak li fih jintemm il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu u għandu jissokta mix-xahar li jsegwi dak li fih l-assi jkun beda jerġa' jintuża.

5. Meta assi fiss deprezzabbli jkun ġie dispost u ssostitwit f'konformità mar-regoli fl-Artikolu 18, il-bażi għad-deprezzament tal-assi ta' sostituzzjoni għandha titnaqqas bl-istess ammont bħall-ammont li tnaqqas fis-sena tad-disponiment.

*Artikolu 25*

***Reġistru tal-assi fissi***

1. Il-kostijiet tal-akkwiżizzjoni, il-kostijiet tal-kostruzzjoni jew il-kostijiet tat-titjib, flimkien mad-data tal-bidu tal-użu wara l-akkwiżizzjoni, il-kostruzzjoni jew it-titjib, għandhom jiġu rreġistrati f'reġistru tal-assi fissi għal kull assi fiss separatament.

2. Meta jsir id-disponiment ta' assi fiss, id-dettalji tad-disponiment, inkluża d-data tiegħu, u kwalunkwe rikavat jew kumpens riċevut bħala riżultat ta' disponiment bħal dan, għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-assi fissi.

3. Ir-reġistru tal-assi fissi għandu jinżamm b'mod li jipprovdi informazzjoni suffiċjenti, inkluża *data* dwar id-deprezzament, sabiex jiġi kkalkolat ir-riżultat preliminari tat-taxxa u għandu jinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) identifikazzjoni tal-assi;

(b) ix-xahar tal-bidu tal-użu;

(c) il-bażi għad-deprezzament;

(d) il-ħajja utli f'konformità mal-Artikolu 22;

(e) id-deprezzament akkumulat matul il-perjodu tat-taxxa kurrenti;

(f) id-deprezzament akkumulat totali;

(g) il-bażi għad-deprezzament netta mid-deprezzament akkumulat totali u netta mit-tnaqqis eċċezzjonali fil-valur;

(h) ix-xahar tal-waqfien jew tat-tkomplija tl-impożizzjoni tad-deprezzament tat-taxxa;

(i) ix-xahar tad-disponiment.

*Artikolu 26*

***Deprezzament tal-kostijiet tat-titjib***

1. Il-kostijiet tat-titjib għandhom jiġu ddeprezzati f'konformità mar-regoli applikabbli għall-assi fiss li jkun ittejjeb daqslikieku kien relatat ma' assi fiss akkwiżit ġdid, inkluża l-ħajja utli tiegħu f'konformità mal-Artikolu 22(2).

Minkejja l-ewwel subparagrafu, il-kostijiet tat-titjib relatati mal-assi fissi li jinkrew għandhom jiġu ddeprezzati f'konformità mal-Artikoli 22(3) u 23.

2. Meta l-kontribwent juri li l-ħajja utli stmata li jkun fadal ta' assi fiss deprezzabbli tkun iqsar mill-ħajja utli tal-assi speċifikata fl-Artikolu 22(2), il-kostijiet tat-titjib għal dak l-assi għandhom jiġu ddeprezzati fuq dak il-perjodu iqsar.

*Artikolu 27*

***Assi mhux soġġetti għal deprezzament***

L-assi li ġejjin ma għandhomx ikunu soġġetti għal deprezzament:

(a) assi tanġibbli fissi mhux soġġetti għat-tkagħbir bl-użu u għall-obsolexxenza bħalma huma l-art, l-arti, l-antikitajiet jew il-ġojjellerija;

(b) assi finanzjarji.

*Artikolu 28*

***Tnaqqis eċċezzjonali fil-valur***

1. Membru tal-grupp tal-BEFIT li juri li l-assi tanġibbli fiss mhux soġġett għal deprezzament, kif imsemmi fl-Artikolu 27(a), naqas fil-valur fit-tmiem ta' sena fiskali minħabba force majeure jew attivitajiet kriminali minn partijiet terzi jista' jnaqqas mir-riżultat preliminari tat-taxxa ammont ugwali għal dak it-tnaqqis fil-valur.

2. Meta l-valur ta' assi li, f'sena fiskali preċedenti, kien soġġett għal deprezzament kif imsemmi fil-paragrafu 1 sussegwentement jiżdied, għandu jiżdied ammont ekwivalenti għal dik iż-żieda mar-riżultat preliminari tat-taxxa fis-sena li fiha tkun seħħet dik iż-żieda.

Madankollu, kwalunkwe żieda bħal din, meħuda flimkien, ma għandhomx jaqbżu l-ammont tat-tnaqqis mogħti oriġinarjament.

## TAQSIMA 4

## REGOLI DWAR IT-TWAQQIT U L-KWANTIFIKAZZJONI

*Artikolu 29*

***Stokks u xogħol fl-idejn***

1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat bid-differenza bejn il-valur tal-istokks u x-xogħol fl-idejn fil-bidu u fi tmiem is-sena fiskali, bl-eċċezzjoni ta' stokks u ta' xogħol fl-idejn relatati ma' kuntratti fit-tul kif definit fl-Artikolu 32.

2. Il-kostijiet ta' stokks u ta' xogħol fl-idejn għandhom jitkejlu bl-użu tal-metodu joħroġ li daħal l-ewwel jew tal-metodu tal-kost medju ponderat.

3. Il-kost tal-istokks u tax-xogħol fl-idejn li jinvolvu elementi li ma jkunux ordinarjament interkambjabbli u oġġetti jew servizzi li jkunu manifatturati jew forniti, rispettivament, u separati għal proġetti speċifiċi, għandu jitkejjel b'mod individwali.

4. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu juża l-istess metodu għall-valwazzjoni tal-istokks u tax-xogħol fl-idejn li għandhom natura u użu simili.

5. Il-kost tal-istokks u tax-xogħol fl-idejn għandu jinkludi il-kostijiet kollha tax-xiri, il-kostijiet diretti tal-konverżjoni u kostijiet diretti oħrajn imġarrbin sabiex jitwasslu fil-post u fil-kundizzjoni li fiha jinstabu fis-sena fiskali rilevanti. Il-kostijiet għandhom ikunu netti mit-taxxa fuq il-valur miżjud deduċibbli.

6. L-istokks u x-xogħol fl-idejn għandhom jiġu vvalutati fl-aħħar jum tas-sena fiskali skont liem ikun l-anqas bejn il-kost u l-valur nett realizzabbli. Il-valur nett realizzabbli huwa l-prezz stmat tal-bejgħ matul il-perkors normali tan-negozju, filwaqt li jitnaqqsu minnu l-kostijiet stmati tat-tlestija u l-kostijiet stmati neċessarji sabiex isir il-bejgħ.

*Artikolu 30*

***Provvedimenti***

1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jiġi eskluż l-ammont ta' kwalunkwe provvediment.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-ammont ta' provvediment għandu jkun permess meta, fi tmiem is-sena fiskali, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikollu obbligu legali jew obbligu legali raġonevolment mistenni;

   (b) tali obbligu jirriżulta minn attivitajiet jew minn tranżazzjonijiet imwettqin f'dik is-sena fiskali jew fi snin fiskali preċedenti;

   (c) l-ammont ta' provvediment li jirriżulta minn obbligu bħal dan jista' jiġi stmat b'mod affidabbli;

   (d) meta jiġi saldat, l-ammont jirriżulta fi spiża li tista' titnaqqas skont din id-direttiva.

   Minkejja l-ewwel subparagrafu, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT dejjem għandu jiġi aġġustat sabiex jiġi evitat l-ammont ta' kwalunkwe provvediment li jkun ġie rreġistrat fir-rigward ta' telf kontinġenti jew ta' żidiet futuri fil-kostijiet.

3. Meta l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (a), ikun relatat ma' attività jew ma' tranżazzjoni li tkun se tkompli tul snin fiskali futuri, l-ammont tal-provvediment għandu jinfirex b'mod proporzjonali tul id-durata stmata tal-attività jew tat-tranżazzjoni.

   Il-provvedimenti skont dan l-Artikolu għandhom jiġu rrieżaminati u aġġustati fl-aħħar ta' kull sena fiskali. Fil-kalkolu tar-riżultat preliminari tat-taxxa fis-snin fiskali futuri, għandu jittieħed kont tal-ammonti li diġà tnaqqsu skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 31*

***Djun mitlufa***

1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jiġi evitat l-ammont ta' kwalunkwe tnaqqis irreġistrat fir-rigward ta' dejn mitluf sakemm, fi tmiem is-sena, il-membru tal-grupp BEFIT ma jkunx talab tnaqqis f'konformità mal-Artikolu 28 u jiġi ssodisfat wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

   (a) il-membru tal-grupp ikun ħa l-passi raġonevoli kollha kif imsemmijin fil-paragrafu 2 sabiex iwettaq il-pagament u jkun probabbli li d-dejn ma jiġix issodisfat kompletament jew parzjalment; jew

   (b) il-membru tal-grupp ikollu numru kbir ta' riċevibbli omoġeni li lkoll jirriżultaw mill-istess settur ta' attività kummerċjali u jkun jista' jistma b'mod affidabbli l-ammont tar-riċevibbli ta' dejn mitluf fuq bażi perċentwali, dment li l-valur ta' kull riċevibbli omoġenu jkun anqas minn 0,1 % tal-valur tar-riċevibbli omoġeni kollha. Sabiex jasal għal stima affidabbli, il-membru tal-grupp BEFIT għandu jieħu f'kunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, inkluża l-esperjenza tal-passat.

2. Meta jiddetermina jekk ikunux ittieħdu l-passi raġonevoli kollha sabiex isir il-pagament, kwalunkwe wieħed mill-elementi li ġejjin għandu jitqies mill-membru tal-grupp tal-BEFIT, bil-kundizzjoni li jkunu bbażati fuq evidenza oġġettiva:

(a) jekk il-kostijiet tal-ġbir ikunux sproporzjonati meta mqabblin mad-dejn;

(b) jekk ikunx hemm prospett ta' ġbir b'suċċess, inklużi każijiet li fihom id-debitur ikun ġie ddikjarat insolventi, tkun inbdiet azzjoni legali jew ikun ġie involut kollettur tad-dejn;

(c) jekk ikunx raġonevoli, fiċ-ċirkostanzi, li wieħed jistenna li l-kontribwent jagħmel il-ġbir.

3. Meta d-dejn mitluf ikun relatat ma' riċevibbli tan-negozju, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, ammont li jikkorrispondi għad-dejn għandu jiġi inkluż fir-riżultat preliminari tat-taxxa bħala dħul.

4. Minkejja l-paragrafu 1, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex ma jitħalliex l-ammont ta' kwalunkwe dejn mitluf meta d-debitur ikun membru ieħor tal-grupp tal-BEFIT, kwalunkwe intrapriża assoċjata oħra jew, meta d-debitur ikun individwu, meta id-debitur, il-konjuġi tiegħu jew l-axxendent jew id-dixxendent tiegħu jipparteċipa fil-ġestjoni jew fil-kontroll tal-membru tal-grupp tal-BEFIT jew, direttament jew indirettament, ikun is-sid ta' kapital tal-membru tal-grupp tal-BEFIT.

5. Meta membru tal-grupp tal-BEFIT ikun fil-passat naqqas dejn mitluf li jiġi saldat f'sena fiskali segwenti, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tiegħu għas-sena fiskali tas-saldu għandu jiżdied bl-ammont irkuprat.

*Artikolu 32*

***Kuntratti fit-tul***

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, kuntratt fit-tul ifisser kuntratt li jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun konkluż għall-iskop ta' manifattura, ta' installazzjoni jew ta' kostruzzjoni, jew għat-twettiq ta' servizzi;

(b) it-terminu tiegħu jaqbeż, jew ikun mistenni li jaqbeż, it-12-il xahar.

2. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jinkludi biss id-dħul relatat ma' kuntratt fit-tul li jkun ġie akkumulat għall-ammont li jikkorrispondi għall-parti tal-kuntratt fit-tul li jkun tlesta fis-sena fiskali rilevanti.

Għal dak l-għan, il-perċentwal tat-tlestija ta' kuntratt fit-tul għandu jiġi ddeterminat b'referenza għall-proporzjon tal-kostijiet ta' dik is-sena fiskali mal-kostijiet stmati globali tal-kuntratt fit-tul.

3. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabbiltà finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jippermetti l-kostijiet kollha relatati ma' kuntratti fit-tul li jkunu saru matul sena fiskali.

*Artikolu 33*

***Iħħeġġjar***

1. Il-gwadann u t-telf fuq strument għall-iħħeġġjar, li jirriżultaw minn valwazzjoni jew minn atti ta' disponiment, għandhom jiġu ttrattati minn membru tal-grupp tal-BEFIT bl-istess mod bħall-gwadanji u t-telf korrispondenti fuq l-entrata ħheġġjata.

Ikun hemm relazzjoni ta' kopertura meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-relazzjoni tal-iħħeġġjar tintgħażel u tiġi ddokumentata b'mod formali minn qabel;

(b) il-ħeġġ mistenni jkun effettiv ħafna u l-effettività tkun tista' titkejjel b'mod affidabbli.

2. Meta r-relazzjoni tal-iħħeġġjar tiġi interrotta jew strument finanzjarju li diġà jinżamm jiġi ttrattat sussegwentement bħala strument għall-iħħeġġjar, li jwassal għat-tranżizzjoni tiegħu f'reġim tat-taxxa differenti, kwalunkwe differenza bejn il-valur tas-suq il-ġdid tal-istrument għall-iħħeġġjar fi tmiem is-sena fiskali u l-valur tas-suq fil-bidu tal-istess perjodu ta' taxxa għandha tiġi inkluża fir-riżultat preliminari tat-taxxa tal-membru tal-grupp tal-BEFIT.

Il-valur tas-suq tal-istrument għall-iħħeġġjar fit-tmiem tas-sena fiskali, li matulha dak l-istrument kien soġġett għal tranżizzjoni għal sistema tat-taxxa differenti, għandu jikkoinċidi mal-valur tas-suq tiegħu fil-bidu tas-sena wara dik it-tranżizzjoni.

## TAQSIMA 5

## ID-DĦUL FI GRUPP TAL-BEFIT U T-TLUQ MINNU U RISTRUTTURAR KORPORATTIV

*Artikolu 34*

***Ir-rikonoxximent, il-valwazzjoni u t-twaqqit għad-deprezzament tal-assi u tal-obbligazzjonijiet***

***fil-mument tad-dħul fi grupp tal-BEFIT jew tal-ħruġ minnu***

1. L-assi u l-obbligazzjonijiet kollha għandhom jiġu rrikonoxxuti fil-valur tagħhom, kif ikkalkolat f'konformità mal-istandard kontabilistiku aċċettabbli fl-Unjoni msemmi fl-Artikolu 7, immedjatament qabel id-data li fiha din id-Direttiva ssir applikabbli għall-membru tal-grupp tal-BEFIT.

2. L-assi u l-obbligazzjonijiet ta' kumpanija jew ta' stabbiliment permanenti li għalih ma għadhiex tapplika din id-Direttiva għandhom jiġu rrikonoxxuti skont il-valur tagħhom kif ikkalkolat f'konformità ma' din id-Direttiva.

3. Id-deprezzament tal-assi ta' kumpanija jew ta' stabbiliment permanenti li jidħol fi grupp tal-BEFIT jew li joħroġ minnu matul sena fiskali għandu jiġi kkalkolat b'mod proporzjonali għan-numru ta' xhur kalendarji li matulhom il-kumpanija jew l-istabbiliment permanenti kienu jappartjenu għall-grupp tal-BEFIT f'dik is-sena fiskali.

*Artikolu 35*

***Kwalifika tal-assi fissi fid-dħul fi grupp tal-BEFIT***

Minkejja r-regoli stabbiliti fil-Kapitolu II, it-Taqsima 3, meta kumpanija jew stabbiliment permanenti jagħmel tranżizzjoni mis-sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu ta' Stat Membru sabiex tidħol fi grupp tal-BEFIT, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) Meta assi fiss b'valur kontabilistiku ta' anqas minn EUR 5 000 ma jkunx ġie ddeprezzat, parzjalment jew kompletament, fid-data tad-dħul fil-grupp tal-BEFIT, il-membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jaġġusta l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tiegħu sabiex jeskludi l-ammont li jikkorrispondi għall-valur nett li jifdal tal-assi fiss li jidher fil-kontijiet finanzjarji individwali fid-data tad-dħul.;

(b) Meta, fid-data tad-dħul fil-grupp tal-BEFIT, assi fissi wieħed jew aktar ikollu valur nett fil-kontijiet finanzjarji individwali li jvarja mill-valur nett għall-finijiet tat-taxxa, l-ammont totali li jikkorrispondi għal tali differenza għall-assi fissi kollha kkonċernati għandu jinġabar għal kull membru tal-grupp tal-BEFIT fis-sena fiskali tad-dħul fil-grupp tal-BEFIT u jinfirex fuq perjodu ta' 5 snin fir-riżultat preliminari tat-taxxa. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' kull membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat kif xieraq.

*Artikolu 36*

***Kuntratti fit-tul mad-dħul fi grupp tal-BEFIT***

1. Kumpanija jew stabbiliment permanenti li jidħol fi grupp tal-BEFIT għandu jaġġusta sabiex jinkludi, f'konformità mar-regoli dwar it-twaqqit tad-dritt nazzjonali, fis-sehem tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT kif iddeterminat f'konformità mar-regoli tal-Kapitolu III, l-ammont ta' dħul u ta' kostijiet li, skont l-Artikolu 32, jitqiesu li jkunu dovuti jew li ġġarrbu qabel ma din id-Direttiva tkun saret applikabbli iżda ma jkunux għadhom ġew inklużi fil-bażi għat-taxxa tagħha skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva li kienet applikabbli qabel.

2. Kumpanija jew stabbiliment permanenti li jidħol fi grupp tal-BEFIT għandu jnaqqas fl-ewwel sena fiskali mis-sehem tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, kif iddeterminat f'konformità mar-regoli tal-Kapitolu III, id-dħul ta' kuntratt fit-tul li qabel kien soġġett għat-taxxa skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva f'ammont ogħla mill-ammont li kien jiġi inkluż fir-riżultat preliminari tat-taxxa tiegħu skont l-Artikolu 32.

3. Meta s-sehem tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT ta' membru tal-grupp tal-BEFIT f'sena fiskali jkun anqas mill-ammonti deduċibbli kif iddeterminat skont il-paragrafi 1 u 2, kwalunkwe ammont mhux ikkumpensat għandu jiġi riportat u paċut mill-membru tal-grupp tal-BEFIT kontra s-sehem tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT fis-snin fiskali ta' wara.

*Artikolu 37*

***Provvedimenti, dħul u tnaqqis mad-dħul fi grupp tal-BEFIT***

1. Il-provvedimenti u t-tnaqqis tad-dejn mitluf kif imsemmijin fl-Artikoli 30 u 31 għandhom ikunu deduċibbli biss sal-punt li jirriżultaw minn attivitajiet jew minn

tranżazzjonijiet li twettqu wara li din id-Direttiva tkun saret applikabbli għall-membru tal-grupp tal-BEFIT.

2. Id-dħul li skont l-istandard kontabilistiku aċċettabbli applikabbli fl-Unjoni użat f'konformità mal-Artikolu 7 jitqies li jkun inġabar qabel ma din id-Direttiva tkun saret applikabbli għal membru tal-grupp tal-BEFIT, iżda ma kienx inklużi fil-bażi għat-taxxa tagħha skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva applikabbli qabel, għandu jiżdied mal-parti allokata tagħha f'konformità mar-regoli dwar it-twaqqit tal-liġi nazzjonali rilevanti dwar it-taxxa korporattiva.

3. L-ispejjeż imġarrbin wara li din id-Direttiva tkun saret applikabbli għal membru tal-grupp tal-BEFIT, iżda fir-rigward ta' attivitajiet jew ta' tranżazzjonijiet li jkunu twettqu qabel u li għalihom ma jkun sar l-ebda tnaqqis skont il-liġi nazzjonali applikabbli dwar it-taxxa korporattiva għandhom jitnaqqsu skont il-parti allokata tiegħu.

Meta l-ispejjeż kif imsemmijin fl-ewwel subparagrafu jiġġarrbu aktar minn 5 snin wara li kumpanija jew stabbiliment permanenti jidħol fi grupp tal-BEFIT, dawk l-ispejjeż għandhom jitnaqqsu mir-riżultat preliminari tat-taxxa tagħha qabel l-aggregazzjoni u l-allokazzjoni tal-profitt.

L-ispejjeż imġarrbin skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva li kienu għadhom ma tnaqqsux meta din id-Direttiva saret applikabbli għal membru tal-grupp tal-BEFIT għandhom ikunu deduċibbli biss kontra l-parti allokata tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, kif ikkalkolata skont il-Kapitolu III, f'ammonti ugwali u mifruxin fuq 5 snin fiskali. L-ispejjeż li jinvolvu l-kostijiet tat-teħid b'self għandhom ikunu deduċibbli f'konformità mal-Artikolu 13.

Meta s-sehem tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT li jkun ġie allokat lil membru tal-grupp tal-BEFIT f'sena fiskali ma jkunx biżżejjed sabiex jitnaqqsu bis-sħiħ l-ammonti msemmijin fl-ewwel u fit-tielet subparagrafi, l-ammonti mhux skontati għandhom jiġu riportati u paċuti mill-membru tal-grupp tal-BEFIT kontra s-sehem tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT fis-snin fiskali ta' wara.

4. Kwalunkwe ammont imnaqqas qabel ma din id-Direttiva ssir applikabbli għal membru tal-grupp tal-BEFIT ma għandux jerġa' jitnaqqas.

*Artikolu 38*

***Telf ta' qabel id-dħul***

Meta kumpanija jew stabbiliment permanenti jidħol fi grupp tal-BEFIT, kwalunkwe telf mhux ikkumpensat imġarrab qabel id-data tad-dħul, f'konformità mal-liġi dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru tar-residenza jew tal-post tat-taxxa tiegħu rispettivament, għandu jitnaqqas mis-sehem tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT kif iddeterminat f'konformità mal-Kapitolu III.

*Artikolu 39*

***Terminazzjoni ta' grupp***

1. Meta grupp tal-BEFIT jiġi tterminat, is-sena fiskali għandha tintemm u l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT ta' dik is-sena fiskali għandha tiġi allokata lil kull membru tal-grupp tal-BEFIT f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-Kapitolu III.

2. Id-deprezzament tal-assi tal-membri tal-grupp tal-BEFIT fis-sena fiskali tat-terminazzjoni ta' grupp tal-BEFIT għandu jiġi kkalkolat b'mod proporzjonali għan-numru ta' xhur kalendarji li l-grupp tal-BEFIT opera f'dik is-sena fiskali.

*Artikolu 40*

***Riorganizzazzjonijiet tan-negozju***

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9, membru tal-grupp tal-BEFIT li jiddisponi minn assi u minn obbligazzjonijiet matul sena fiskali għandu jinkludi l-gwadann jew it-telf li jirriżulta minn tali trasferiment fil-komputazzjoni tar-riżultat preliminari tat-taxxa tiegħu.

Membru tal-grupp tal-BEFIT li jakkwista assi u obbligazzjonijiet għandu jiddetermina l-introjtu jew it-telf tiegħu fil-ħin tad-disponiment ibbażat fuq il-valur tas-suq tal-assi u tal-obbligazzjonijiet akkwiżiti kif inhu fil-ħin tal-akkwiżizzjoni.

2. Minkejja l-paragrafu 1, meta trasferiment ta' assi u ta' obbligazzjonijiet iseħħ fil-kuntest ta' riorganizzazzjoni kif definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/133/KE[34]:

(a) il-membru tal-grupp tal-BEFIT li jiddisponi mill-assi u mill-obbligazzjonijiet għandu jeskludi kwalunkwe gwadann jew telf li jirriżulta mill-komputazzjoni tar-riżultat preliminari tat-taxxa tiegħu;

(b) il-membru tal-grupp tal-BEFIT li jakkwista l-assi u l-obbligazzjonijiet għandu jiddetermina r-riżultat preliminari tat-taxxa tiegħu, f'dik is-sena fiskali u s-snin fiskali ta' wara, billi juża l-valur għall-finijiet tat-taxxa, kif inhu fil-ħin tat-trasferiment u kif huwa definit skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/133/KE.

*Artikolu 41*

***Esklużjoni tad-disponimenti ta' ishma eżentati***

1. Minkejja l-Artikolu 9, meta, bħala riżultat ta' disponiment tal-ishma, membru tal-grupp tal-BEFIT jitlaq mill-grupp tal-BEFIT u matul dik is-sena fiskali preċedenti, dan il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun kiseb, fi tranżazzjoni tal-grupp intra-BEFIT, assi fiss wieħed jew aktar, ammont li jikkorrispondi għall-gwadann jew għat-telf li jirriżulta mid-disponiment tal-grupp intra-BEFIT ta' dawn l-assi fissi għandu jiġi inkluż fl-introjtu jew fit-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li kien sid l-assi qabel id-disponiment tal-grupp intra-BEFIT.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika jekk il-membru tal-grupp tal-BEFIT juri li t-tranżazzjoni tal-grupp intra-BEFIT twettqet għal raġunijiet kummerċjali validi.

---

[34] Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/133/KE tad-19 ta' Ottubru 2009 dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal mergers, diviżjonijiet, diviżjonijiet parzjali, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpaniji ta' Stati Membri differenti u għat-trasferiment tal-uffiċċju reġistrat ta' SE jew SCE bejn Stati Membri (ĠU L 310, 25.11.2009, p. 34)

2. L-ammont li jikkorrispondi għall-gwadann jew għat-telf li jinħoloq mid-disponiment tal-grupp intra-BEFIT imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun il-valur tas-suq tal-assi fissi fiż-żmien meta l-membru tal-grupp tal-BEFIT jitlaq mill-grupp bit-tnaqqis tal-valur għall-finijiet tat-taxxa tal-assi fissi jew tal-kostijiet imsemmijin fl-Artikolu 29.

3. Il-gwadann jew it-telf li jinħoloq mid-disponimnet tal-grupp intra-BEFIT għandu jitqies li ġie riċevut mill-membru tal-grupp tal-BEFIT li kellu l-assi qabel it-tranżazzjoni tal-grupp intra-BEFIT imsemmija fil-paragrafu 1.

# KAPITOLU III

# AGGREGAZZJONI TAR-RIŻULTATI PRELIMINARI TAT-TAXXA u ALLOKAZZJONI TAL-BAŻI GĦAT-TAXXA TAL-BEFIT

## TAQSIMA 1

## BAŻI GĦAT-TAXXA TAL-BEFIT

*Artikolu 42*

***Komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT***

1. Ir-riżultati preliminari tat-taxxa tal-membri kollha tal-grupp tal-BEFIT, kif iddeterminati f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-Kapitolu II, għandhom jiġu aggregati sabiex tinkiseb bażi għat-taxxa tal-BEFIT.

2. Meta l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT f'sena partikolari tkun:

(a) ammont pożittiv, il-profitt għandu jiġi allokat f'konformità mal-Artikolu 45;

(b) ammont negattiv, it-telf għandu jiġi riportat u għandu jiġi paċut kontra l-bażi għat-taxxa pożittiva tal-BEFIT li jmiss.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ir-riżultat preliminari tat-taxxa ta' kull membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi kkonvertit f'Euro (EUR) bir-rata tal-kambju maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew kif kienet fl-aħħar jum tas-sena kalendarja jew, jekk is-sena fiskali ma tikkoinċidix mas-sena kalendarja, fl-aħħar jum tas-sena fiskali.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, meta l-entità dikjaranti tkun residenti għal finijiet tat-taxxa fi Stat Membru li ma jkunx adotta l-EUR, ir-riżultat preliminari tat-taxxa ta' kull membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi kkonvertit fil-munita li tkun munita legali f'dak l-Istat Membru.

*Artikolu 43*

***Taxxi f'ras il-għajn u tassazzjoni ta' sorsi oħrajn***

1. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu taxxi f'ras il-għajn jew kwalunkwe tassazzjoni ta' sorsi oħrajn fuq tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT sakemm is-sid benefiċjarju tal-pagament ma jkunx membru tal-grupp tal-BEFIT.

2. Meta taxxa f'ras il-għajn tiġi applikata minn Stat Membru fir-rigward ta' ħlas ta' royalties jew ta' mgħaxijiet minn membru tal-grupp tal-BEFIT lil riċevitur li ma jkunx membru tal-istess grupp tal-BEFIT jew b'applikazzjoni tal-paragrafu 1, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi nazzjonali u mal-konvenzjonijiet dwar it-tassazzjoni doppja, it-taxxa f'ras il-għajn għandha tiġi kondiviża, għas-sena fiskali li fiha tiġi imposta, fost l-Istati Membri bl-użu tal-metodu ta' allokazzjoni msemmi fl-Artikolu 45.

*Artikolu 44*

***Krediti tat-taxxa fuq l-introjtu intaxxat f'ras il-għajn***

1. Meta membru tal-grupp tal-BEFIT jikseb introjtu li jkun ġie intaxxat fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, għandu jingħata kreditu tat-taxxa f'konformità mal-konvenzjoni applikabbli dwar it-taxxa doppja jew mal-liġi nazzjonali tiegħu u jiġi kondiviż fost il-membri tal-grupp tal-BEFIT bl-użu tal-metodu ta' allokazzjoni bażi msemmi fl-Artikolu 45.

2. B'deroga mill-ewwel subparagrafu, ma għandu jingħata l-ebda kreditu tat-taxxa meta l-introjtu derivat minn membru tal-grupp BEFIT ma jkunx inkluż fl-introjtu jew fit-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tiegħu f'konformità mal-Artikoli 8, 9 jew 12.

3. Il-kreditu tat-taxxa msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkolat separatament għal kull Stat Membru jew pajjiż terz, kif ukoll għal kull tip ta' introjtu. Ma għandhux jaqbeż l-ammont li jirriżulta mis-soġġettar tal-introjtu attribwit lil membru tal-grupp BEFIT għar-rata tat-taxxa korporattiva tal-Istat Membru fejn dan il-membru tal-grupp BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew li jkun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

Fil-kalkolu tal-kreditu tat-taxxa msemmi fil-paragrafu 1, l-ammont ta' introjtu għandu jitnaqqas bl-ammont ta' spejjeż deduċibbli relatati.

## TAQSIMA 2

## ALLOKAZZJONI TAL-BAŻI GĦAT-TAXXA BEFIT

*Artikolu 45*

***Regola dwar l-allokazzjoni ta' tranżizzjoni***

1. Għal kull sena fiskali bejn l-1 ta' Lulju 2028 u t-30 ta' Ġunju 2035 l-aktar tard (il-"perjodu ta' tranżizzjoni"), il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT f'konformità mal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi.

Għal gruppi li jsiru soġġetti għal din id-Direttiva wara t-tmiem tal-ewwel sena fiskali meta din id-Direttiva tibda tapplika, il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jintemm sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2035.

2. Il-perċentwal tal-allokazzjoni bażi għal kull membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun ir-riżultat tal-komputazzjoni li ġejja:

Allokazzjoni bażi = $\frac{Taxable result of a BEFIT group member}{Total taxable result of the BEFIT group}$*100

Fejn:

(a) ir-riżultat taxxabbli ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun il-medja tar-riżultati taxxabbli fit-3 snin fiskali preċedenti.

Fl-ewwel sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mar-regoli nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

Fit-tieni sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati, għall-ewwel sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva u għas-sentejn fiskali preċedenti, f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv.

Fit-tielet sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati, għall-ewwel sentejn fiskali li fihom grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva u għas-sena fiskali li tiġi immedjatament qabel, f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv.

Mir-raba' sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva.

(b) ir-riżultat taxxabbli totali tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun iż-żieda tal-medja tar-riżultati taxxabbli, kif imsemmi fil-punt (a), tal-membri kollha tal-grupp tal-BEFIT fit-3 snin fiskali preċedenti.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, membru tal-grupp tal-BEFIT b'riżultat taxxabbli li jkun negattiv għandu jkollu perċentwal ta' allokazzjoni bażi stabbilit għal żero.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jistrutturaw il-qafas tal-valutazzjoni tar-riskju tagħhom għall-prezzar tat-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT kif ġej:

(a) żona b'riskju baxx: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali b'anqas minn 10 % meta mqabbla mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT;

(b) żona ta' riskju għoli: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali b'10 % jew aktar meta mqabblin mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jistrutturaw l-approċċ tagħhom għall-konformità mar-riskju f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

(a) żona b'riskju baxx: l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jassumu li il-prezzar tat-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ta' membru speċifiku tal-grupp tal-BEFIT ikun konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament;

(b) żona ta' riskju għoli: l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jippreżumu li il-prezzar tat-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ta' membru speċifiku tal-grupp tal-BEFIT ma jikkonformax mal-prinċipju ta' distakkament u l-parti taż-żieda li tmur lil hinn minn 10 % ma għandhiex tiġi rrikonoxxuta għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi ta' dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT.

Minkejja r-regola stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-punt (b), membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun intitolat jipprovdi evidenza lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew li jkun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti li l-prezzar tat-tranżazzjonijiet rilevanti tal-grupp intra-BEFIT ikun stabbilit f'konofrmità mal-prinċipju ta' distakkament. F'każ bħal dan, l-ammont sħiħ ta' spejjeż mit-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT inkwistjoni, kif muri, għandu jiġi rrikonoxxut għall-fini tal-komputazzjoni tal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi ta' dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT.

5. Minkejja l-Artikolu 13(2), kostijiet tas-self eċċessivi kif imsemmijin fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 li jirriżultaw minn tranżazzjoni bejn il-membri tal-grupp tal-BEFIT ma għandhomx jiġu rrikonoxxuti għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li jġarrab it-tali kostijiet.

6. Jekk l-istruttura tal-grupp tal-BEFIT tinbidel matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1 minħabba membri ġodda li jingħaqdu mal-grupp jew membri li jitilqu mill-grupp, il-perċentwal tal-allokazzjoni bażi għandu jiġi kkomputat mill-ġdid f'konformità mal-paragrafu 2. Għal kull membru tal-grupp tal-BEFIT, il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata f'konformità mal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi l-ġdid għaż-żmien li jibqa' sa tmiem dan il-perjodu, sakemm bidliet sussegwenti fl-istruttura tal-grupp tal-BEFIT ma jkunux jeħtieġu komputazzjoni mill-ġdid oħra tal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi.

7. Jekk l-istruttura tal-grupp tal-BEFIT tinbidel matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1 minħabba l-ħolqien ta' kumpanija ġdida waħda jew aktar li tikkwalifika bħala membru tal-grupp tal-BEFIT, ir-regoli għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, kif stabbiliti fil-paragrafu 2, ma għandhomx japplikaw għall-membri l-ġodda tal-grupp tal-BEFIT fl-ewwel sena fiskali. Għas-snin fiskali sussegwenti sa tmiem dak il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-perċentwal tal-allokazzjoni bażi tal-membri l-ġodda tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-paragrafu 2.

8. Jekk grupp isir soġġett għar-regoli ta' din id-Direttiva aktar tard mill-1 ta' Lulju 2028, l-allokazzjoni bażi għandha tiġi kkalkolata f'konformità mal-paragrafu 2. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT matul il-parti li jifdal tal-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1.

9. Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tar-regola ta' tranżizzjoni li bħala parti minnha għandha tħejji studju dwar il-kompożizzjoni u l-piż possibbli ta' fatturi ta' formula partikolari u tippreżenta rapport lill-Kunsill sa tmiem it-tielet sena fiskali matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1. Jekk il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, filwaqt li tikkunsidra l-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, hija tista' tadotta proposta leġiżlattiva matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, sabiex temenda din id-Direttiva billi tintroduċi metodu għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT bl-użu ta' formula tat-tqassim u fuq il-bażi ta' fatturi.

10. Ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 8 għandhom ikomplu japplikaw sakemm tidħol fis-seħħ kwalunkwe emenda tagħhom.

*Artikolu 46*

***Attivitajiet upstream***

1. B'deroga mill-Artikoli 42 sa 45, meta membru tal-grupp tal-BEFIT iwettaq in-negozju prinċipali tiegħu fil-qasam tal-attivitajiet estrattivi, id-dħul, l-ispejjeż u l-entrati deduċibbli oħrajn tiegħu li jirriżultaw minn attivitajiet bħal dawn għandhom jiġu attribwiti lill-membru tal-grupp tal-BEFIT li jinsab fl-Istat Membru fejn isseħħ l-estrazzjoni.

Meta jkun hemm aktar minn membru wieħed tal-grupp tal-BEFIT li jkun residenti fit-taxxa fl-Istat Membru fejn isseħħ l-estrazzjoni, id-dħul, l-ispejjeż u entrati deduċibbli oħrajn li jirriżultaw minn attivitajiet bħal dawn għandhom jiġu attribwiti lil kull wieħed minn tali membru tal-grupp tal-BEFIT, b'mod proporzjonali għall-perċentwal tal-allokazzjoni bażi tagħhom.

2. B'deroga mill-Artikoli 42 sa 45, meta ma jkun hemm l-ebda membru tal-grupp tal-BEFIT fl-Istat Membru tal-estrazzjoni, jew meta l-estrazzjoni sseħħ f'ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, id-dħul, l-ispejjeż u entrati deduċibbli oħrajn li jirriżultaw minn tali attivitajiet għandhom jiġu attribwiti lill-membru tal-grupp tal-BEFIT li lilu jkunu dovuti.

*Artikolu 47*

***Eċċezzjoni għat-trasport marittimu mhux kopert minn taxxa fuq it-tunnellaġġ, għat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u għat-trasport bl-ajru***

1. B'deroga mill-Artikoli 42 sa 45 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15, id-dħul, l-ispejjeż u entrati deduċibbli oħrajn li jirriżultaw mill-attivitajiet li ġejjin għandhom jiġu esklużi mill-bażi għat-taxxa tal-BEFIT fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-operat ta' bastimenti fit-traffiku internazzjonali meta r-riżultat taxxabbli ma jkunx kopert minn taxxa fuq it-tunnellaġġ;

(b) it-tħaddim ta' inġenji tal-ajru fit-traffiku internazzjonali;

(c) it-tħaddim ta' dgħajjes involuti fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni.

Id-dħul, l-ispejjeż u entrati deduċibbli oħrajn kif imsemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu attribwiti lil dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT fuq bażi ta' tranżazzjoni bi tranżazzjoni u jkunu soġġetti għal aġġustamenti għall-prezzar f'konformità mal-prinċipju tad-distakkament.

2. Kwalunkwe parteċipazzjoni fil-membru tal-grupp tal-BEFIT u mill-membru tal-grupp tal-BEFIT kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkunsidrata għall-finijiet tal-Artikolu 5.

*Artikolu 48*

***Entrati deduċibbli mill-parti allokata***

1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jżid jew inaqqas il-parti allokata tiegħu bl-entrati li ġejjin:

   (a) telf mhux ikkumpensat imġarrab qabel ma jsir soġġett għar-regoli ta' din id-Direttiva, f'konformità mal-Artikolu 38;

   (b) id-dħul u l-kostijiet dovuti jew imġarrbin qabel ma din id-Direttiva saret applikabbli għall-membru tal-grupp BEFIT iżda li kienu għadhom ma ġewx inklużi fil-bażi għat-taxxa tiegħu skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva li kienet applikabbli qabel, f'konformità mal-Artikolu 36(1);

   (c) id-dħul ta' kuntratt fit-tul li qabel kien soġġett għat-taxxa skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva f'ammont ogħla mill-ammont li kien jiġi inkluż fir-riżultat tat-taxxa preliminari tiegħu skont l-Artikolu 32, f'konformità mal-Artikolu 36(2);

   (d) id-dħul dovut qabel ma din id-Direttiva saret applikabbli għal membru tal-grupp BEFIT iżda li ma kienx inkluż fil-bażi għat-taxxa tiegħu skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva li kienet applikabbli qabel, f'konformità mal-Artikolu 37(2);

   (e) l-ispejjeż imġarrbin wara li r-regoli ta' din id-Direttiva saru applikabbli għal membru tal-grupp BEFIT, iżda fir-rigward ta' attivitajiet jew ta' tranżazzjonijiet li twettqu qabel u li għalihom ma sar l-ebda tnaqqis skont il-liġi nazzjonali applikabbli dwar it-taxxa korporattiva, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 37(3);

   (f) l-ispejjeż imġarrbin skont il-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva li kienu għadhom ma tnaqqsux meta din id-Direttiva saret applikabbli għall-membru tal-grupp tal-BEFIT, f'konformità mal-Artikolu 37(3), it-tielet subparagrafu;

   (g) kwalunkwe ammont mhux ikkumpensat riportat f'konformità mal-Artikolu 36(3) u mas-subparagrafu 4 tal-Artikolu 37(3);

   (h) għotjiet u donazzjonijiet lil korpi tal-karità sal-punt li jkunu deduċibbli skont il-liġi tat-taxxa korporattiva tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew li jkun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti;

   (i) provvedimenti tal-pensjoni sa fejn ikunu deduċibbli skont il-liġi tat-taxxa korporattiva tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew li jkun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti;

   (j) it-taxxi lokali sal-punt li jkunu deduċibbli skont il-liġi dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew li jkun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

2. Minbarra l-aġġustamenti elenkati fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' jippermetti ż-żieda jew it-tnaqqis, permezz ta' entrati addizzjonali, tal-parti allokata tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti f'dak l-Istat Membru.

*Artikolu 49*

***Sistemi tat-taxxa bbażati fuq id-distribuzzjoni***

1. Meta membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi Stat Membru li japplika sistema ta' taxxa korporattiva fuq l-introjtu li timponi taxxa fuq l-introjtu fuq il-profitti biss meta dawk il-profitti jiġu ddistribwiti jew jitqiesu li jkunu ddistribwiti lill-azzjonisti, jew meta l-kumpanija ġġarrab ċerti spejjeż li jkunu taxxabbli skont il-liġi domestika ("sistema tat-taxxa bbażata fuq id-distribuzzjoni"), il-parti allokata lil dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT f'konformità mal-Artikolu 45 għandha tiġi aġġustata mid-distribuzzjonijiet magħmulin matul is-sena fiskali.

2. L-aġġustament tal-parti allokata għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

$$AdjustedAllocatedPart = AllocatedPartx\left(\frac{Distributions}{FinancialIncome}\right)$$

Fejn:

(a) l-Introjtu Finanzjarju jirreferi għall-introjtu disponibbli għad-distribuzzjonijiet taħt sistema tat-taxxa bbażata fuq id-distribuzzjoni, inklużi r-riżervi, għas-sena fiskali.

(b) il-Parti Allokata tirreferi għas-sehem allokat lill-membru tal-grupp tal-BEFIT għas-sena fiskali f'konformità mal-Artikolu 45, inkluż kwalunkwe sehem residwu mis-snin fiskali preċedenti kkalkolat għall-membru tal-grupp tal-BEFIT f'konformità mal-paragrafu 4.

(c) id-Distribuzzjonijiet jirreferu għad-distribuzzjonijiet u għal spejjeż oħrajn li jsiru mill-membru tal-grupp tal-BEFIT matul is-sena fiskali u li huma taxxabbli skont sistema tat-taxxa bbażata fuq id-distribuzzjoni.

3. Meta l-parti allokata aġġustata ta' membru tal-grupp tal-BEFIT ikkomputata f'konformità mal-paragrafu 2 tkun anqas mill-parti allokata tiegħu, il-bilanċ bejn iż-żewġ ammonti għandu jiġi riportat għas-sena fiskali ta' wara u jiżdied mal-parti allokata lill-membru tal-grupp tal-BEFIT f'dik is-sena fiskali ta' wara f'konformità ma' dan l-Artikolu.

4. Il-parti allokata aġġustata kkalkolata f'konformità mal-paragrafu 2 għandha tiżdied bi spejjeż mhux deduċibbli immedjatament soġġetti għat-taxxa matul is-sena fiskali taħt sistema tat-taxxa tad-distribuzzjoni fl-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew li jkun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

# KAPITOLU IV

## Approċċ Simplifikat għall-Konformità tal-Prezzar ta' Trasferiment

*Artikolu 50*

***Kriterji tat-tfassil tal-kamp ta' applikazzjoni***

1. L-Istati Membri għandhom jissoġġettaw l-attivitajiet li ġejjin, meta dawn jitwettqu permezz ta' tranżazzjonijiet bejn membru tal-grupp tal-BEFIT u intrapriża assoċjata barra mill-grupp tal-BEFIT, għal approċċ simplifikat għall-konformità tal-prezzar ta' trasferiment:

(a) attività ta' distribuzzjoni meta titwettaq permezz ta' distributur b'riskju baxx, kif deskritt fil-paragrafu 2, li jkun residenti għal finijiet tat-taxxa jew li jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi Stat Membru.

(b) attività ta' manifattura meta titwettaq permezz ta' manifattur b'kuntratt, kif deskritt fil-paragrafu 3, li jkun residenti għal finijiet tat-taxxa jew li jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi Stat Membru.

2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 1, il-punt (a), distributur b'riskju baxx għandu jkun entità li twettaq distribuzzjoni ta' oġġetti mixtrijin minn intrapriżi assoċjati. L-attività tad-distribuzzjoni għandha turi l-karatteristiċi li ġejjin:

(a) għandha tirriżulta mid-delineazzjoni akkurata tat-tranżazzjoni u turi karatteristiċi ekonomikament rilevanti li jistgħu jiġu pprezzati b'mod affidabbli bl-użu ta' metodu unilaterali ta' pprezzar tat-trasferiment, bid-distributur li jkun il-parti ttestjata;

(b) id-distributur ma għandux ikollu l-kosjieda legali jew ekonomika tal-proprjetà intellettwali li tinsab fil-prodotti u/jew fis-servizzi li jiġu ddistribwiti;

(c) l-attività ta' distribuzzjoni għandha tkun il-funzjoni predominanti mwettqa mid-distributur;

(d) id-distributur ma għandu jġarrab l-ebda riskju jew riskju limitat fir-rigward tas-suq, tal-inventarju u tal-krediti ħżiena.

3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt (b) tal-paragrafu 1, manifattur b'kuntratt għandu jkun intrapriża assoċjata li twettaq attività ta' manifattura taħt il-kontroll ta' prinċipal u li turi l-karatteristiċi li ġejjin:

(a) l-attività ta' manifattura, hekk kif tirriżulta mid-delineazzjoni akkurata tat-tranżazzjoni, għandha turi karatteristiċi ekonomikament rilevanti li jistgħu jiġu pprezzati b'mod affidabbli bl-użu ta' metodu unilaterali ta' pprezzar tat-trasferiment, bl-entità li timmanifattura li tkun il-parti ttestjata;

(b) il-manifattur ma għandux ikollu l-kosjieda legali jew ekonomika tal-proprjetà intellettwali li tinsab fil-prodotti manifatturati;

(c) l-attività tal-manifattura għandha tkun il-funzjoni predominanti mwettqa mill-manifattur;

(d) il-manifattura ma għandha ġġarrab l-ebda riskju jew riskji limitati fir-rigward tal-prezz, tas-suq, tal-inventarju, tal-użu tal-kapaċità u tal-krediti ħżiena.

4. Meta intrapriża assoċjata tkun involuta f'aktar minn attività ekonomika waħda, din għandha tibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-approċċ simplifikat, dment li tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-attivitajiet ekonomiċi għajr id-distribuzzjoni jew il-manifattura jistgħu jiġu ssegregati b'mod adegwat u pprezzati b'mod separat;

(b) l-attivitajiet ekonomiċi għajr id-distribuzzjoni jew il-manifattura jistgħu jitqiesu bħala anċillari u jew ikunu immaterjali jew ma jżidux valur kbir għad-distribuzzjoni jew għall-manifattura.

*Artikolu 51*

***Qafas ta' konformità***

1. L-Istati Membri għandhom jistrutturaw il-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju tagħhom għall-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 50 b'tali mod li jikkonsisti fi tliet żoni ta' riskju tal-prezzar ta' trasferiment.

2. Iż-żoni ta' riskju għandhom jiġu ddeterminati bl-użu tal-firxa interkwartili tal-prestazzjoni tal-profitt li tirriżulta mill-parametri referenzjarji pubbliċi tal-Unjoni msemmijin fl-Artikolu 53.

3. L-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 50 għandhom jiġu vvalutati bħala ta' riskju baxx, medju jew għoli, skont kif il-prestazzjoni tal-profitt tagħhom f'sena partikolari, iddeterminata skont l-Artikolu 52, tqabbel mal-firxa interkwartili tas-sett l-aktar reċenti ta' parametri referenzjarji pubbliċi mħejjin qabel tmiem dik is-sena.

4. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-qafas ta' riskju li ġej:

| **Żona ta' riskju** | **Il-prestazzjoni tal-profitt tal-parti ttestjata fir-rigward tal-markaturi tal-profitt tal-UE** |
|---|---|
| baxx | ogħla mis-60 perċentil tar-riżultati tal-parametru referenzjarju pubbliku |
| medju | taħt is-60 perċentil iżda ogħla mill-40 perċentil tar-riżultati tal-parametru referenzjarju pubbliku |
| għoli | anqas mill-40 perċentil tar-riżultati tal-parametru referenzjarju pubbliku |

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jistrutturaw l-approċċ tagħhom għall-konformità mar-riskju f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

(a) Żona b'riskju baxx: l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma jistgħux jiddedikaw riżorsi addizzjonali ta' konformità sabiex jirrieżaminaw ulterjorment ir-riżultati tal-prezzar ta' trasferiment. Minkejja dan, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jwettqu aġġustamenti tal-prezzar ta' trasferiment tal-marġini ta' profitt tal-kontribwent li jaqa' fiż-żona b'riskju baxx.

(b) Żona ta' riskju medju: l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jimmonitorjaw ir-riżultati, billi jużaw id-*data* disponibbli, u jikkuntattjaw lill-kontribwent, sabiex ifittxu li jifhmu aħjar iċ-ċirkostanzi tiegħu qabel ma jiddeċiedu jekk jallokawx riżorsi ta' konformità sabiex iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju u awditi.

(c) Żona ta' riskju għoli: l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jirrakkomandaw li l-kontribwent jirrieżamina l-politiki tiegħu dwar l-ipprezzar ta' trasferiment u jistgħu jiddeċiedu li jibdew rieżami jew awditu.

*Artikolu 52*

***Kejl tal-prestazzjoni***

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-qafas legali xieraq, sabiex l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikejlu l-profittabilità tal-attività ta' distribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 50(2) billi jużaw il-Qligħ Qabel l-Imgħax u t-Taxxa meta mqabbel mal-bejgħ bħala indikatur tal-livell ta' profitt.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-qafas legali xieraq, sabiex l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikejlu l-profittabilità tal-attività ta' manifattura msemmija fl-Artikolu 50(3) billi jużaw il-Qligħ qabel l-Imgħax u t-Taxxa meta mqabbel mal-kostijiet totali bħala indikatur tal-livell ta' profitt.

*Artikolu 53*

***Parametri Referenzjarji Pubbliċi***

1. Iż-żona ta' riskju għall-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 50 għandha tiġi ddeterminata rispettivament permezz ta' parametri referenzjarji pubbliċi għall-attivitajiet ta' distribuzzjoni u ta' manifattura.

2. Il-parametri referenzjarji pubbliċi għall-attività ta' distribuzzjoni għandhom ikunu rappreżentattivi tal-prestazzjoni tal-profitt ta' entitajiet indipendenti li joperaw fis-suq intern u li jwettqu b'mod predominanti attività ta' distribuzzjoni b'karatteristiċi simili għall-attività deskritta fl-Artikolu 50(2).

3. Il-parametru referenzjarju pubbliku għall-attività ta' manifattura għandu jkun rappreżentattiv tal-prestazzjoni tal-profitt ta' entitajiet indipendenti li joperaw fis-suq intern u li jwettqu b'mod predominanti attività ta' manifattura b'karatteristiċi simili għall-attività deskritta fl-Artikolu 50(3).

4. Iż-żona ta' riskju għandha tiġi ddeterminata bl-użu tal-firxa interkwartili tal-prestazzjoni medja tal-profitt fuq 5 snin ta' entitajiet indipendenti li jirriżultaw mill-parametri referenzjarji pubbliċi.

5. Permezz ta' att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi neċessarji, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kriterji tat-tiftix sabiex jiġu identifikati l-prodotti simili sabiex jiġu stabbiliti l-parametri referenzjarji xierqa għal attivitajiet ta' distribuzzjoni b'riskju baxx u ta' manifattura tal-kuntratti. Ir-riżultati tal-parametri referenzjarji għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni, bl-għan li l-kontribwenti jkunu jistgħu jiddeterminaw iż-żona ta' riskju tal-attivitajiet tagħhom. Il-parametri referenzjarji għandhom jiġu aġġornati kull 3 snin. Dawk l-atti ta'

implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73.

# KAPITOLU V

# AMMINISTRAZZJONI U PROĊEDURI

## TAQSIMA 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 54*

***Ħolqien u terminazzjoni tal-grupp tal-BEFIT***

1. Il-grupp tal-BEFIT għandu jkun kopert minn din id-Direttiva għal perjodu ta' 5 snin u l-effett tiegħu għandu jiġġedded awtomatikament fi tmiem il-ħames sena, sakemm ma jkunx hemm avviż ta' terminazzjoni minħabba li l-grupp ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2(1).

2. Il-gruppi li għażlu li jkunu koperti minn din id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 2(7) għandhom ikunu marbutin għal perjodu ta' 5 snin. Fi tmiem il-perjodu ta' 5 snin, ir-regoli ma għandhomx jibqgħu japplikaw, sakemm l-entità dikjaranti ma tinnotifikax l-għażla li tiġġedded l-għażla li għandha tiġi koperta minn din id-Direttiva lill-awtorità tad-dikjarazzjoni. Għal dan l-għan, l-entità dikjaranti għandha tipprovdi evidenza lill-awtorità tad-dikjarazzjoni li r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 2(7) huma ssodisfati u li ma hemm l-ebda raġuni għall-esklużjoni mit-tiġdid.

*Artikolu 55*

***Sena fiskali***

1. Il-membri kollha tal-grupp tal-BEFIT għandu jkollhom l-istess sena fiskali, li għandha tkun perjodu ta' 12-il xahar. Fis-sena li fiha membru tal-grupp tal-BEFIT jissieħeb fi grupp tal-BEFIT, huwa għandu jallinja s-sena fiskali tiegħu mas-sena fiskali tal-grupp tal-BEFIT.

2. Il-parti allokata ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għas-sena li fiha jingħaqad ma' grupp tal-BEFIT, għandha tiġi kkalkolata b'mod proporzjonali għan-numru ta' xhur kalendarji li matulhom il-membru tal-grupp tal-BEFIT kien jappartjeni għall-grupp tal-BEFIT.

3. Il-parti allokata ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għas-sena li fiha jitlaq minn grupp tal-BEFIT, għandha tiġi kkalkolata b'mod proporzjonali għan-numru ta' xhur kalendarji li matulhom il-membru tal-grupp tal-BEFIT kien jappartjeni għall-grupp tal-BEFIT.

*Artikolu 56*

***Bidla tal-entità dikjaranti***

L-entità dikjaranti ma tistax tinbidel, ħlief f'każ li ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet kif imsemmijin fl-Artikolu 3(10). Imbagħad, għandha tiġi nnominata entità dikjaranti ġdida mill-grupp f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3(10). Jekk il-grupp jonqos milli jinnomina entità dikjaranti fi żmien xahrejn wara li l-entità dikjaranti preċedenti tkun waqfet tissodisfa l-kundizzjonijiet, imbagħad, it-tim tal-BEFIT kif imsemmi fl-Artikolu 60 għandu jinnomina entità dikjaranti għall-grupp tal-BEFIT.

## TAQSIMA 2

## DIKJARAZZJONI TAL-INFORMAZZJONI TAL-BEFIT

*Artikolu 57*

***Preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT***

1. L-entità dikjaranti għandha tippreżenta d-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT tal-grupp tal-BEFIT lill-awtorità tad-dikjarazzjoni, ħlief meta l-grupp tal-BEFIT ikun grupp domestiku.

2. Id-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità tad-dikjarazzjoni mhux aktar tard minn 4 xhur wara t-tmiem tas-sena fiskali.

3. Id-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

   (a) l-identifikazzjoni tal-entità dikjaranti u ta' membri oħrajn tal-grupp tal-BEFIT, inklużi n-numri ta' identifikazzjoni tal-kontribwent tagħhom, jekk ikun hemm, u l-Istat Membru li fih il-membri tal-grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti;

   (b) informazzjoni dwar l-istruttura korporattiva ġenerali tal-grupp tal-BEFIT, inklużi l-interessi proprjetarji fil-membri tal-grupp tal-BEFIT miżmumin minn membri oħrajn tal-grupp tal-BEFIT.

   (c) is-sena fiskali li magħha tkun relatata d-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT;

   (d) l-informazzjoni u l-komputazzjoni ta' dawn li ġejjin:

      (i) l-eżitu tar-riżultat preliminari tat-taxxa ta' kull membru tal-grupp tal-BEFIT;

      (ii) il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT;

      (iii) il-parti allokata ta' kull membru tal-grupp tal-BEFIT;

      (iv) informazzjoni dwar il-"perċentwal tal-allokazzjoni bażi", kif ikkomputat f'konformità mal-Artikolu 45.

4. L-awtorità tad-dikjarazzjoni għandha tibgħat id-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom il-membri tal-grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikunu jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

*Artikolu 58*

***Notifika ta' żbalji fid-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT***

1. L-entità dikjaranti għandha tinnotifika lill-awtorità tad-dikjarazzjoni bl-iżbalji fid-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT fi żmien xahrejn mis-sottomissjoni f'waqtha ta' tali dikjarazzjoni.

2. L-awtorità tad-dikjarazzjoni għandha tibgħat dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT riveduta immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom il-membri tal-grupp BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikunu jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

*Artikolu 59*

***Nuqqas ta' preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT***

Meta l-entità dikjaranti tonqos milli tippreżenta dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT, l-awtorità tad-dikjarazzjoni, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom il-membri tal-grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti, għandha toħroġ dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT ibbażata fuq estimu, filwaqt li tqis l-informazzjoni disponibbli. Barra minn hekk, l-awtorità tad-dikjarazzjoni għandha tapplika l-qafas legali dwar il-penali f'konformità mal-Artikolu 72. L-entità dikjaranti tista' tappella kontra dik id-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT.

## TAQSIMA 3

## TIM TAL-BEFIT

*Artikolu 60*

***Stabbiliment tat-tim tal-BEFIT***

1. Tim tal-BEFIT għandu jitlaqqa' fi żmien xahar wara l-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT, kif imsemmi fl-Artikolu 57, sabiex iwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 61. Barra minn hekk, it-tim tal-BEFIT għandu jipprovdi qafas għall-komunikazzjoni u għall-konsultazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikunu jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti. Meta membru tat-tim tal-BEFIT jikkonsulta membri oħrajn, huwa għandu jirċievi tweġiba fi żmien raġonevoli.

2. It-tim tal-BEFIT għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed jew aktar ta' kull amministrazzjoni tat-taxxa rilevanti, li jaġixxi bħala delegati, għal kull Stat Membru fejn ikun hemm membri tal-grupp tal-BEFIT. It-tim tal-BEFIT għandu jkun ippresedut mid-delegat tal-awtorità tad-dikjarazzjoni.

3. L-informazzjoni kkomunikata bejn il-membri ta' tim tal-BEFIT, għandha tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi sa fejn ikun possibbli, permezz tal-użu ta' għodda kollaborattiva tal-BEFIT.

4. Sabiex jiġu ffaċilitati l-operat u l-komunikazzjoni tat-tim tal-BEFIT, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistandardizza l-komunikazzjoni tal-informazzjoni bejn il-membri ta' tim tal-BEFIT billi jsir użu minn għodda kollaborattiva tal-BEFIT. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73.

*Artikolu 61*

***Rwol tat-tim tal-BEFIT fid-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT***

1. It-tim tal-BEFIT għandu jeżamina l-kompletezza u l-akkuratezza tal-informazzjoni mimlija fid-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT kif meħtieġ mill-Artikolu 57, ħlief għall-eżitu tal-komputazzjoni tar-riżultat preliminari tat-taxxa ta' kull membru tal-grupp tal-BEFIT skont il-punt (d)(i) tal-Artikolu 57(3).

2. It-tim tal-BEFIT għandu jagħmel ħiltu sabiex jilħaq kunsens dwar il-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT, fi żmien 4 xhur mid-data meta tkun ġiet irrapportata l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikolu 57. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 65, b'rabta mal-Artikolu 57(3), il-punti (a), (b), (c) u (d)(iv), il-kunsens tat-tim tal-BEFIT għandu jfisser li dawn il-punti ma jistgħux ikunu soġġetti għal xi kontestazzjoni futura. Id-deċiżjoni finali dwar l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 57(3), il-punt (d)(i), d(ii) u d(iii) għandha tibqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istat Membru fejn il-membru tal-grupp ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

3. Jekk it-tim tal-BEFIT jilħaq kunsens dwar dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT, l-awtorità tad-dikjarazzjoni li lilha tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni inizjali tal-informazzjoni tal-BEFIT għandha tinnotifika d-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT lill-entità dikjaranti.

4. Jekk it-tim tal-BEFIT ma jkunx jista' jikseb kunsens skont il-paragrafu 2 fi żmien 4 xhur mid-data meta tkun ġiet irrapportata l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikolu 57, tali kunsens għandu jitqies li jkun intlaħaq jekk il-membri tat-tim tal-BEFIT jagħtu l-kunsens tagħhom, bil-maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti f'konformità mal-paragrafu 5, għad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT fl-aħħar tal-ħames xahar mid-data meta ġiet irrapportata l-informazzjoni. L-awtorità tad-dikjarazzjoni li lilha tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT għandha tinnotifika d-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT lill-entità dikjaranti.

5. Bl-għan li tintlaħaq maġġoranza sempliċi skont il-paragrafu 4, id-drittijiet tal-vot għandhom jiġu allokati lil kull awtorità kompetenti fit-tim tal-BEFIT b'mod proporzjonali għad-dħul magħmul fis-sena fiskali rilevanti mill-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti fit-territorju tagħhom. Meta l-vot ikun maqsum b'mod ugwali, l-awtorità tad-dikjarazzjoni għandu jkollha vot deċiżiv. Il-kworum għandu jirrikjedi l-preżenza ta' mill-inqas żewġ terzi tal-membri tat-tim tal-BEFIT. Jekk il-kworum ma jintlaħaqx, id-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT ippreżentata inizjalment għandha tifforma l-bażi għad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa individwali kif imsemmi fl-Artikolu 62 u għall-valutazzjonijiet tat-taxxa individwali kif imsemmi fl-Artikolu 64. L-awtorità tad-dikjarazzjoni li lilha tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT għandha tinnotifika lill-entità dikjaranti jekk ma jintlaħaqx il-kworum.

## TAQSIMA 4

## DIKJARAZZJONIJIET U VALUTAZZJONIJIET TAT-TAXXA INDIVIDWALI

*Artikolu 62*

***Preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa individwali***

1. Kull membru tal-grupp BEFIT għandu jippreżenta d-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali tiegħu mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih dak il-membru tal-grupp BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti mhux aktar tard minn 3 xhur wara r-riċevuta tal-avviż mingħand l-awtorità tad-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 61(3), (4) jew (5), jew fil-każ ta' grupp domestiku, mhux aktar tard minn 8 xhur minn tmiem is-sena fiskali.

2. Id-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali għandha tinkludi informazzjoni dwar l-elementi li ġejjin:

   (a) il-komputazzjoni tar-riżultat preliminari tat-taxxa tal-membru tal-grupp tal-BEFIT;

   (b) il-parti allokata lill-membru tal-grupp tal-BEFIT f'konformità mal-Artikolu 45;

   (c) l-entrati li għandhom jaġġustaw il-parti allokata f'konformità mal-Artikolu 48 fl-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti;

   (d) il-krediti li japplikaw, sabiex titnaqqas it-taxxa barranija, fl-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 1, il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti fl-istess Stat Membru jistgħu jagħżlu li jippreżentaw dikjarazzjoni tat-taxxa individwali kombinata waħda f'dak l-Istat Membru.

*Artikolu 63*

***Notifika ta' żbalji fid-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali***

1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti dwar żbalji fid-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali fi żmien xahrejn mis-sottomissjoni f'waqtha ta' tali dikjarazzjoni.

2. Jekk l-iżbalji jkunu jeħtieġu aġġustamenti li jaffettwaw il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT tal-grupp tal-BEFIT, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun ippreżenta d-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali tiegħu għandha tinnotifika minnufih, permezz tat-tim tal-BEFIT, lill-awtorità tad-dikjarazzjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn li fihom il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

3. L-awtorità tad-dikjarazzjoni għandha toħroġ dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT riveduta fi żmien xahar u tibgħat din id-dikjarazzjoni minnufih, permezz tat-

tim tal-BEFIT, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom il-membri tal-grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti. L-awtorità tad-dikjarazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti għandhom joħorġu valutazzjonijiet tat-taxxa emendati f'konformità mal-Artikolu 64, meta dan ikun xieraq.

4. Minkejja l-paragrafu 3, ma għandha tinħareġ l-ebda valutazzjoni tat-taxxa emendata sabiex tiġi aġġustata l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, meta d-differenza bejn il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT inizjalment iddikjarata u l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT riveduta ma taqbiżx l-inqas minn bejn EUR 10 000 jew 1 % tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT.

*Artikolu 64*

***Valutazzjonijiet tat-taxxa individwali***

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih membru tal-grupp tal-BEFIT ikun ippreżenta d-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali tiegħu għandha toħroġ valutazzjoni tat-taxxa individwali f'konformità mad-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali. L-infurzar tal-obbligazzjoni tat-taxxa għandu jkun irregolat bil-liġi ta' dak l-Istat Membru.

2. Meta jkun meħtieġ, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ippreżenta d-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali tiegħu għandha toħroġ valutazzjoni tat-taxxa emendata. Meta l-aġġustamenti jaffettwaw il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun ippreżenta d-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali tiegħu għandha tinnotifika minnufih, permezz tat-tim tal-BEFIT, lill-awtorità tad-dikjarazzjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn kollha li fihom il-membri l-oħrajn tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

3. Wara li tirċievi valutazzjoni tat-taxxa emendata f'konformità mal-paragrafu 2, l-awtorità tad-dikjarazzjoni għandha toħroġ dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT riveduta fi żmien xahar u tibgħat din id-dikjarazzjoni minnufih, permezz tat-tim tal-BEFIT, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom il-membri tal-grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti. L-awtorità tad-dikjarazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn li fihom il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti għandhom joħorġu valutazzjonijiet tat-taxxa emendati f'konformità mal-paragrafu 2, meta dan ikun xieraq.

4. Minkejja l-paragrafu 3, ma għandha tinħareġ l-ebda valutazzjoni tat-taxxa emendata sabiex tiġi aġġustata l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, meta d-differenza bejn il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT inizjalment iddikjarata u l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT riveduta ma taqbiżx l-inqas minn bejn EUR 10,000 jew 1 % tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT.

## TAQSIMA 5

## AWDITI

*Artikolu 65*

***Awditi***

1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tibda u tikkoordina awditi tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li huma residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti f'dak l-Istat Membru.

2. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li fih membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti tista' tintalab mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor li fih ikun hemm tal-anqas membru wieħed tal-istess BEFIT grupp sabiex tipparteċipa f'awditu konġunt mal-awtorità msemmija l-aħħar. L-awditi konġunti għandhom jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE[35] dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni. Minkejja din ir-regola, l-awtorità kompetenti rikjesta għandha taċċetta talba bħal din u tinforma lit-tim tal-BEFIT.

3. Awditu (li jinkludi awditu konġunt) għandu jitmexxa f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru li fih jitwettaq, soġġett għal dawk l-aġġustamenti li jkunu neċessarji sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva. Dawk l-awditi jistgħu jinkludu inkjesti, spezzjonijiet jew eżamijiet ta' kwalunkwe xorta għall-fini ta' verifika tal-konformità ta' kontribwent ma' din id-Direttiva.

4. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih jitwettaq l-awditu jew l-awditu konġunt għandha tinforma lit-tim tal-BEFIT bir-riżultati ta' awditu jew ta' awditu konġunt li jaffettwa l-eżitu tal-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għas-sena fiskali li jirreferi għaliha. Il-membri l-oħrajn tat-tim tal-BEFIT għandhom jesprimu l-fehmiet tagħhom fi żmien 3 xhur.

5. Wara awditu jew awditu konġunt li jaffettwa l-eżitu tal-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT fil-paragrafu 4, l-awtorità tad-dikjarazzjoni għandha toħroġ dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT riveduta fi żmien xahar u tibgħat din id-dikjarazzjoni minnufih, permezz tat-tim tal-BEFIT, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom il-membri tal-grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti. L-awtorità tad-dikjarazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn li fihom il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti għandhom joħorġu valutazzjonijiet tat-taxxa emendati f'konformità mal-Artikolu 64, meta dan ikun xieraq.

6. Minkejja l-paragrafu 5, ma għandha tinħareġ l-ebda valutazzjoni tat-taxxa emendata sabiex tiġi aġġustata l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, meta d-differenza bejn il-bażi għat-

[35] Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1)

taxxa tal-BEFIT inizjalment iddikjarata u l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT riveduta ma taqbiżx l-inqas minn bejn EUR 10 000 jew 1 % tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT.

## TAQSIMA 6

## APPELLI

*Artikolu 66*

***Appelli amministrattivi fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT***

1. L-entità dikjaranti tista' tappella kontra l-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT, f'konformità mal-Artikolu 59, fi żmien xahrejn wara li tkun inħarġet jew ġiet innotifikata d-dikjarazzjoni. L-appell għandu jinstema' minn korp amministrattiv li, f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru tal-awtorità tad-dikjarazzjoni, ikun kompetenti sabiex jisma' appelli fil-prima istanza. L-appell amministrattiv għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru tal-awtorità tad-dikjarazzjoni. Meta ma jkun hemm l-ebda korp amministrattiv bħal dan fl-Istat Membru tal-awtorità tad-dikjarazzjoni, il-membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jippreżenta appell ġudizzjarju direttament.

2. Meta tagħmel sottomissjonijiet lill-korp amministrattiv, l-awtorità tad-dikjarazzjoni, skont il-każ, għandha tikkonsulta, permezz tat-tim tal-BEFIT, lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn tal-Istati Membri li fihom il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

3. Il-korp amministrattiv imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiddeċiedi fuq l-appell fi żmien xahrejn. Jekk id-deċiżjoni tvarja mid-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT inizjali, id-deċiżjoni varjata għandha tissostitwixxi d-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT oriġinali. Jekk ma tasal l-ebda deċiżjoni mill-entità dikjaranti f'dak il-perjodu, id-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT għandha titqies li ġiet ikkonfermata.

4. Minkejja l-Artikolu 62(1), il-perjodu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tat-taxxa individwali għandu jinbeda meta tittieħed id-deċiżjoni dwar l-appell jew id-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT titqies li ġiet ikkonfermata skont il-paragrafu 3.

*Artikolu 67*

***Appelli amministrattivi fir-rigward ta' valutazzjonijiet tat-taxxa individwali***

1. Membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jappella kontra l-kontenut tal-assi tat-taxxa individwali magħmula skont l-Artikolu 64 quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien xahrejn wara li l-valutazzjoni tiġi nnotifikata lilu. L-appell amministrattiv għandu jinstema' minn korp amministrattiv li, f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru tal-membru tal-grupp tal-BEFIT, ikun kompetenti sabiex jisma' appelli fil-prima istanza. L-appell amministrattiv għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti. Meta ma jkun hemm l-ebda korp amministrattiv bħal dan

fl-Istat Membru fejn il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti, il-membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jippreżenta appell ġudizzjarju direttament.

2. Meta tagħmel sottomissjonijiet lill-korp amministrattiv, l-awtorità kompetenti ta' membru tal-grupp tal-BEFIT, skont il-każ, għandha tikkonsulta, permezz tat-tim tal-BEFIT, lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn tal-Istati Membri li fihom il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

3. Meta deċiżjoni meħuda skont il-paragrafu 1 taffettwa l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun ippreżenta l-appell tiegħu għandha tinnotifika, permezz tat-tim tal-BEFIT, lill-awtorità tad-dikjarazzjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn li fihom il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti. L-awtorità tad-dikjarazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn tal-Istati Membri kollha li fihom il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti , għandhom joħorġu valutazzjonijiet tat-taxxa emendati f'konformità mal-Artikolu 64, , meta dan ikun xieraq.

4. Minkejja l-paragrafu 3, ma għandha tinħareġ l-ebda valutazzjoni tat-taxxa emendata sabiex tiġi aġġustata l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, meta d-differenza bejn il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT inizjalment iddikjarata u l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT riveduta ma taqbiżx l-inqas minn bejn EUR 10,000 jew 1 % tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT.

*Artikolu 68*

***Appelli ġudizzjarji fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT***

1. Meta d-deċiżjoni skont l-Artikolu 66 tkun ġiet ikkonfermata jew varjata, l-entità dikjaranti għandu jkollha d-dritt li tappella direttament quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn tkun residenti għal finijiet tat-taxxa jew tinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien xahrejn mir-riċevuta tad-deċiżjoni tal-korp tal-appelli amministrattivi. Appell ġudizzjarju għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru fejn l-entità dikjaranti tkun residenti għal finijiet tat-taxxa jew tinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

2. Meta tagħmel preżentazzjonijiet quddiem il-qorti, l-awtorità tad-dikjarazzjoni, skont il-każ, għandha tikkonsulta permezz tat-tim BEFIT, lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn tal-Istati Membri li fihom il-membri tal-istess grupp BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

3. Meta tittieħed deċiżjoni skont il-paragrafu 1, l-awtorità tad-dikjarazzjoni għandha tibgħat minnufih, permezz tat-tim BEFIT, dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT emendata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom il-membri tal-istess grupp BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti. L-awtorità tad-dikjarazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn fl-Istati Membri li fihom il-membri tal-istess grupp BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti, meta jkun xieraq għandhom joħorġu valutazzjonijiet tat-taxxa emendati f'konformità mal-Artikolu 64.

4. Minkejja l-paragrafu 3, ma għandha tinħareġ l-ebda valutazzjoni tat-taxxa emendata sabiex tiġi aġġustata l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, meta d-differenza bejn il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT inizjalment iddikjarata u l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT riveduta ma taqbiżx l-inqas minn bejn EUR 10,000 jew 1 % tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT.

*Artikolu 69*

***Appelli ġudizzjarji fir-rigward ta' valutazzjonijiet tat-taxxa individwali***

1. Meta d-deċiżjoni skont l-Artikolu 67 tkun ġiet ikkonfermata jew varjata, membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkollu d-dritt li jappella quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien xahrejn wara li tkun ġiet innotifikata lilu d-deċiżjoni tal-korp tal-appelli amministrattivi msemmi fl-Artikolu 67. L-appell ġudizzjarju għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

2. Meta tagħmel preżentati quddiem il-qorti, l-awtorità kompetenti ta' membru tal-grupp tal-BEFIT, skont il-każ, għandha tikkonsulta, permezz tat-tim tal-BEFIT, lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn tal-Istati Membri li fihom il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

3. Meta deċiżjoni meħuda skont il-paragrafu 1 taffettwa l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun ippreżenta l-appell tiegħu għandha tinnotifika, permezz tat-tim tal-BEFIT, lill-awtorità tad-dikjarazzjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn li fihom il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti. L-awtorità tad-dikjarazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn tal-Istati Membri kollha li fihom il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti , għandhom joħorġu valutazzjonijiet tat-taxxa emendati f'konformità mal-Artikolu 64, , meta dan ikun xieraq.

4. Minkejja l-paragrafu 3, ma għandha tinħareġ l-ebda valutazzjoni tat-taxxa emendata sabiex tiġi aġġustata l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, meta d-differenza bejn il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT inizjalment iddikjarata u l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT riveduta ma taqbiżx l-inqas minn bejn EUR 10,000 jew 1 % tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT.

*Artikolu 70*

***Terminu ta' Preskrizzjoni***

Meta l-eżitu ta' appell amministrattiv jew ġudizzjarju jkun jeħtieġ emendi għall-valutazzjoni tat-taxxa individwali ta' membru wieħed jew aktar ta' grupp tal-BEFIT, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li t-tali emendi jibqgħu possibbli, minkejja kwalunkwe limitu ta' żmien fil-liġijiet domestiċi tal-Istati Membri.

## TAQSIMA 7

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 71*

***Żvelar ta' informazzjoni u ta' dokumenti***

1. L-informazzjoni kkomunikata bejn l-Istati Membri fi kwalunkwe forma skont din id-Direttiva għandha tkun koperta bl-obbligu tas-segretezza uffiċjali kif stabbilit fil-liġi nazzjonali tal-Istat(i) Membru/i li jirċievi/u din l-informazzjoni. Din l-informazzjoni tista' tintuża għall-amministrazzjoni u għall-infurzar tal-liġijiet domestiċi tal-Istati Membri fir-rigward tat-taxxi skont din id-Direttiva.

2. Barra minn hekk, it-tali informazzjoni tista' tintuża b'rabta ma' proċedimenti ġudizzjarji u amministrattivi li jistgħu jinvolvu penali, li jinbdew bħala riżultat ta' ksur tal-liġi dwar it-taxxa, mingħajr preġudizzju għar-regoli ġenerali u għad-dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet tal-konvenuti u tax-xhieda fi proċedimenti bħal dawn.

*Artikolu 72*

***Penali***

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li jiġu implimentati u infurzati. Il-penali u l-miżuri ta' konformità previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

# KAPITOLU VI

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 73*

***Proċedura ta' Kumitat***

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011[36].

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

[36] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

*Artikolu 74*

***Eżerċizzju tad-delega***

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 2(8) u 14(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

3. Id-delega tas-setgħa tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah lill-Kunsill.

6. Att delegat għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn ta' notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill jinforma lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjona. Dak il-perjodu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Kunsill.

*Artikolu 75*

***Notifika lill-Parlament Ewropew***

Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat mill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni ta' atti delegati, dwar kwalunkwe oġġezzjoni fformulata għalihom, u dwar ir-revoka tad-delega tas-setgħat mill-Kunsill.

*Artikolu 76*

***Protezzjoni tad-Data***

1. L-Istati Membri jistgħu jipproċessaw *data* personali skont din id-Direttiva biss għall-fini tal-applikazzjoni tal-Kapitolu IV kif ukoll għall-fini tal-eżami u tal-ilħuq ta' kunsens dwar il-kontenut tar-ritorn u tal-proċessar tal-informazzjoni tal-BEFIT u tal-valutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa individwali skont il-Kapitolu V. Meta tiġi pproċessata *data* personali għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jitqiesu bħala kontrolluri, skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet rispettivi tagħhom skont din id-Direttiva.

2. L-informazzjoni, inkluża d-*data* personali, ipproċessata f'konformità ma' din id-Direttiva, għandha tinżamm biss sakemm tkun neċessarja sabiex jintlaħqu l-finijiet ta' din id-Direttiva, f'konformità mal-liġi nazzjonali ta' kull kontrollur tad-*data* dwar il-preskrizzjoni, iżda fi kwalunkwe każ għal mhux aktar minn 10 snin.

*Artikolu 7*

***Rieżami mill-Kummissjoni tal-operat tal-BEFIT***

1. 5 snin wara li din id-Direttiva tibda tapplika, il-Kummissjoni għandha teżamina u tevalwa l-funzjonament tagħha u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal dak il-għan. Meta jkun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta sabiex tiġi emendata din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tad-Direttiva f'konformità mal-paragrafu 3, inkluża d-*data* aggregata dwar il-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa fil-ġuriżdizzjoni tagħhom u l-istabbilimenti permanenti tagħhom li joperaw fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, sabiex jiġi vvalutat kif xieraq l-impatt tar-regola tal-allokazzjoni tat-tranżizzjoni u tad-Direttiva (UE) 2022/2523 kif ukoll sabiex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni rigward l-Ewwel Pilastru tad-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija miftiehma mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fit-8 ta' Ottubru 2021.

3. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri għall-fini tal-evalwazzjoni tal-funzjonament ta' din id-Direttiva, kif imsemmi fil-paragrafu 2, kif ukoll il-format u l-kundizzjonijiet għall-komunikazzjoni ta' dik l-informazzjoni.

4. L-informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 għandha tinżamm kunfidenzjali mill-Kummissjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u mal-Artikolu 76 ta' din id-Direttiva.

5. L-informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 2, kif ukoll kwalunkwe rapport jew dokument prodott mill-Kummissjoni li juża tali informazzjoni, jistgħu jiġu trażmessi lil Stati Membri oħrajn. L-informazzjoni trażmessa għandha tkun koperta mill-obbligu ta' segretezza uffiċjali, kif stabbilit rigward informazzjoni simili fid-dritt nazzjonali tal-Istat(i) Membru/i li rċevieha/rċevewha.

*Artikolu 78*

***Traspożizzjoni***

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sal-1 ta' Jannar 2028. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

2. Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju 2028.

3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew jakkumpanjawhom b'referenza bħal din meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

4. Malli din id-Direttiva tkun daħlet fis-seħħ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni tkun mgħarrfa, fi żmien suffiċjenti sabiex din tkun tista' tippreżenta l-kummenti tagħha dwar kwalunkwe abbozz ta' liġijiet, regolament jew dispożizzjoni

amministrattiva li jkollhom l-intenzjoni li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 79*

***Dħul fis-seħħ***

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 80*

***Destinatarji***

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/XXX ta' XX ta' Settembru 2023 dwar in-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT) |

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

**Politika tat-tassazzjoni 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':**

**☒ azzjoni ġdida**

**☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[37]

**☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

**☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

| |
|---|
| Il-proposta għandha l-għan li tiżviluppa qafas komuni tat-taxxa korporattiva b'appoġġ għas-suq intern. Bħalissa ma hemm l-ebda sistema komuni tat-taxxa korporattiva għall-komputazzjoni tal-introjtu taxxabbli tan-negozji tal-UE, iżda 27 sistema nazzjonali differenti, li jagħmluha diffiċli u għalja għall-kumpaniji sabiex joperaw negozju madwar is-suq intern kollu. Il-proposta takkomoda l-ħtieġa għal grad ta' ċertezza tat-taxxa u għal konformità mar-regoli tat-taxxa aktar faċli, filwaqt li tipprovdi dawn għal negozji akbar li għandhom preżenza taxxabbli f'diversi Stati Membri. Għal dan, il-proposta tibni b'mod partikolari fuq il-kisbiet maqbulin f'livell internazzjonali tal-Approċċ b'Żewġ Pilastri tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20. |

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

| |
|---|
| <u>Objettiv speċifiku Nru</u><br><br>1) L-ewwel objettiv speċifiku tal-proposta tal-BEFIT huwa **li jitnaqqsu l-kostijiet ta' konformità** għan-negozji tal-UE. Billi l-proposta tipprovdi lin-negozji tal-UE b'sett simplifikat ta' regoli tat-taxxa, meta mqabblin mal-ambjent kurrenti, jenħtieġ li jkunu meħtieġa anqas riżorsi għan-negozji sabiex jikkonformaw.<br><br>2) It-tieni nett, il-proposta tal-BEFIT għandha l-għan li **tħeġġeġ l-espansjoni transfruntiera**, b'mod partikolari, tal-SMEs.<br><br>3) Barra minn hekk, il-proposta tal-BEFIT tikkontribwixxi **għat-tnaqqis tad-distorsjonijiet** li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet kummerċjali u tnaqqas il-frammentazzjoni fis-suq intern. Diversi aspetti tal-proposta tal-BEFIT jistgħu jgħinu sabiex jintlaħaq dan l-objettiv. L-Element numru 1 jipprovdi kompetizzjoni ġusta għal gruppi ta' kumpaniji fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu billi jistabbilixxi sett uniformi ta' regoli tat-taxxa korporattiva għan-negozji li joperaw fis-suq intern. |

[37] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

4) Fl-aħħar nett, il-proposta tal-BEFIT għandha wkoll l-għan li **tnaqqas ir-riskju ta' taxxa doppja u żejda u ta' tilwimiet dwar it-taxxa**. Il-proposta tinkludi diversi aspetti li jilħqu dan l-objettiv.

### 1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Il-Proposta tintroduċi qafas komuni ta' regoli dwar it-taxxa korporattiva li jissostitwixxi s-sistemi nazzjonali kurrenti tat-taxxa korporattiva għan-negozji fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Se jkollha l-għan ewlieni li ġġib simplifikazzjoni għall-kontribwenti u tħeġġeġ it-tkabbir u l-investiment fis-suq intern filwaqt li tillivella l-kundizzjonijiet ekwivalenti li fihom joperaw in-negozji.

### 1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

| **Objettivi Speċifiċi** | **Indikaturi** | **Għodod ta' Kejl** |
|---|---|---|
| Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità għan-negozji tal-UE | L-implimentazzjoni u l-ewwel kostijiet operatorji tal-BEFIT għall-gruppi taħt l-Element numru 1, meta mqabblin mal-fatturat<br><br>Il-kostijiet tat-taħriġ għar-riżorsi umani fin-negozji u fl-amministrazzjonijiet tat-taxxa | Stħarriġ/kwestjonarju għal gruppi kbar, mid-DĠ TAXUD, possibbilment b'assistenza esterna, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri |
| | In-numru ta' gruppi li għażlu li japplikaw l-Element numru 1 | Id-*data* riċevuta mid-DĠ TAXUD mill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, li jkollha din l-informazzjoni disponibbli bħala "Awtoritajiet tad-Dikjarazzjoni" |
| | In-numru u l-kost ta' tilwimiet dwar it-taxxa doppja bejn l-Istati Membri, li jidhru bħala "entrati ġodda" (wara li l-BEFIT bdiet japplika) fil-proċeduri tal-MAP u fl-Arbitraġġ | Id-*data* miġbura mid-DĠ TAXUD dwar MAPs ġodda u numri ta' każijiet skont il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ u d-Direttiva dwar il-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-taxxa |
| | Il-kostijiet tal-konformità għall-SMEs taħt l-Element numru 2, meta mqabblin mal-fatturat tagħhom u ma' SMEs komparabbli li ma japplikawx ir-regoli HOT | Stħarriġ/kwestjonarju għall-SMEs, mill-Kummissjoni Ewropea, possibbilment b'assistenza esterna, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri |

| | | |
|---|---|---|
| Sabiex titħeġġeġ l-espansjoni transfruntiera, b'mod partikolari għall-SMEs | In-numru ta' SMEs eliġibbli li jagħżlu li japplikaw l-Element numru 2<br><br>In-numru ta' SMEs li għażlu li japplikaw l-Element numru 2<br><br>In-numru ta' SMEs li espandew b'mod transfruntier billi stabbilew stabbiliment permanenti<br><br>In-numru ta' SMEs li joħorġu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Element numru 2 billi jistabbilixxu sussidjarja<br><br>In-numru ta' gruppi kbar li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni obbligatorju tal-Element numru 1 | Stħarriġ dwar id-*data* aggregata mid-DĠ TAXUD għall-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, li jkollhom din l-informazzjoni disponibbli<br><br>Stħarriġ/kwestjonarju għall-SMEs, mill-Kummissjoni Ewropea, possibbilment b'assistenza esterna, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri<br><br>Id-*data* riċevuta mid-DĠ TAXUD mill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, li jkollha din l-informazzjoni disponibbli bħala "Awtoritajiet tad-Dikjarazzjoni" |
| Sabiex jitnaqqsu d-distorsjonijiet li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet kummerċjali fis-suq intern u, b'hekk, jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji tal-UE | In-numru ta' każijiet li fihom l-Istati Membri kellhom jagħlqu skemi tat-taxxa artifiċjali<br><br>L-evoluzzjoni tal-PDG tal-UE | Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa permezz ta' stħarriġ li jiġi ċċirkolat mid-DĠ TAXUD<br><br>L-istatistiki dwar il-kontijiet nazzjonali u l-PDG mill-Eurostat |
| Sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' taxxa doppja jew ta' taxxa żejda u ta' tilwimiet | In-numru ta' tilwimiet dwar it-taxxa doppja bejn l-Istati Membri, li jidhru bħala "entrati ġodda" (wara li l-BEFIT bdiet japplika) fil-proċeduri tal-MAP u fl-Arbitraġġ | Id-*data* miġbura mit-TAXUD dwar MAPs ġodda u numri ta' każijiet skont il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ u d-Direttiva dwar il-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-taxxa |

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Wara li tiġi ppreżentata d-Dikjarazzjoni tal-Informazzjoni tal-BEFIT, u jkun magħruf liema entitajiet ikunu inklużi fil-Grupp BEFIT, ir-rappreżentanti tal-Awtorità tad-Dikjarazzjoni jifformaw flimkien mar-rappreżentanti tal-awtoritajiet tat-taxxa lokali rilevanti l-oħrajn tim tal-BEFIT għall-Grupp tal-BEFIT rispettiv. Dan ifisser li għal kull Grupp tal-BEFIT ikun hemm tim tal-BEFIT bħal dan.

Sabiex tiffaċilita l-operat u l-komunikazzjoni tal-uffiċjali fi ħdan kull tim tal-BEFIT, il-Kummissjoni jkollha tadotta l-arranġamenti prattiċi neċessarji, li jinkludu miżuri sabiex tiġi standardizzata l-komunikazzjoni tal-informazzjoni bejn il-membri tat-timijiet tal-BEFIT permezz tal-użu ta' għodda kollaborattiva tal-BEFIT. F'termini ta' żmien għall-istabbiliment tal-għodda kollaborattiva tal-BEFIT, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu jeħtieġu perjodu ta' żmien wara l-adozzjoni tal-proposta sabiex ikunu jistgħu jimplimentaw is-sistemi, sabiex jippermettu l-operat u l-komunikazzjoni tat-timijiet tal-BEFIT.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Azzjonijiet individwali mill-Istati Membri ma jipprovdu l-ebda soluzzjoni effiċjenti u effettiva sabiex jiġi żgurat qafas komuni fattibbli tat-taxxa korporattiva. Minflok ma kull Stat Membru jalloka riżorsi umani separatament għall-valutazzjoni tal-obbligazzjonijiet ta' taxxa tal-istess gruppi transfruntieri, dawn ir-riżorsi disponibbli issa se jintużaw b'mod kollettiv b'mod aktar effettiv u mmirat permezz tat-timijiet BEFIT. Approċċ tal-UE jidher preferibbli, billi jista' jiffaċilita l-operat u l-komunikazzjoni ta' dawn it-timijiet tal-BEFIT u jkollu aktar koerenza u tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-kontribwenti u għall-awtoritajiet tat-taxxa.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-inizjattiva hija mekkaniżmu ġdid. L-għażla ppreferuta fil-Valutazzjoni tal-Impatt hija l-Punt Uniku ta' Servizz Ibridu. Din l-għażla tfisser li d-Dikjarazzjoni tal-Informazzjoni tal-BEFIT tiġi ttrattata ċentralment permezz tal-Awtorità tad-Dikjarazzjoni filwaqt li d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa individwali, l-awditi u s-soluzzjoni tat-tilwim jibqgħu primarjament lokali f'konformità mas-sovranità fiskali nazzjonali. Din l-għażla tagħti prijorità lis-sempliċità u żżomm il-piż amministrattiv għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa għal livell baxx raġonevoli filwaqt li toħloq ukoll l-aħjar bilanċ possibbli bejn is-sempliċità ta' punt uniku ta' servizz u r-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri.

It-Timijiet tal-BEFIT ikollhom rwol importanti f'dan il-bilanċ. Ikollhom l-għan li jilħqu ftehim bikri dwar punti ewlenin tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT u jipprovdu grad ta' ċertezza tat-taxxa, li jenħtieġ li jnaqqas il-kostijiet tal-konformità, tal-anqas gradwalment, u jrawwem is-Suq intern bħala ambjent ta' tkabbir u ta' investiment.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

| |
|---|
| Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-Seklu 21, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tressaq proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi r-regoli tal-Unjoni għan-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT). Meta jkun possibbli, il-Proposta tuża l-proċeduri, l-arranġamenti u l-għodod tal-IT diġà stabbiliti jew li qegħdin jiġu żviluppati fil-qafas tad-DAC. |

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

| |
|---|
| Il-kostijiet ta' implimentazzjoni tal-inizjattiva jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-UE fir-rigward biss tal-komponenti ċentrali għall-għodda kollaborattiva tal-BEFIT. Dan jiġi ffinanzjat permezz ta' riallokazzjonijiet mill-pakkett Fiscalis. Inkella, se jkun f'idejn l-Istati Membri li jimplimentaw il-miżuri previsti. |

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

1. ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

1. segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)[38]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

2. ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

3. ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

4. ☐ lill-korpi msemmijin fl-Artikoli 64 u 65 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

5. ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

6. ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Fir-rigward tal-għodda kollaborattiva tal-BEFIT li tiffaċilita l-operat u l-komunikazzjoni tat-timijiet tal-BEFIT, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-iżvilupp u għall-operat ta' din l-

[38] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx

għodda. L-Istati Membri jieħdu impenn li joħolqu l-infrastruttura domestika xierqa li tippermetti l-komunikazzjoni tal-informazzjoni bejn il-membri tat-timijiet tal-BEFIT permezz tal-għodda kollaborattiva tal-BEFIT.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-Kummissjoni timmonitorja kontinwament l-effettività u l-effiċjenza tal-Proposta, bl-użu tal-indikaturi predefiniti li ġejjin: l-implimentazzjoni u l-ewwel kostijiet operatorji tal-BEFIT; in-numru ta' gruppi ta' kumpaniji fil-kamp ta' applikazzjoni obbligatorju tal-proposta, kif ukoll in-numru ta' kumpaniji li jagħżlu li jipparteċipaw volontarjament; l-evoluzzjoni tal-kostijiet tal-konformità kemm tal-gruppi l-kbar kif ukoll tal-SMEs fl-UE; u n-numru ta' tilwimiet dwar it-taxxa doppja.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrieżamina s-sitwazzjoni fl-Istati Membri regolarment u tippubblika rapport. Il-qafas ta' monitoraġġ ikun soġġett għal aġġustamenti ulterjuri f'konformità mar-rekwiżiti legali u ta' implimentazzjoni finali u mal-iskeda ta' żmien.

Se ssir evalwazzjoni 5 snin wara l-implimentazzjoni tal-Proposta li se tippermetti lill-Kummissjoni tirrieżamina r-riżultati tal-politika fir-rigward tal-objettivi tagħha kif ukoll l-impatti ġenerali f'termini ta' dħul mit-taxxa, ta' negozji u tas-suq intern.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

L-implimentazzjoni tal-Proposta tiddependi fuq l-awtoritajiet kompetenti (l-amministrazzjonijiet tat-taxxa) tal-Istati Membri. Dawn ikunu responsabbli għall-finanzjament tas-sistemi nazzjonali tagħhom stess u għall-adattamenti neċessarji sabiex jippermettu l-komunikazzjoni tal-informazzjoni bejn il-membri tat-timijiet tal-BEFIT permezz tal-għodda kollaborattiva tal-BEFIT.

Il-Kummissjoni tistabbilixxi l-infrastruttura, l-għodda kollaborattiva tal-BEFIT, li tiffaċilita l-operat u l-komunikazzjoni tat-timijiet tal-BEFIT. Għalhekk, l-għodda kollaborattiva tal-BEFIT tiġi implimentata fil-modalità ta' ġestjoni diretta minħabba n-natura tal-infrastruttura meħtieġa għat-timijiet tal-BEFIT, spjegata aktar 'il fuq. Il-Kummissjoni tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex tipprovdi dan. Ma hemm l-ebda ħtieġa għal ġestjoni indiretta. Fil-qafas tal-ġestjoni kondiviża, kull Membru jiżviluppa l-għodda tiegħu stess, xi ħaġa li ma tkunx prattika, speċjalment minħabba li jkun hemm ħafna timijiet tal-BEFIT li jgħaqqdu ħafna kombinazzjonijiet differenti ta' Stati Membri. Fil-livell tal-Kummissjoni, ġew stabbiliti sistemi tal-IT li se jintużaw għal din il-Proposta. Il-Kummissjoni tkun qiegħda tiffinanzja l-iżvilupp ta' din l-għodda kollaborattiva tal-BEFIT, kif ukoll il-hosting, il-ġestjoni tal-kontenut, il-kriptaġġ, u l-manutenzjoni annwali tal-għodda.

#### *2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ma ġie identifikat l-ebda riskju peress li l-għodda kollaborattiva tal-BEFIT tkun infrastruttura ġdida u, għalhekk, ma għandha l-ebda preċedent. Is-sistema ta' kontroll intern tiddependi fuq is-sistemi fis-seħħ għall-programmi ta' finanzjament eżistenti taħt il-ġestjoni diretta tad-DĠ TAXUD (eż. Fiscalis). Bħala tali, jenħtieġ li ma tirriżultax f'riskji addizzjonali.

Is-sistema ta' kontroll intern ġenerali fis-seħħ fid-DĠ TAXUD għall-akkwisti (ibbażata fuq verifika *ex ante* dettaljata ta' 100 % tat-tranżazzjonijiet relatati), ippermettiet li r-rati ta' żball tal-programmi preċedenti ta' finanzjament (eż. Fiscalis) jinżammu ferm taħt il-livell limitu ta' materjalità (jiġifieri f'livell stmat ta' 0,5 %). Din is-sistema ta' kontroll se tintuża u tiġi applikata wkoll għall-għodda kollaborattiva BEFIT, u għalhekk tiżgura li r-rati ta' żball ikunu ferm taħt il-livell limitu ta' materjalità.

L-elementi ewlenin tal-istrateġija ta' kontroll huma:

Kuntratti ta' akkwist

Il-proċeduri ta' kontroll għal akkwist definiti fir-Regolament Finanzjarju: kwalunkwe kuntratt ta' akkwist jiġi stabbilit wara l-proċedura stabbilita ta' verifika mis-servizzi tal-Kummissjoni għall-pagament, filwaqt li jitqiesu l-obbligi kuntrattwali u l-ġestjoni finanzjarja u ġenerali tajba. Miżuri kontra l-frodi (kontrolli, rapporti, eċċ.) huma previsti fil-kuntratti kollha konklużi bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji. Termini dettaljati ta' referenza jiġu abbozzati u jifformaw il-bażi ta' kull kuntratt speċifiku. Il-proċess ta' aċċettazzjoni jsegwi b'mod strett il-metodoloġija TAXUD TEMPO: ir-riżultati jiġu rieżaminati, jekk ikun meħtieġ emendati u finalment aċċettati (jew irrifjutati) b'mod espliċitu. Ma tista' titħallas l-ebda fattura mingħajr "ittra ta' aċċettazzjoni".

Verifika teknika ta' akkwist

Id-DĠ TAXUD iwettaq kontrolli fuq ir-riżultati u jissorvelja l-operat u s-servizzi mwettqin mill-kuntratturi. Iwettaq ukoll verifiki tal-kwalità u s-sigurtà tal-kuntratturi tagħhom fuq bażi regolari. L-awditi tal-kwalità jivverifikaw il-konformità tal-proċessi effettivi tal-kuntratturi mar-regoli u mal-proċeduri definiti fil-pjanijiet ta' kwalità tagħhom. L-awditi tas-sigurtà jiffokaw fuq proċessi, proċeduri u konfigurazzjonijiet speċifiċi.

Minbarra l-kontrolli ta' hawn fuq, id-DĠ TAXUD iwettaq il-kontrolli finanzjarji tradizzjonali:

Verifikia *ex ante* tal-impenji

L-impenji kollha fid-DĠ TAXUD jiġu vverifikati mill-Kap tal-Unità tal-Finanzi u mill-korrispondent tan-negozju tar-Riżorsi Umani. B'riżultat ta' dan, 100 % tal-ammonti impenjati jiġu koperti mill-verifika *ex ante*. Il-proċedura tagħti livell għoli ta' garanzija fir-rigward tal-legalità u tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

Verifika *ex ante* tal-pagamenti

100 % tal-pagamenti huma vverifikati *ex ante*. Barra minn hekk, kull ġimgħa mill-anqas pagament wieħed (mill-kategoriji kollha tan-nefqiet) jintgħażel b'mod każwali għal verifika *ex ante* addizzjonali li titwettaq mill-kap tal-Unità tal-Finanzi u mill-korrispondent tan-negozju tar-Riżorsi Umani. Ma hemm l-ebda mira għal dak li jirrigwarda l-kopertura, billi l-għan ta' din il-verifika huwa l-iċċekkjar "każwali" tal-pagamenti sabiex jiġi vverifikat li l-pagamenti kollha jkunu preparati f'konformità mar-rekwiżiti. Il-pagamenti li jifdal jiġu pproċessati skont ir-regoli fis-seħħ kuljum.

Id-Dikjarazzjonijiet tal-Uffiċjali ta' Awtorizzazzjoni b'Sottodelegazzjonijiet (AOSD)

L-AOSD kollha jiffirmaw dikjarazzjonijiet li jappoġġaw ir-Rapport tal-Attività Annwali għas-sena kkonċernata. Dawn id-dikjarazzjonijiet ikopru l-operazzjonijiet skont il-programm. L-AOSD jiddikjaraw li l-operazzjonijiet konnessi mal-

implimentazzjoni tal-baġit ikunu twettqu f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti jkunu pprovdew garanzija sodisfaċenti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet u li r-riskji assoċjati ma' dawn l-operazzjonijiet ikunu ġew identifikati b'mod xieraq, u rapportati u li l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni jkunu ġew implimentati.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-pagament u fl-għeluq)*

Il-kontrolli stabbiliti jippermettu li d-DĠ TAXUD ikollu garanzija biżżejjed tal-kwalità u tar-regolarità tal-infiq u li jitnaqqas ir-riskju ta' nonkonformità. Il-miżuri tal-istrateġija tal-kontroll ta' hawn fuq inaqqsu r-riskji potenzjali taħt il-mira ta' 2 % u jilħqu lill-benefiċjarji kollha. Miżuri addizzjonali għat-tnaqqis ulterjuri tar-riskju jirriżultaw f'kostijiet sproporzjonalment għoljin u għaldaqstant ma humiex previsti. Il-kostijiet ġenerali involuti sabiex tiġi implimentata l-istrateġija ta' kontroll ta' hawn fuq – għall-infiq kollu skont il-programm Fiscalis – huma limitati għal 1,6 % tat-total tal-pagamenti magħmulin. Dan il-proporzjon ma huwiex mistenni li jinbidel għal din l-inizjattiva. Il-programm tal-istrateġija ta' kontroll jillimita r-riskju ta' nonkonformità għal prattikament żero u huwa wkoll proporzjonat mar-riskji involuti.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, fosthom verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/964 bl-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi tip ta' attività irregolari oħra li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjat skont dan ir-Regolament.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

(1) Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Diff./Mhux diff.[39] | mill-pajjiżi tal-EFTA[40] | mill-pajjiżi kandidati jew mill-kandidati potenzjali[41] | minn pajjiżi terzi oħrajn | dħul assenjat ieħor |
| 1 - Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali | 03 04 01 Kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (Fiscalis) | Diff | LE | LE | LE | LE |

39 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

40 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

41 Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

2. ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru 1 | Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali |
|---|---|---|

| DĠ: TAXUD | | | 2025[42] | 2026 | 2027 | | | | | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ○ Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | | | |
| 03 04 01 Kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (Fiscalis) | Impenji | (1a) | | 0,6 | 0,6 | | | | . | . | . | |
| | Pagamenti | (2a) | 0,3 | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[43] | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |

[42] Is-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva ma hijiex magħrufa. Bħala tali, is-sena 2025 titqies bħala suppożizzjoni.

[43] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DG** TAXUD | Impenji | =1a+1b+3 | | 0,6 | 0,6 | | | | | |
| | Pagamenti | =2a+2b+3 | 0,3 | | | | | | | |
| ○ TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | 0,6 | 0,6 | 0,6 | | | | |
| | Pagamenti | (5) | 0,3 | | | | | | | |
| ○ TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA <….>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | | 0,6 | 0,6 | 0,6 | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 0,3 | | | | | | | |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **7** | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

Din it-taqsima jenħtieġ li timtela billi tintuża d-"*data* baġitarja ta' natura amministrattiva" li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness 5 tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regoli interni għall-implimentazzjoni tat-taqsima tal-Kummissjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea), li jittella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | | | | | | | | |
| ○ Riżorsi umani | | | | | | | | |
| ○ Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | |

| TOTAL TAD-DĠ <…….> | Approprjazzjonijiet | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N**[44] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | | | | | | | | |
| | Pagamenti | | | | | | | | |

### *3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** | | | 2025 | 2026 | 2027 | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | |

44 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

| ⇩ | Tip[45] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[46]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Hosting u appoġġ | | | | | | 0,6 | | 0,6 | | | | | | | | | | 0,6 |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | 0,6 | | 0,6 | | | | | | | | | | 0,6 |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | | | 0,6 | | 0,6 | | | | | | | | | | 0,6 |

45 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).
46 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…"

*3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena N [47] | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Barra mill-INTESTATURA 7[48] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | | | | | | | | |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ,

47 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

48 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

3. ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | 2025 | 2026 | 2027 | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ○ **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | 0,2 | 0,1 | 0,1 | | | | |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| ○ **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)**[49] | | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | | |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| **XX** 01 xx **yy zz**[50] - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| **TOTAL** | **0,2** | **0,1** | **0,1** | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | Maniġer tan-Negozju għall-Għodda Kollaborattiva tal-BEFIT |
| Persunal estern | |

49 AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

50 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

### *3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

| |
|---|
| In-nefqa operazzjonali tiġi ffinanzjata mill-pakkett previst għall-programm Fiscalis, taħt l-Intestatura 1 tal-QFP. |

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

### *3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

4. ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[51] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[51] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

5. ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

    (a) ☐ fuq ir-riżorsi proprji

    a. ☐ fuq dħul ieħor

    (b) indika, jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[52] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena N | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| L-Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[…]

52 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.